

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 67



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

12 ta' Marzu 2009

Werrej

I Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 188/2009 tad-9 ta' Marzu 2009 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina** 1
- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 189/2009 tad-9 ta' Marzu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1425/2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u boroż tal-plastik li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fit-Tajlandja, u li jtemm il-proċediment dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u boroż tal-plastik li joriġinaw fil-Malajza** 5
- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 190/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 7
- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 191/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni minn tat-2 sa tas-6 ta' Marzu 2009 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest tal-kwoti tariffarji u tal-ftehimiet preferenzjali 9
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 192/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika fir-rigward tal-iskambju ta' dejta kunfidenzjali bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri ⁽¹⁾** 14

Prezz: 18 EUR

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 193/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika** 22
 - ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 194/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimponi dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' biodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika** 50
-

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

Il-Kummissjoni

2009/180/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-pubblikazzjoni b'restrizzjoni tar-referenza tal-istandard EN 12312-9:2005 "Tagħmir ta' appoġġ fl-art għall-inġenji tal-ajru – Rekwiżiti speċjali – Parti 9: Lowders tal-kontejners u l-palits" f'konformità mad-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 1551) ⁽¹⁾** 85
-

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

- ★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/181/PESK tal-11 ta' Marzu 2009 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina** 88
-



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

IV Atti oħrajn

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

Il-Kumitat Permanenti tal-Istati EFTA

- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 5/2008/KP tal-4 ta' Diċembru 2008 li jemenda d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Permanenti Nru 5/2004/KP u Nru 1/2007/KP li jistabbilixxu prinċipju tal-qsim tal-ispejjeż għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE 93

Corrigendum

- ★ Rettifika għad-Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-testijiet dwar jekk il-vetturi u l-karrijiet tagħhom humiex tajba għat-triq (ĠU L 46, 17.2.1997, Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 7 Volum 002) 95



I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 188/2009

tad-9 ta' Marzu 2009

li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Wara investigazzjoni ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 ⁽²⁾, impona dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom ("HPT") li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ"). Il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali kopra l-perjodu mill-1 ta' April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004.

(2) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 684/2008 ⁽³⁾ il-Kunsill ikkjarifika l-firxa tal-prodott tal-investigazzjoni oriġinali.

2. Talba għal reviżjoni

(3) Din ir-reviżjoni interim parzjali tnediet abbażi ta' talba li tressqet, u l-informazzjoni pprovduta, minn Yale (Hangzhou) Industrial Products Co. Ltd. ("Yale"), espor-

tatur mir-RPĊ. L-informazzjoni indikat li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom il-miżuri ġew stabbiliti fir-rigward tal-Yale inbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura permanenti. B'mod partikolari Yale pprovdha evidenza prima facie li wriet li tilħaq il-kriterji għal trattament tal-ekonomija tas-suq u li tqabbil ta' valur normali bbażat fuq l-ispejjeż tagħha stess u l-prezzijiet ta' esportazzjoni lill-Komunità għandu jwassal għal marġini ta' dumping ħafna inqas mil-livell attwali tal-miżuri. Għalhekk, l-issoktar tal-impożizzjoni ta' miżuri fil-livelli eżistenti, li kienu msejsa fuq il-livell tad-dumping li kien stabbilit qabel, jidher li mhux aktar meħtieġ biex jikkumpensa għad-dumping.

3. Investigazzjoni tar-reviżjoni

(4) Wara li ġie stabbilit, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed provi prima facie li jiġġustifikaw it-tnedija ta' reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni, b'avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾, ħabbret il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitat għall-eżami ta' dumping sa fejn jikkonċerna Yale.

(5) L-investigazzjoni tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2006 sat-30 ta' Settembru 2007 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni" jew "RIP").

(6) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lil Yale, kif ukoll ir-rappreżentanti tar-RPĊ ("pajjiż ikkonċernat"), u l-Industrija Komunitarja, kif iddefinit fl-investigazzjoni oriġinali, tat-tnedija tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-avviż ta' tnedija. Il-partijiet interessati kollha li għamliu din it-talba u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex kellhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 189, 21.7.2005, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 192, 19.7.2008, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 308, 19.12.2007, p. 15

(7) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil Yale, lill-produtturi tal-Industrija Komunitarja li kienu kkonċernati, lill-produtturi magħrufa tal-HPT fil-Kanada li għet magħżula bħala l-pajjiż analogu fl-investigazzjoni oriġinali u lill-produtturi magħrufa tal-HPT fl-Indja u l-Malaysia, li ssemew waqt l-investigazzjoni oriġinali bħala pajjiżi analogi alternattivi. Il-Kummissjoni bagħtet ukoll formola tat-talba għat-trattament tal-ekonomija tas-suq ("TES") lil Yale.

(8) Yale u produttur ieħor mill-Industrija Komunitarja bagħtu xi risposti għall-kwestjonarji, kif ukoll kummenti u informazzjoni.

(9) Il-Kummissjoni fittxet it-tagħrif kollu li hija kkunsidrat meħtieġ sabiex tistabbilixxi t-tes u d-dumping, analizzat it-tagħrif provdut u għamlet żjarat ta' verifika fis-siti tal-kumpaniji relatati:

— Yale (Hangzhou) Industrial Products Co. Ltd., Hangzhou, PRC,

— Yale Industrial Products GmbH, Velbert, Germany.

B. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

(10) Id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat tikkorrispondi ma' dik li ntużat fl-investigazzjoni oriġinali, kif ġie kkarifikat bir-Regolament (KE) Nru 684/2008. Il-prodott ikkonċernat, huwa l-pallet trucks tal-idejn, li ma jaħdmux waħedhom, li jintużaw għat-trattar tal-materjali li normalment jitqiegħdu fuq il-pallets, u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri xażi u hajdroliks, li joriġinaw mir-RPĊ, u normalment iddikjarat fi ħdan il-kodiċi NM ex 8427 90 00 u ex 8431 20 00. Għall-għanijiet tar-Regolament li jimponi d-dazju anti dumping definittiv imsemmi taħt il-premessa (1), il-pallet trucks tal-idejn huma trakkijiet b'roti li jirfdu l-lifting fork arms għat-tqandil tal-pallets, iddisinjati biex jiġu mbuttati, miġbuda u mmexxija bl-idejn, fuq uċuħ lixxi, invelli u iebes, minn operatur pedonali bl-użu ta' laċċ artikulat. Il-pallet trucks tal-idejn huma ddisinjati biss biex jgħollu t-tagħbija, billi jippompjaw il-laċċ, sa għoli biżżejjed għall-ġarr u ma għandhom l-ebda funzjoni jew użu addizzjonali ieħor bħal, per eżempju, (i) biex iġorru u jerfġu t-tagħbija biex ipoġġuha aktar fl-għoli jew jgħinu fil-ħżin tat-tagħbija ("highlifters"), (ii) biex jistivaw pallet wieħed fuq l-ieħor ("stackers"), (iii) biex jerfġu t-tagħbija għal livell fejn isir ix-xogħol ("scissorlifts") jew (iv) biex jerfġu u jiżnu t-tagħbija ("weighing trucks").

2. Il-prodott simili

(11) Ir-reviżjoni attwali wriet li l-HPT prodotti fir-RPĊ minn Yale u mibjugħa fis-suq Ċiniż għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi u l-istess użi bħal dawk li huma esportati lill-Komunità. Għalhekk, dawn il-prodotti huma meqjusa li huma prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI

1. It-trattament ta' ekonomija tas-suq ("MET")

(12) Skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, finvestigazzjonijiet anti-dumping li jikkonċernaw importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ il-valur normali għandu jiġi ddeterminat skont il-paragrafi 1 sa 6 ta' dak l-Artikolu għal dawk il-produtturi esportaturi li jkunu wrew li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fejn jintwera minn dawn il-produtturi esportaturi li l-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq huma prevalenti fir-rigward tal-manifattura u l-bejgħ tal-prodott simili. Fil-qosor, u biss biex ir-referenza tkun eħfef, dawn il-kriterji huma ppreżentati fil-qosor hawn taħt:

(1) id-deċizzjonijiet kummerċjali jsiru b'reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq, mingħajr indħil sinifikanti mill-Istat, u l-ispejjeż jirriflettu l-valuri tas-suq;

(2) id-ditti kummerċjali għandhom sett ċar ta' reġistri ta' kontabilità bażika li huma vverifikati indipendentement skont Standards ta' Kontabilità Internazzjonali ("IAS") u applikati għall-għanijiet kollha;

(3) ma hemm l-ebda tgħawwiġ sinifikanti li ntiret mis-sistema preċedenti ta' ekonomija mhux tas-suq;

(4) iċ-ċertezza ġuridika u l-istabbiltà huma pprovduki mil-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà;

(5) il-kambji tal-valuta jitwettqu bir-rata tas-suq.

(13) Yale talab għal TES skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku u wiegħu għall-formola tat-talba tat-tes għall-produtturi esportaturi fiż-żmien stabbilit tal-iska-denzi.

(14) Il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa u vverifikat l-informazzjoni li tressqet fit-talba għall-MET fl-istabbilimenti tal-kumpaniji kkonċernati.

- (15) Yale ma wrietx li ssodisfat il-kriterji kollha msemmija fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku. Il-kumpanija ma ssodisfatx il-kriterji 1, u 2.
- (16) Rigward il-kriterju 1 kien stabbilit fuq il-post li l-Artikoli tal-Assoċjazzjoni ("AoA") tal-kumpanija kellha restrizzjonijiet espliċiti tal-bejgħ domestiku, jiġifieri, il-kumpanija kienet obligata li tbigħ 100 % tal-prodotti tagħha lis-swiegħ barranin. Yale argumentat li daww ir-restrizzjonijiet qatt fil-fatt ma kellhom rwol minħabba fil-fatt li kellha xi ftit bejgħ domestiku minuri waqt l-RIP. Madankollu, il-kumpanija ma kinitx f'pożizzjoni li tippreżenta evidenza konkreta li turi li de facto u de jure ma kinitx suġġetta għar-restrizzjoni msemmija qabel stipulata mill-AoA tagħha. Barra minn hekk, l-evidenza tal-influenza tal-Istat fuq id-deċizzjonijiet tal-kumpanija fir-rigward tal-bejgħ għall-esportazzjoni ġiet stabbilita fuq il-post. Kien żvelat li sa mill-2002 Yale qiegħda tibbenefika minn tnaqqis mit-taxxa ta' 50 % fuq ir-rata tat-taxxa fuq id-dħul. Dan it-tnaqqis fit-taxxa ġej minn regoli ta' implimentazzjoni rilevanti tal-liġi tat-taxxa fuq id-dħul għall-intrapriżi mal-investment barrani u intrapriżi barranin. Ir-regoli jstipulaw li l-intrapriżi għall-esportazzjoni li jinvestu fihom il-barranin, bħal Yale, b'bejgħ għall-esportazzjoni li jammonta għal 70 % jew iktar mill-bejgħ totali għas-sena huma intitolati għal tnaqqis fit-taxxa ta' 50 % wara li jkun skada l-perjodu ta' tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul. Minn dan jidher li Yale ma tiħux id-deċizzjonijiet dwar in-negozju tagħha fir-rigward tal-bejgħ għall-esportazzjoni biss fid-dawl tas-sinjali tas-suq li jirriflettu l-provvista u d-domanda. Il-kumpanija hija suġġetta għal influenza sinifikanti min-naħa tal-Istat li tikkonsisti fl-għoti ta' ċerti benefiċċji tat-taxxa fuq il-kundizzjoni espliċita li tiegħi ċerti deċizzjonijiet tan-negozju fir-rigward tal-bejgħ tagħha kemm domestiku kif ukoll dak għall-esportazzjoni. Għaldaqstant, wara li tqies dak kollu msemmi hawn fuq, ġie konkluż li l-kumpanija ma wrietx li tissodisfa l-kriterju 1.
- (17) Fir-rigward tal-kriterju 2 kien stabbilit fuq il-post li l-prinċipji fundamentali tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità ġew injorati (jiġifieri l-prinċipju tad-dovuti, il-politiki tal-konverżjoni tar-rati ta' kambju, in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja u l-użu tal-kontijiet imħejjija biss għall-għanijiet tal-investigazzjoni) kemm fil-kontijiet kif ukoll fil-verifika tagħhom, li tefa' dubji fuq l-affidabilità tal-kontijiet tal-kumpanija. Għaldaqstant, ġie konkluż li l-kumpanija ma wrietx li tissodisfa l-kriterju 2.
- (18) Kemm Yale kif ukoll l-industrija Komunitarja ngħataw opportunità biex jikkumentaw dwar is-sejbiet li ssemew hawn fuq. Ma saru l-ebda kummenti speċifiċi fir-rigward tas-sejbiet ta' hawn fuq min-naħa ta' Yale fil-waqt li produttur wieħed tal-Industrija Komunitarja ressaq xi kummenti ġenerali.
- (19) Fuq il-bażi ta' dak imsemmi hawn fuq, ġie konkluż li Yale ma wrietx li tissodisfa l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku u, għalhekk, ma tistax tingħata MET.

2. It-trattament individwali ("TI")

- (20) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, dazju fuq skala nazzjonali, jekk jeżisti, għandu jkun stabbilit għal pajjiżi li jaqgħu taħt dak l-Artikolu, ħliet f'dawk il-każijiet fejn il-kumpaniji jkunu jistgħu juru li jissodisfaw il-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku u għalhekk jistgħu jingħataw IT.
- (21) Yale talbet IT fil-każ li ma tingħatax MET.
- (22) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, ġie stabbilit li l-kumpanija ma ssodisfatx ir-rekwiżiti kollha kif ġie stabbilit fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, kif ġie deskritt fid-dettal taħt il-premessa (16), ġie żvelat fil-verifika fuq il-post li l-kumpanija ma kinitx f'pożizzjoni li tiddetermina b'mod liberu l-kwantitajiet tal-esportazzjoni tagħha u l-kundizzjonijiet u t-termini tal-bejgħ. Tabilħaqq, kif ġie deskritt hawn fuq, id-deċizzjonijiet tal-kumpanija fir-rigward tal-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni kienu marbuta mar-restrizzjonijiet tal-bejgħ imposti min-naħa tal-Istat fl-AoA tal-kumpanija. B'hekk ġie konkluż li l-kumpanija ma setgħetx tingħata IT.

3. Marġini ta' dumping matul l-rip

- (23) Kif ġie deskritt taħt il-premessi 18 u (22) hawn fuq, Yale ma ngħatat la MET u lanqas IT. Għalhekk, is-sitwazzjoni ta' Yale ma nbidlitx fir-rigward tal-investigazzjoni oriġinali. F'dan ir-rigward, huwa mfakkar, kif ġie ddikjarat taħt il-premessa (4), li din ir-reviżjoni hija llimitata fil-firxa safejn jikkonċerna l-kumpanija Yale. Għalhekk, minħabba li la t-TES u lanqas l-IT ma ngħataw, ma jistax jiġi stabbilit marġini ta' dumping għid, kemm jekk ogħla kif ukoll jekk inqas minn dak eżistenti, għal Yale permezz ta' din ir-reviżjoni. Fl-aħħarnett, huwa importanti li wieħed jinnota li matul l-investigazzjoni oriġinali Yale kienet produttur magħruf għall-esportazzjoni fir-RPĊ, li l-Kummissjoni tat konsulenza uffiċjali fiż-żmien tat-tnejja tal-investigazzjoni oriġinali, iżda din ma kkoperax. Fl-investigazzjoni oriġinali ħames produtturi għall-esportazzjoni kkoperaw mal-investigazzjoni, li minnhom wieħed ingħata MET u erba' ingħataw IT. Fir-rigward ta' Yale, il-marġini ta' dumping kien il-marġini ta' dumping madwar il-pajjiż applikabbli għall-esportaturi kollha li ma kkoperawx mal-investigazzjoni oriġinali.

D. TMIEM IR-REVIŻJONI

- (24) Fid-dawl tar-riżultati tal-investigazzjoni, ir-reviżjoni għandha tintemm mingħajr emendar għal-livell tad-dazju applikabbli għal Yale, li għandha tinżamm fil-livell tar-rata ta' dazju antidumping definittiv stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri 46,7 %.

E. **ŻVELAR**

- (25) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet meħtieġa li abbażi ta' tagħhom kien maħsub li tintemm ir-reviżjoni attwali u li jinżamm id-dazju anti-dumping eżistenti fuq importazzjonijiet ta' HPT prodotti minn Yale.
- (26) Il-partijiet kollha nġhataw l-oportunità li jikkumentaw. Il-kummenti li waslu ma kinux ta' natura li jibdlu l-konklużjonijiet.
- (27) Wara l-iżvelar, Yale ddikjarat li għandha tingħata IT. Madankollu, l-argumenti li tressqu ma kinux issostanzjati adegwament u ma setgħux jargumentaw ir-risultati tal-investigazzjoni kif deskritt taħt il-premessa (16) u (22). Barra minn hekk, permezz ta' ittra tat-22 ta' Jannar 2009 u indirizzata lill-Kummissjoni, Yale rtirat l-applikazzjoni tagħha għal reviżjoni interim parzjali.

- (28) Din ir-reviżjoni għandha għalhekk tintemm mingħajr l-ebda emenda għar-Regolament (KE) Nru 1174/2005,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u tal-partijiet essenzjali ta' tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina, li nġhatat bidu skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, hija b'dan terminata mingħajr emendi għall-miżuri anti-dumping fis-seħħ.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament għall-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, 9 ta' Marzu 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

P. NEČAS

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 189/2009

tad-9 ta' Marzu 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1425/2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u boroż tal-plastik li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fit-Tajlandja, u li jtemm il-proċediment dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u boroż tal-plastik li joriġinaw fil-Malaġja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

2005) ("il-perjodu tal-investigazzjoni") (l-ewwel kriterju);

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/1996 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"),

— mhux relatat ma' xi wieħed mill-esportaturi jew produttori fir-RPĊ jew fit-Tajlandja li huma suġġetti għall-miżuri anti-dumping imposti minn dan ir-Regolament (it-tieni kriterju); kif ukoll

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1425/2006 ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

— fil-fatt esporta lejn il-Komunità l-prodotti kkonċernati wara l-perjodu tal-investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew li daħal l-obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikattiva lejn il-Komunità (it-tielet kriterju);

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

mela l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament jista' jiġi emendat billi tingħata lill-produttur ġdid li jesporta r-rata ta' dazju applikabbli lill-kumpaniji li jkkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, jiġifieri 8,4 % għall-kumpaniji Ċiniżi u 7,9 % għall-kumpaniji Tajlandiżi.

A. PROĊEDURA TA' QABEL

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 1425/2006 il-Kunsill impona dazju definittiv anti-dumping fuq importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' ċerti xkejjer u boroż tal-plastik li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet NM ex 3923 21 00 (kodiċi TARIC 3923 21 00 20), ex 3923 29 10 (kodiċi TARIC 3923 29 10 20) u ex 3923 29 90 (kodiċi TARIC 3923 29 90 20), li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ) u t-Tajlandja. Billi hemm numru kbir ta' produttori li jesportaw li kkooperaw fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tad-dazju anti-dumping ("l-investigazzjoni oriġinali"), intgħażel kampjun ta' produttori Ċiniżi u Tajlandiżi li jesportaw u rati individwali tad-dazju li jvarjaw minn 4,8 % għal 14,3 % ġew imposti fuq il-kumpaniji inklużi fil-kampjun, waqt li kumpaniji oħra li kkooperaw imma mhux inklużi fil-kampjun ingħataw rata ta' dazju ta' 8,4 % għar-RPĊ u 7,9 % għat-Tajlandja. Ġew imposti rati ta' dazju ta' 28,8 % għar-RPĊ u 14,3 % għat-Tajlandja fuq kumpaniji li jew ma ddikjarawx ruħhom inkella ma kkooperawx fl-investigazzjoni.

B. TALBIET TAL-PRODUTTURI ĠODDA LI JESPORTAW

(2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006 jistipula li, fir-RPĊ jew fit-Tajlandja, fejn xi produttur ġdid li jesporta jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li

(3) Seba' kumpaniji (ħames Ċiniżi u żewġ Tajlandiżi) applikaw biex jingħataw l-istess trattament bħall-kumpaniji li kkooperaw fl-investigazzjoni oriġinali li ma kinux inklużi fil-kampjun ("trattament ta' produttur ġdid li jesporta").

(4) Sar eżami biex jiġi stabbilit jekk is-seba' kumpaniji jissodisfaw il-kriterji biex jingħataw trattament ta' produttur ġdid li jesporta kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006.

(5) Intbagħtet formola ta' applikazzjoni lis-seba' applikanti kollha kemm huma li ntalbu wkoll jipprovdu xhieda biex juru li jissodisfaw it-tliet kriterji msemmija hawn fuq.

— ma esportax lejn il-Komunità l-prodotti deskritti fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament matul il-perjodu ta' investigazzjoni (l-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Marzu

(6) Żewġ kumpaniji Ċiniżi li talbu trattament ta' produttur ġdid li jesporta ma pprovdux l-informazzjoni mitluba. Għalhekk ma kienx possibbli li jiġi vverifikat jekk dawn il-kumpaniji jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006, u t-talba tagħhom kellha tiġi rrifjutata.

(1) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

(2) ĠU L 270, 29.9.2006, p. 4.

- (7) Kumpanija waħda Tajlandiża pprovdiet informazzjoni qarrieqa u għalhekk it-talba tagħha ġiet irrifjutata.
- (8) Kumpanija oħra Tajlandiża esportat il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk ma ssodisfatx l-ewwel kriterju u t-talba tagħha ġiet irrifjutata.
- (9) Ix-xhieda pprovduta mit-tliet produttori Ċiniżi l-oħra li jespportaw hija meqjusa suffiċjenti biex turi li huma jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006 u għalhekk jistgħu jingħataw ir-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun (8,4 % għal kumpaniji Ċiniżi) u b'konsegwenza ta' dan isimhom jiġi miżjud fil-lista tal-produtturi li jespportaw fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006.
- (10) L-applikanti kollha u l-industrija Komunitarja ġew infurmati bis-sejbiet tal-istħarriġ u kellhom l-opportunità li jibagħtu l-kummenti tagħhom.

- (11) L-argumenti u s-sottomissjonijiet kollha magħmula mill-partijiet interessati ġew analizzati u meħuda sewwa inkonsiderazzjoni fejn meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kumpaniji li ġejjin għandhom jiżiedu mal-lista ta' produttori mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006:

Kumpanija	Belt
Huiyang Kanlun Polyethylene Manufacture Factory	Huizhou
Bao Xiang Plastic Bag Manufacturing (Shenzhen) Co., Ltd.	Shenzhen
Quanzhou Polywin Packaging Co. Ltd.	Nanan

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Marzu 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
P. NEČAS

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 190/2009**tal-11 ta' Marzu 2009****li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Marzu 2009.

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-12 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	JO	78,3
	MA	64,4
	TN	134,4
	TR	101,2
	ZZ	94,6
0707 00 05	EG	147,3
	JO	166,9
	MA	93,4
	MK	133,4
	TR	147,6
	ZZ	137,7
0709 90 70	JO	249,0
	MA	58,8
	TR	90,4
	ZZ	132,7
0709 90 80	EG	74,5
	ZZ	74,5
0805 10 20	EG	42,0
	IL	52,8
	MA	45,2
	TN	56,6
	TR	62,9
	ZZ	51,9
0805 50 10	EG	51,3
	MA	61,0
	TR	46,2
	ZZ	52,8
0808 10 80	AR	103,2
	CA	86,3
	CL	100,5
	CN	85,4
	MK	22,7
	US	119,3
	UY	68,9
	ZZ	83,8
0808 20 50	AR	81,0
	CL	144,0
	CN	46,0
	US	105,7
	ZA	97,6
	ZZ	94,9

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 191/2009

tal-11 ta' Marzu 2009

li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni minn tat-2 sa tas-6 ta' Marzu 2009 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest tal-kwoti tariffarji u tal-ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jstabbilixxi, għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009, regoli dettaljati għall-applikazzjoni għall-importazzjoni u l-irfinar ta' prodotti tas-settur taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u ċerti ftehimiet preferenzjali ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni tressqu lill-awtoritajiet kompetenti fil-perjodu minn tat-2 sa tas-6 ta' Marzu 2009 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 950/2006 u/jew ir-Regolament (KE) Nru 508/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jiftaħ kwoti ta' tariffi għall-importazzjonijiet fil-Bulgarija u r-Rumanija taz-zokkor tal-kanna-

mieli mhux raffinat għal provvista lil raffineriji fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 ⁽³⁾, għal kwantità totali li hija daqs, jew aktar minn, dik disponibbli għan-numru tas-serje 09.4341 (2008-2009).

- (2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokkazzjoni sabiex jinħarġu liċenzji skont il-proporzjon tal-kwantità disponibbli u/jew tinforma lill-Istati Membri li jkun intlaħaq il-limitu li kien iffissat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa minn tat-2 sa tas-6 ta' Marzu 2009 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 u/jew l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 508/2007, għandhom jinħarġu liċenzji fil-limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 122, 11.5.2007, p. 1.

ANNEX

Zokkor Preferenzjali; l-AKP u l-Indja
Il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006
Is-sena tas-suq 2008/09

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 2.3.2009-6.3.2009	Limitu
09.4331	Il-Barbados	100	
09.4332	Il-Beliż	0	Intlaħqu
09.4333	Il-Kosta tal-Avorju	100	
09.4334	Ir-Repubblika tal-Kongo	100	
09.4335	Il-Fiġi	100	
09.4336	Il-Ġeorġja	100	
09.4337	L-Indja	0	Intlaħqu
09.4338	Il-Ġamajka	100	
09.4339	Il-Kenja	100	
09.4340	Il-Madagaskar	100	
09.4341	Il-Malawi	53,3492	Intlaħqu
09.4342	Il-Mawrizju	100	
09.4343	Il-Możambik	0	Intlaħqu
09.4344	Saint Kitts u Nevis	—	
09.4345	Is-Surinam	—	
09.4346	Is-Sważiland	0	Intlaħqu
09.4347	It-Tanzanija	100	
09.4348	Trinidad u Tobago	100	
09.4349	L-Uganda	—	
09.4350	Iż-Żambja	100	
09.4351	Iż-Żimbabwe	0	Intlaħqu

Zokkor Preferenzjali; L-AKP u L-Indja
Il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006
Is-sena tas-suq Lulju-Settembru 2009

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 2.3.2009-6.3.2009	Limitu
09.4331	Il-Barbados	—	Intlaħqu
09.4332	Il-Beliż	100	
09.4333	Il-Kosta tal-Avorju	—	
09.4334	Ir-Repubblika tal-Kongo	—	
09.4335	Il-Fiġi	—	
09.4336	Il-Ġeorġja	—	
09.4337	L-Indja	0	
09.4338	Il-Ġamajka	—	
09.4339	Il-Kenja	—	
09.4340	Il-Madagaskar	—	
09.4341	Il-Malawi	—	
09.4342	Il-Mawrizju	—	
09.4343	Il-Możambik	100	
09.4344	Saint Kitts u Nevis	—	
09.4345	Is-Surinam	—	
09.4346	Is-Sważiland	100	
09.4347	It-Tanzanija	—	
09.4348	Trinidad u Tobago	—	
09.4349	L-Uganda	—	
09.4350	Iż-Żambja	—	
09.4351	Iż-Żimbabwe	0	

Zokkor kumplementari
Il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 950/2006
Is-sena tas-suq 2008/09

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 2.3.2009-6.3.2009	Limitu
09.4315	L-Indja	—	
09.4316	Pajjiżi firmatarji tal-Protokoll AKP	—	

Zokkor konċessjonijiet CXL**Il-Kapitolu VI tar-Regolament (KE) Nru 950/2006****Is-sena tas-suq 2008/2009**

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 2.3.2009-6.3.2009	Limitu
09.4317	L-Awstralja	0	Intlaħqu
09.4318	Il-Brażil	0	Intlaħqu
09.4319	Kuba	0	Intlaħqu
09.4320	Pajjiżi terzi oħra	0	Intlaħqu

Zokkor Balkani**Il-Kapitolu VII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006****Is-sena tas-suq 2008/2009**

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 2.3.2009-6.3.2009	Limitu
09.4324	L-Albanija	100	Intlaħqu
09.4325	Il-Bożnja u Herzegovina	0	
09.4326	Is-Serbja u l-Kosovo (*)	100	
09.4327	L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	100	
09.4328	Il-Kroazja	100	

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

Zokkor ta' importazzjoni eċċezzjonali u industrijali**Il-Kapitolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006****Is-sena tas-suq 2008/2009**

Nru tas-serje	Tip	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 2.3.2009-6.3.2009	Limitu
09.4380	Eċċezzjonali	—	
09.4390	Industrijali	100	

Zokkor APE supplimentari
Il-Kapitolu VIII bis tar-Regolament (KE) Nru 950/2006
Is-sena tas-suq 2008/2009

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 2.3.2009-6.3.2009	Limitu
09.4431	Il-Komoros, Il-Madagaskar, Il-Mawrizju, is-Seychelles, Iż-Żambja, iż-Żimbabwe	100	
09.4432	Il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija, l-Uganda	100	
09.4433	Is-Sważiland	100	
09.4434	Il-Możambik	0	Intlaħqu
09.4435	Antigwa u Barbuda, il-Bahamas, il-Barbados, il-Beliż, Dominika, ir-Repubblika id-Dominikana, Grenada, il-Gujana, Haiti, il-Ġamajka, Saint Kitts u Nevis, Santa Luċija, u l-Grenadini, is-Surinam, it-Trinidad u Tobago	0	Intlaħqu
09.4436	Ir-Repubblika Dominikana	0	Intlaħqu
09.4437	Il-Fiġi, il-Papwa-Ginea Ġdida	100	

L-importazzjoni taz-zokkor taħt il-kwoti tranżizzjonali tat-tariffi miftuħin għall-Bulgarija u r-Rumanija
L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 508/2007
Is-sena tas-suq 2008/2009

Nru tas-serje	Tip	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 2.3.2009-6.3.2009	Limitu
09.4365	Il-Bulgarija	0	Intlaħqu
09.4366	Ir-Rumanija	100	

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 192/2009**tal-11 ta' Marzu 2009****li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika fir-rigward tal-iskambju ta' dejta kunfidenzjali bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 jistabbilixxi qafas komuni għdid għar-reġistri kummerċjali esklussivament għall-finijiet tal-istatistika sabiex jinżamm qafas armonizzat għall-iżvilupp ta' reġistri kummerċjali.
- (2) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 177/2008, hemm bżonn li jkunu stabbiliti l-format, il-miżuri ta' sigurtà u kunfidenzjalità, u l-proċedura għat-trażmissjoni tad-dejta dwar unitajiet individwali lill-Kummissjoni (Eurostat) u għat-trażmissjoni tad-dejta dwar gruppi ta' intrapriżi multi-nazzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
- (3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku, stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom⁽²⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Il-format**

Il-Kummissjoni (Eurostat) u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jittrażmettu d-dejta msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 177/2008 fil-format speċifikat fl-Anness, Parti A, ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6.⁽²⁾ ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

Il-Kummissjoni (Eurostat) u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu l-informazzjoni tal-metadata fil-format elettroniku ma' kull trażmissjoni tad-dejta skont l-istandards tas-Sistema ta' Statistika Ewropea u fil-format definit fil-verżjoni l-aktar riċenti tal-Manwal tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Eurostat dwar ir-Reġistri Kummerċjali disponibbli mill-Kummissjoni (Eurostat).

*Artikolu 2***Il-miżuri ta' kunfidenzjalità**

1. Id-dejta trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jew li l-Kummissjoni (Eurostat) tirċievi minn sorsi oħra, għanda tinżamm f'reġistru Komunitarju ta' gruppi ta' intrapriżi multi-nazzjonali u l-unitajiet li jagħmlu parti minnhom (minn hawn 'l quddiem imsemmija "ir-reġistru EuroGruppi").

2. Meta jittrażmettu dejta lill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 177/2008, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jimmarkaw id-dejta kunfidenzjali skont il-leġislazzjoni nazzjonali.

3. Biex ikun żgurat rekord konsistenti tad-dejta, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, għall-finijiet uniċi ta' statistika, tittrażmetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri, apparti lill-Istat Membru li qed jirrapporta, il-karatteristiċi speċifikati fil-Parti B tal-Anness, inklużi marki ta' kunfidenzjalità, dwar gruppi ta' intrapriżi multi-nazzjonali u l-unitajiet li jagħmlu parti minnhom, meta tal-anqas unità waħda mill-grupp tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

*Artikolu 3***Il-miżuri ta' sigurtà**

Il-Kummissjoni (Eurostat) u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaħżnu d-dejta li ġiet immarkata kunfidenzjali mill-awtoritajiet nazzjonali skont l-Artikolu 2(2) jew f'żona sikura b'aċċess ristrett u kkontrollat. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, fuq rikjesta, jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-miżuri ta' sigurtà applikati fl-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha b'mod simili tipprovdi informazzjoni dwar il-miżuri ta' sigurtà tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali.

It-trażmissjoni tad-dejta għandha ssir fil-format kodifikat u bl-użu tal-mezz ta' sigurtà użat mill-Kummissjoni (Eurostat) għall-iskambju ta' dejta kunfidenzjali.

Artikolu 4

Il-proċedura ta' trażmissjoni

1. Id-dejta u l-metadata trażmessi skont ir-Regolament għandhom ikunu skambjati fil-format elettroniku bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Kummissjoni (Eurostat). It-trażmissjoni għandha tkun konformi mal-istandards xierqa ta' skambju speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat). Id-dejta għandha tkun trażmessa b'mezzi elettroniċi u ttrasferita lill-

Kummissjoni (Eurostat) bl-użu tal-punt uniku ta' trażmissjoni għad-dejta.

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-istandards ta' skambju u linji-gwida fornuti mill-Kummissjoni (Eurostat) skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

A. L-ISTRUTTURA U L-FORMAT GĦAT-TRAŻMISSJONI

1. Introduzzjoni

L-istandardizzazzjoni tal-istrutturi tar-rekords tad-dejta hija fundamentali għall-ipproċessar effiċjenti tad-dejta. Hija stadju meħtieġ biex tiġi pprovduta dejta li tkun konformi mal-istandards ta' skambju speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat).

Id-dejta tintbagħat bħala sett ta' rekords (sett ta' dejta).

Dejta kunfidenzjali trid tintbagħat bil-valur veru mniżżel fis-sezzjoni tal-valur u sinjal li jindika li n-natura tad-dejta hi kunfidenzjali skont l-Artikolu 2(2).

Dejta monetarja trid tiġi espressa f'eluf ta' unitajiet tal-munita nazzjonali (Euro għall-pajjiżi fiż-żona tal-Euro). Il-pajjiżi li deħlin fiż-żona tal-Euro għandhom jirrapportaw id-dejta monetarja f'Euro minflok fil-munita nazzjonali hekk kif mis-sena tal-adeżjoni.

2. L-identifikatur tas-sett tad-dejta

Is-settijiet ta' dejta kollha li l-Kummissjoni (Eurostat) u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jittrażmettu għandhom ikunu identifikati bl-applikazzjoni tal-konvenzjoni tal-għoti ta' ismijiet speċifikata fid-dokumentazzjoni dettaljata u l-linji-gwida dwar l-istandards ta' skambju li l-Kummissjoni (Eurostat) tagħmel disponibbli.

3. Is-settijiet, l-istruttura u d-definizzjoni tas-sezzjonijiet tad-dejta

Din is-sezzjoni tagħti ħarsa lejn il-kontenut tas-settijiet tad-dejta li l-Kummissjoni (Eurostat) u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrażmettu. L-ismijiet tekniċi, l-istruttura, is-sezzjonijiet, il-kodiċi u l-karatteristiċi tad-dejta li għandhom ikunu użati għandhom ikunu inklużi fl-aktar verżjoni riċenti tal-Manwal tar-Rakommandazzjonijiet tal-Eurostat dwar ir-Reġistri Kummerċjali msemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 177/2008.

L-ipproċessar tad-dejta tar-reġistru tal-EuroGruppi huwa proċess ċikliku, li l-Kummissjoni (Eurostat) tibda b'mod ċentralizzat. Fl-aħħar ta' kull ċiklu, qafas tal-popolazzjoni għandu jkun disponibbli għal dawk li jiġbru l-istatistiċi fl-Istati Membri.

Fil-bidu ta' kull ċiklu l-Kummissjoni (Eurostat) tittrażmetti s-settijiet ta' dejta bil-metadata pereżempju l-klassifikazzjoni tan-NACE, lill-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali kompetenti (minn hawn 'l quddiem imsemmija bħala "NSAs") biex tiżgura li l-istess metadata hija disponibbli u użata f'kull pajjiż.

3.1. L-ewwel skambju ta' dejta

L-ewwel skambju ta' dejta se jsir wara l-bidu tal-ipproċessar ta' dejta ġdida dwar unitajiet legali mirċieva minn fornituri privati ta' dejta bażika tar-reġistru. Jekk ikun hemm aktar minn fornitur wieħed, id-dejta li tirreferi għall-istess unitajiet legali tkun aggregata. Il-Kummissjoni (Eurostat) tittrażmetti lill-NSAs is-settijiet ta' dejta li ġejjin bl-informazzjoni dwar riżultati tal-proċess ta' aggregazzjoni u informazzjoni dwar l-unitajiet legali. L-NSAs jittrażmettu lura l-istess settijiet ta' dejta b'informazzjoni korretta u kompluta inkluż marki li jindikaw il-kunfidenzjalità.

Sett ta' dejta bir-riżultat tal-proċess ta' aggregazzjoni

Kontenut	Numru tal-identità (1.1) Isem (1.2a) Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jew, fin-nuqqas ta' dan, numru ieħor ta' identità amministrattiva (1.3)
----------	---

Settijiet ta' dejta b'informazzjoni dwar l-unitajiet legali

Kontenut	Numru tal-identità (1.1) Isem (1.2a) Indirizz (inkluż il-kodiċi postali) fl-iżjed livell dettaljat (1.2b) <i>Fakoltattiv:</i> Numri tat-telefon u tal-faks, indirizz elettroniku, u informazzjoni li tippermetti l-ġbir elettroniku ta' dejta (1.2c) Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jew, fin-nuqqas ta' dan, numru ieħor ta' identità amministrattiva (1.3)
----------	---

<p>Id-data ta' inkorporazzjoni għal persuni ġuridiċi jew id-data tar-rikonoxximent uffiċjali bħala operatur ekonomiku għal persuni fiżiċi (1.4)</p> <p>Id-data li fiha l-unità legali ma baqgħetx taqgħmel parti minn intrapriża (kif identifikat fi 3.3) (1.5)</p> <p>Forma legali (1.6)</p> <p>Referenza għar-reġistru ta' operaturi ġewwa l-Komunità, u għall-fajls tad-dwana jew għar-reġistru ta' operaturi barra l-Komunità (1.7a)</p> <p><i>Fakoltattiv:</i> Referenza għad-dejta tal-karta tal-bilanċi, u għall-bilanċi tal-pagamenti jew reġistru tal-investment barrani dirett, u għar-reġistru tal-irziezet (1.7b)</p> <p>Numru tal-identità tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħhin (truncated) (4.1), li lilu tappartjeni l-unità (1.8)</p>
--

3.2. L-integrazzjoni tas-sorsi tad-dejta minn Stati Membri differenti

Il-pass li jmiss tal-ipproċessar tad-dejta huwa l-integrazzjoni tal-informazzjoni li ġejja minn Stati Membri differenti b'mod ċentrali fil-Kummissjoni (Eurostat). Din l-informazzjoni tirreferi għall-kontroll u s-siedja tal-unitajiet legali u għall-intrapriża tal-unità tal-istatistika, li hija definita mill-Istati Membri u tista' tikkonsisti minn unità legali waħda jew aktar. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tittrażmetti r-riżultati ta' din l-integrazzjoni lill-NSAs, li jittrażmettu s-settijiet tad-dejta lura bl-informazzjoni korretta u kompluta inkluż l-immarkarbn ta' dejta kunfidenzjali.

Settijiet ta' dejta bl-informazzjoni dwar il-kontroll u s-siedja tal-unitajiet

Kontenut	
	Numri tal-identità tal-unitajiet legali residenti, li huma kkontrollati mill-unità legali (1.11a)
	Numru tal-identità tal-unità legali residenti, li tikkontrolla l-unità legali (1.11b)
	Pajjiżi tar-reġistrazzjoni tal-unitajiet legali mhux residenti, li huma kkontrollati mill-unità legali (1.12a)
	Numri tal-identità jew ismijiet u indirizzi tal-unitajiet legali mhux residenti, li huma kkontrollati mill-unità legali (1.12a)
	<i>Kondizzjonali:</i> Numri tal-VAT tal-unitajiet legali mhux residenti, li huma kkontrollati mill-unità legali (1.12b)
	Pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-unità legali mhux residenti, li tikkontrolla l-unità legali (1.13a)
	Numru tal-identità jew isem u indirizz tal-unità legali mhux residenti, li tikkontrolla l-unità legali (1.13a)
	<i>Kondizzjonali:</i> Numru tal-VAT tal-unità legali mhux residenti, li tikkontrolla l-unità legali (1.13b)
	<i>Kondizzjonali:</i> Numru tal-identità, u ishma (%) tal-unitajiet legali residenti li huma propjetà tal-unità legali (1.14a)
	<i>Kondizzjonali:</i> Numru tal-identità, u ishma (%) tal-unitajiet legali residenti, li jippossjedu l-unità legali (1.14b)
	<i>Kondizzjonali:</i> Pajjiżi tar-reġistrazzjoni tal-unitajiet legali mhux residenti, li huma propjetà tal-unità legali (1.15)
	Numri tal-identità jew ismijiet u indirizzi u ishma (%) tal-unitajiet legali mhux residenti li huma propjetà tal-unità legali (1.15)
	Numri tal-VAT tal-unitajiet legali mhux residenti li huma propjetà tal-unità legali (1.15)
	<i>Kondizzjonali:</i> Pajjiżi tar-reġistrazzjoni tal-unitajiet legali mhux residenti, li jippossjedu l-unità legali (1.16)
	Numri tal-identità jew ismijiet u indirizzi u ishma (%) tal-unitajiet legali mhux residenti li jippossjedu l-unità legali (1.16)
	Numri tal-VAT tal-unitajiet legali mhux residenti li jippossjedu l-unità legali (1.16)

Settijiet ta' dejta b'informazzjoni dwar l-intrapriżi

Kontenut	<p>Numru tal-identità (3.1)</p> <p>Isem (3.2a)</p> <p><i>Fakoltattiv:</i> Indirizzi postali, elettroniċi u ta' siti elettroniċi (3.2b)</p> <p>Numru(i) tal-identità tal-unita(jiet) legali li minnha/hom hija magħmula l-intrapriża (3.3)</p> <p>Data tal-bidu tal-attivitajiet (3.4)</p> <p>Data tat-terminazzjoni finali tal-attivitajiet (3.5)</p> <p>Kodiċi tal-attività ewlenija fil-livell tal-NACE b' 4 numri (3.6)</p> <p><i>Kondizzjonali:</i> Attivitajiet sekondarji, jekk ikun hemm, fil-livell tal-NACE b'4 numri (3.7)</p> <p>Numru ta' persuni impjegati (3.8)</p> <p>Numru ta' impjegati (3.9a)</p> <p><i>Fakoltattiv:</i> Numru ta' impjegati f'ekwivalenti ta' persuni full-time (3.9b)</p> <p>Bejgħ (3.10a u <i>Kondizzjonali.</i> 3.10b)</p> <p>Settur u sottosettur istituzzjonali skont is-Sistema Ewropea tal-Kontabilità (3.11)</p> <p>Numru tal-identità tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin (4.1), li lili tappartjeni l-intrapriża (3.12)</p>
----------	---

3.3. Il-ġabra ta' gruppi ta' intrapriżi globali u maqtugħin

L-istadju li jmiss huwa l-ġabra tal-gruppi ta' intrapriżi maqtugħin u l-gruppi ta' intrapriżi globali. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tittrażmetti r-riżultati ta' din il-ġabra lill-NSAs, li jittrażmettu s-settijiet tad-dejta lura bl-informazzjoni korretta u kompluta inkluż l-immarrkar ta' dejta kunfidenzjali.

Fl-aħħar taċ-ċiklu l-Kummissjoni (Eurostat) għandha tittrażmetti r-riżultati tal-kompilazzjoni finali tal-gruppi tal-intrapriżi globali u maqtugħa lill-NSAs. Fil-każ tal-NSAs kollha apparti tal-pajjiż li qed jirrapporta, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tittrażmetti d-dejta għall-karatteristiċi elenkati fil-Parti B ta' dan l-Anness biss.

Settijiet ta' dejta b'informazzjoni dwar gruppi ta' intrapriżi globali

Kontenut	<p>Numru tal-identità tal-grupp globali (4.11)</p> <p>Isem il-grupp globali (4.12a)</p> <p><i>Fakoltattiv:</i> Pajjiż tar-reġistrazzjoni, indirizzi postali, elettroniċi u tas-sit elettroniku tal-uffiċċju ewlieni globali (4.12b)</p> <p>Numru tal-identità tal-kap tal-grupp globali, jekk il-kap tal-grupp huwa residenti (4.13a)</p> <p>Numru tal-identità tal-kap tal-grupp globali, jekk il-kap tal-grupp ma huwiex residenti (4.13a)</p> <p><i>Fakoltattiv:</i> Numru tal-identità, jew isem u indirizz, tal-kap tal-grupp globali, jekk ma huwiex residenti (4.13b)</p> <p><i>Fakoltattiv:</i> In-numru ta' persuni impjegati globalment (4.14)</p> <p><i>Fakoltattiv:</i> Il-fatturat globali gross konsolidat (4.15)</p> <p><i>Fakoltattiv:</i> Pajjiż għad-deċizzjonijiet globali ċentralizzati (4.16)</p> <p><i>Fakoltattiv:</i> Pajjiżi fejn huma lokalizzati l-intrapriżi jew l-unitajiet lokali (4.17)</p>
----------	--

Settijiet ta' dejta b'informazzjoni dwar gruppi ta' intrapriżi maqtugħa (truncated)

Kontenut	Numru tal-identità tal-grupp maqtugħ (4.1) Isem il-grupp maqtugħ (4.2a) <i>Fakoltattiv:</i> Indirizzi postali, elettroniċi u tas-sit elettroniku tal-uffiċċju ewlieni maqtugħ (4.2b) <i>Kondizzjonali:</i> Numru tal-identità tal-kap tal-grupp maqtugħ (4.3) Tip ta' grupp ta' intrapriżi (4.4) Data tal-bidu tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin (4.5) Data tat-tmiem tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin (4.6) Kodiċi tal-attività ewlenija tal-grupp maqtugħ flivell tal-NACE b'2 numri (4.7) <i>Fakoltattiv:</i> Kodiċi tal-attività sekondarja tal-grupp maqtugħ flivell tal-NACE b'2 numri (4.8) Numru ta' persuni impjegati fil-grupp maqtugħ (4.9) <i>Fakoltattiv:</i> Il-bejgħ gross konsolidat (4.10) Data ta' assoċjazzjoni mal-grupp maqtugħ (tal-unitajiet legali) (1.9) Data ta' separazzjoni mill-grupp maqtugħ (tal-unitajiet legali) (1.10)
----------	---

B. IL-KARATTERISTIĊI LI JRIDU JKUNU TRAŻMESSI SKONT L-ARTIKOLU 2(3)

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, għall-fini uniċi ta' statistika, tittrażmetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri, apparti lill-Istat Membru li qed jirrapporta, il-karatteristiċi li ġejjin, inklużi marki ta' kunfidenzjalità, dwar gruppi ta' intrapriżi multi-nazzjonali u l-unitajiet li jagħmlu parti minnhom, meta tal-anqas unità waħda mill-grupp tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

1. UNITÀ LEGALI

KARATTERISTIĊI TA' IDENTIFIKAZZJONI	1.1.		Numru tal-identità
	1.2a.		Isem
	1.2b.		Indirizz (inkluż l-kodiċi postali) fl-iżjed livell dettaljat
	1.2c.	Fakoltattiv	<i>Numri tat-telefon u l-fax, indirizz elettroniku, u informazzjoni li tippermetti l-għbir elettroniku ta' dejta</i>
	1.3.		Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jew, fin-nuqqas ta' dan, numru ieħor ta' identità amministrattiva
KARATTERISTIĊI DEMOGRAFIĊI	1.4.		Id-data ta' inkorporazzjoni għal persuni ġuridiċi jew id-data tar-riko-noxximent uffiċjali bħala operatur ekonomiku għal persuni fiżiċi
	1.5.		Id-data li fiha l-unità legali ma baqgħetx tagħmel parti minn intrapriża (kif identifikat fi 3.3)
KARATTERISTIĊI EKONOMIĊI/TA' STRATIFIKAZZJONI	1.6.		Forma legali
RABTIET MA' REĠISTRI OĦRAJN	1.7a.		Referenza għar-reġistru ta' operaturi ġewwa l-Komunità mwaqqaf skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (KE) Nru 638/2004 (*), u Referenza għall-fajls tad-dwana jew għar-reġistru tal-operaturi barra l-Komunità

RABTA MAL-GRUPP TA' INTRAPRIŻI	1.8.		Numru ta' identità tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin (4.1), li lili tappartjeni l-unità
	1.9.		Data tal-assoċjazzjoni mal-grupp maqtugħ
	1.10.		Data tas-separazzjoni minn mal-grupp maqtugħ
IL-KONTROLL TAL-UNITAJIET	1.11a.		Numru/i tal-identità tal-unità(jiet) legali residenti, li huma kkontrollati mill-unità legali
	1.11b.		Numru tal-identità tal-unità legali residenti, li tikkontrolla l-unità legali
	1.12a.		Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni, u numru/i tal-identità jew, isem(ismijiet), u indirizz(i) tal-unità(jiet) legali mhux residenti, li huma kkontrollati mill-unità legali
	1.12b.	Kundizzjonali	Numru/i tal-VAT, tal-unità(jiet) legali mhux residenti, li huma kkontrollati mill-unità legali
	1.13a.		Pajjiż tar-reġistrazzjoni, u numru tal-identità jew, isem u indirizz tal-unità legali mhux residenti, li tikkontrolla l-unità legali
	1.13b.	Kundizzjonali	Numru tal-VAT tal-unità legali mhux residenti, li tikkontrolla l-unità legali
SIEDJA TAL-UNITAJIET	1.14a.	Kundizzjonali	(a) Numru/i tal-identità, u (b) ishma (%) tal-unita(jiet) legali residenti li huma propjetà tal-unità legali
	1.14b.	Kundizzjonali	(a) Numru/i tal-identità, u (b) ishma (%) tal-unita(jiet) legali residenti li tippossiedi/jippossjedu l-unità legali
	1.15.	Kundizzjonali	(a) Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni, u (b) numru/i tal-identità jew, isem (ismijiet), indirizz(i) u numru/i tal-VAT, u (c) ishma (%) tal-unita(jiet) legali mhux residenti li huma propjetà tal-unità legali
	1.16.	Kundizzjonali	(a) Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni, u (b) numru/i tal-identità jew, isem (ismijiet), indirizz(i) u numru/i tal-VAT, u (c) ishma (%) tal-unita(jiet) legali mhux residenti li tippossiedi/jippossjedu l-unità legali
3. INTRAPRIŻA			
KARATTERISTIĊI TA' IDENTIFIKAZZJONI	3.1.		Numru tal-identità
	3.2a.		Isem
	3.2b.	Fakoltattiv	<i>Indirizzi postali, elettroniċi u tas-sit elettroniku</i>
	3.3.		Numru(i) tal-identità tal-unita(jiet) legali li minnha/hom hija magħmula l-intrapriża
KARATTERISTIĊI DEMOGRAFIĊI	3.4.		Id-data tal-bidu tal-attivitajiet
	3.5.		Id-data tat-terminazzjoni finali tal-attivitajiet

KARATTERISTIĊI EKONOMIĊI/TA' STRATIFIKAZZJONI	3.6.		Kodiċi tal-attività ewlenija f'livell tal-NACE b'4 numri
	3.8.		In-numru ta' persuni impjegati
	3.11.		Settur u sottosettur istituzzjonali skont is-Sistema Ewropea tal-Kontabilità
RABTA MAL-GRUPP TA' INTRAPRIŻI	3.12.		Numru tal-identità tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin (4.1), li lilu tappartjeni l-unità

4. GRUPP TA' INTRAPRIŻI

KARATTERISTIĊI TA' IDENTIFIKAZZJONI	4.1.		Numru tal-identità tal-grupp maqtugħ
	4.2a.		Isem il-grupp maqtugħ
	4.2b.	Fakoltattiv	<i>Indirizzi postali, elettroniċi u tas-sit elettroniku tal-uffiċċju ewlieni maqtugħ</i>
	4.3.	Parzjalment kundizzjonali	Numru tal-identità tal-grupp ewlieni maqtugħ (ugwali għan-numru tal-identità tal-unità legali, li hija l-kap tal-grupp residenti). Kundizzjonali jekk l-unità li tikkontrolla hija persuna fiżika, li mhijiex operatur ekonomiku, ir-reġistrazzjoni hija suġġetta għad-disponibilità ta' dan it-tagħrif fl-għejjun amministrattivi
	4.4.		Tip ta' grupp ta' intrapriżi: 2. grupp maqtugħ ikkontrollat domestikament; 3. grupp maqtugħ ikkontrollat minn barra
KARATTERISTIĊI DEMOGRAFIĊI	4.5.		Data tal-bidu tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin
	4.6.		Data tat-tmiem tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin
KARATTERISTIĊI EKONOMIĊI/TA' STRATIFIKAZZJONI	4.7.		Kodiċi tal-attività ewlenija tal-grupp maqtugħ f'livell tal-NACE b'2 numri
	4.9.		Numru ta' persuni impjegati fil-grupp maqtugħ
KARATTERISTIĊI TA' IDENTIFIKAZZJONI	4.11.		Numru tal-identità tal-grupp globali
	4.12a.		Isem il-grupp globali
	4.12b.	Fakoltattiv	<i>Pajjiż tar-reġistrazzjoni, indirizzi postali, elettroniċi u tas-sit elettroniku tal-uffiċċju ewlieni globali</i>
	4.13a.		Numru tal-identità tal-grupp ewlieni globali jekk il-grupp ewlieni huwa residenti (ugwali għan-numru tal-identità tal-unità legali, li hija l-kap tal-grupp) Jekk il-grupp ewlieni globali mhuwiex residenti, il-pajjiż tiegħu tar-reġistrazzjoni
	4.13b.	Fakoltattiv	In-numru tal-identità tal-grupp ewlieni globali jew l-isem u l-indirizz, jekk mhux residenti
KARATTERISTIĊI EKONOMIĊI/TA' STRATIFIKAZZJONI	4.14.	Fakoltattiv	<i>In-numru ta' persuni impjegati globalment</i>
	4.16.	Fakoltattiv	Pajjiż għad-deċiżjonijiet globali ċentralizzati
	4.17.	Fakoltattiv	<i>Pajjiżi fejn huma lokalizzati l-intrapriżi jew l-unitajiet lokali</i>

(*) ĠU L 102, 7.4.2004, p. 1.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 193/2009

tal-11 ta' Marzu 2009

li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROCĊEDURA

- (1) Fit-13 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ("avviż ta' bidu") li ġie ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, il-bidu ta' proċediment anti-dumping ("investigazzjoni AD" jew "l-investigazzjoni") rigward l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika ("l-Istati Uniti" jew il-"pajjiż ikkonċernat").
- (2) Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea ⁽³⁾, il-bidu ta' proċediment antisussidji b'rigward għall-importazzjonijiet fil-Komunità ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti u bdiet investigazzjoni separata ("proċediment AS").
- (3) L-investigazzjoni AD inbdiet wara lment imressaq fid-29 ta' April 2008 mill-European Biodiesel Board ("l-ilmentatur") fisem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon ewlieni, f'dan il-każ ta' aktar minn 25 % tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' bijodiżil. L-ilment kien fih evidenza prima facie ta' dumping tal-prodott imsemmi u ta' ħsara materjali li tirriżulta minnu, li tqieset biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni AD.
- (4) Il-Kummissjoni uffiċjalment informat lill-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti, lill-importaturi, lill-fornituri,

lill-utenti u lill-assoċjazzjonijiet li kien magħruf li huma kkonċernati, lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, lill-produtturi Komunitarji li għamlu l-ilment u lil produtturi Komunitarji oħrajn li kien magħruf li huma kkonċernati bil-bidu tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' bidu. Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

1.1. Teħid ta' kampjuni għall-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti

- (5) Fid-dawl tal-għadd kbir apparenti ta' produtturi esportaturi fl-Istati Uniti, it-teħid ta' kampjuni kien stipulat fl-avviż ta' bidu għad-determinazzjoni ta' dumping, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku.
- (6) Sabiex il-Kummissjoni titħalla tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni jkunx neċessarju u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti ntabu jippreżentaw irwieħhom sa 15-il jum mid-data ta' bidu tal-investigazzjoni u jipprovdu informazzjoni bażika dwar l-esportazzjoni u l-bejgħ domestiku tagħhom, l-attivitajiet preċiżi tagħhom fir-rigward tal-produzzjoni, it-taħlit u n-negozju ta' bijodiżil u l-ismijiet u l-attivitajiet tal-kumpaniji relatati tagħhom kollha involuti fil-produzzjoni, it-taħlit u n-negozju tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008 ("PI"), kif definit ukoll fil-premessa (15) hawn taħt.
- (7) L-awtoritajiet tal-Istati Uniti u n-National Biodiesel Board (għaqda tal-produtturi tal-Istati Uniti) kienu kkonsultati wkoll fir-rigward tal-għażla tal-kampjun rappreżentattiv.

1.1.1. Għażla minn qabel ta' produtturi esportaturi li kkooperaw fl-Istati Uniti

- (8) B'kollox 54 produttur esportatur jew gruppi ta' produtturi esportaturi, ippreżentaw irwieħhom u pprovdu l-informazzjoni mitluba sal-iskadenza stabbilita fl-avviż ta' bidu. Minn dan it-total, 29 kumpanija rrapportaw esportazzjonijiet ta' bijodiżil lejn il-Komunità matul il-PI u esprimew xewqthom li jieħdu sehem fil-kampjun, filwaqt li 25 kumpanija, li tnejn minnhom talbu li jitneħħew mill-proċediment, irrapportaw li ma kien hemm l-ebda esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul il-PI. Għalhekk, 52 produttur esportatur jew gruppi ta' produtturi esportaturi tqiesu li kkooperaw f'din l-investigazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 147, 13.6.2008, p. 5.⁽³⁾ ĠU C 147, 13.6.2008, p. 10.

- (9) Produtturi esportaturi li ma ppreżentawx irwieħhom saliskadenza msemmija hawn fuq jew li ma pprovdewx l-informazzjoni mitluba fil-ħin, kienu kkunsidrati bħala li ma kkooperawx fl-investigazzjoni. It-tqabbil bejn l-istatistika ta' esportazzjoni tal-Istati Uniti u l-volum ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità tal-prodott ikkonċernat irrapportat għall-PI mill-kumpaniji li kkooperaw imsemmija hawn fuq tissuġġerixxi li l-kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti kien għoli kif imsemmi fil-premessa (57) hawn taħt.

1.1.2. *Għażla tal-kampjun tal-produtturi esportaturi li kkooperaw fl-Istati Uniti*

- (10) Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, intgħażel kampjun ibbażat fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità li jista' jkun investigat b'mod raġonevoli fil-ħin disponibbli. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li waslet mill-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tmien kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji relatati li għandhom l-ikbar volum ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità. Abbażi tal-informazzjoni mit-teħid ta' kampjuni, il-kumpaniji jew il-gruppi magħżula ammontaw għal 73 % tal-volum totali tal-esportazzjonijiet lejn il-Komunità tal-prodott ikkonċernat fil-PI rrapportat mill-produtturi esportaturi li kkooperaw imsemmija fil-premessa (8) hawn fuq. Għalhekk tqies li kampjun bħal dan jippermetti limitazzjoni tal-investigazzjoni għal numru raġonevoli ta' produtturi esportaturi li jistgħu jkunu investigati fil-ħin disponibbli filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' rappreżentanza. Il-produtturi esportaturi kkonċernati kollha, kif ukoll l-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Istati Uniti u l-awtoritajiet tal-Istati Uniti, kienu kkonsultati u qablu dwar l-għażla tal-kampjun.

1.2. **Kampjuni tal-produtturi Komunitarji**

- (11) Rigward il-produtturi Komunitarji, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, intgħażel kampjun wara konsultazzjoni mal-ilmentatur ibbażat fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni u bejgħ fi ħdan il-Komunità kif imsemmi fil-premessa (63) hawn taħt. Din l-għażla ppermettiet ukoll ċerta firxa ġeografika ta' produtturi fil-Komunità. Minħabba f'hekk, intgħażlu hdx-il produttur Komunitarju fil-kampjun. Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-ħdax-il kumpanija li ntgħażlu. Madankollu, produttur li kien ġie oriġinalment kkunsidrat għall-kampjun kellu jiġi eskluż peress li naqas milli jipprovdi tweġiba sodisfaċenti għall-kwestjonarju. Għalhekk, waslu għaxar tweġibiet sħaħ mill-kumpaniji l-oħra qabel l-iskadenzi stabbiliti. Dawn l-għaxar produtturi magħżula fil-kampjun tqiesu li huma rappreżentattivi tal-produtturi kumplessivi fil-Komunità.

1.3. **Il-partijiet ikkonċernati mill-proċediment**

- (12) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa li huma kkonċernati u lill-kumpaniji l-oħra kollha li ddikjaraw ruħhom fiż-żmien stipulat fl-avviż ta' bidu. Il-kwestjonarji għalhekk intbagħtu lis-sitt produtturi esportaturi fil-kampjun jew lill-gruppi ta' produtturi fl-Istati Uniti, lill-11-il produttur Komunitarju fil-kampjun, lil 18-il utent kif ukoll 90 fornitur ta' materja prima.
- (13) It-tweġibiet għall-kwestjonarju waslu mingħand is-sitt produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi fl-Istati Uniti fil-kampjun, għaxar produtturi Komunitarji fil-kampjun, utent u sitt fornituri ta' materja prima.
- (14) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset meħtieġa għal determinazzjoni provviżorja ta' dumping, il-ħsara li tirriżulta u l-interess tal-Komunità. Żjarat ta' verifika twettqu fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:
- (a) **Produtturi li jinsabu fil-Komunità**
- Biopetrol Industries AG, Schwarzheide, il-Ġermanja
 - Grupp Diester
 - Diester Industries SAS, Pariġi, Franza
 - Mannheim Bio Fuel GmbH, Mannheim, il-Ġermanja
 - Natural Energy West GmbH, Neuss, il-Ġermanja
 - Novaol Austria GmbH, Bruck an der Leitha, l-Awstrija
 - Novaol Srl, Milan, l-Italja
 - Grupp Ecomotion
 - Ecomotion GmbH, Sternberg, il-Ġermanja
 - Daka Biodiesel a.m.b.a, Lösning, id-Danimarka
 - GATE Global Alternative Energy Germany GmbH, Wittenberg u Halle, il-Ġermanja
 - Neochim SA, Feluy, il-Belġju

(b) Produtturi esportaturi fl-Istati Uniti

- Peter Cremer North America LP, Cincinnati, Ohio
- Cargill Inc., Wayzata, Minnesota
- Imperium Renewables Inc., Seattle, Washington
- Archer Daniels Midland Company, Decatur, Illinois
- World Energy Alternatives LLC, Boston, Massachusetts
- Green Earth Fuels of Houston LLC, Texas

vament bħala fjuwil li jista' jintuża mill-ġdid li joriġina fl-Istati Uniti ("il-prodott ikkonċernat"), normalment iddikjarat fi ħdan il-kodiċi NM 3824 90 91, ex 3824 90 97, ex 2710 19 41, ex 1516 20 98, ex 1518 00 91, ex 1518 00 99.

- (17) Skont il-Kodiċi tad-Dħul Intern tal-Istati Uniti⁽⁴⁾ (US CODE), it-*Titlu* 26, \$40A, il-punt (d), it-terminu bijodiżil huwa definit bħala l-esteri monoalkilitiċi ta' aċidi xaħmija ta' katina twila ġejjin minn materja tal-pjanti jew l-animali li jissodisfaw - (a) ir-*rekwiżiti* ta' *reġistrazzjoni* għall-fjuwils u l-*addittivi* tal-fjuwil stabbiliti fl-Aġenzija għall-Ħarsien tal-Ambjent taħt it-taqsim 211 tal-Att dwar l-Arja Nadifa (42 U.S.C 7545), u, (b) ir-*rekwiżiti* tas-Soċjetà Amerikana tal-Ittestjar u l-Materjali (ASTM) D6751.

(c) Importaturi relatati fil-Komunità:

- Cremer Energy GmbH, Amburgu, il-Ġermanja.
- Cargill NV, Ghent, il-Belġju
- ADM Europort BV, Rotterdam, l-Olanda
- ADM Hamburg AG, Amburgu, il-Ġermanja
- ADM International, Rolle, l-Iżvizzera

- (18) Fuq il-bażi ta' informazzjoni dwar is-suq u disponibbli pubblikament⁽⁵⁾, it-tipi kollha ta' bijodiżil u t-taħlitiet ta' bijodiżil (taħlita ta' bijodiżil ma' diżil minerali kif spjegat fil-premessa (20) hawn taħt), li huma prodotti u mibjugħa fl-Istati Uniti jitqiesu bħala fjuwils bijodiżil u huma parti minn pakkett leġiżlattiv li jikkonċerna l-*effiċjenza* tal-*enerġija* u fjuwils alternattivi tal-*enerġija* li tista' tintuża mill-ġdid.

- (19) L-*investigazzjoni* wriet li l-bijodiżil prodott fl-Istati Uniti huwa predominantement "metil esteru aċidu xaħmi" (FAME) li ġej minn firxa wiesgħa ta' *żjut* veġetali li jservu bħala l-materja prima agrikola tal-bijodiżil⁽⁶⁾. It-terminu "esteru" jirreferi għat-*transesterifikazzjoni* taż-*żjut* veġetali, l-*iktar*, it-*taħlit* taż-*żejt* mal-*alkoħol*. It-terminu "metil" jirreferi għal metanol; l-*iżjed* *alkoħol* komune-ment użat fil-*proċess*, għalkemm l-etanol jista' jintuża wkoll fil-*proċess* ta' *produzzjoni*, li jirriżulta f"etil esteru aċidu xaħmi". It-*transesterifikazzjoni* hija *proċess* kimiku relattivament sempliċi imma jeħtieġ l-*ogħla* standards industrijali biex tiġi *żgurata* kwalità għolja ta' bijodiżil.

1.4. Il-perjodu ta' investigazzjoni

- (15) L-*investigazzjoni* tad-*dumping* u l-*ħsara* kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008 ("PI"). L-*eżami* tax-xejriet rilevanti għall-*valutazzjoni* tal-*ħsara* kopriet il-perjodu minn Jannar 2004 sa tmiem il-PI ("il-perjodu kkunsidrat").

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

- (16) Fin-nota ta' bidu l-prodott li allegatament kien l-oġġett ta' *dumping* kien definit bħala esteru monoalkilitiċi aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika minn sinteżi u/jew *trattament* idriku, ta' oriġini mhux fossili (magħrufa komune-ment bħala "bijodiżil"), kemm jekk f'forma pura kif ukoll jekk f'taħlita, użat fil-biċċa l-kbira imma mhux esklussi-

⁽⁴⁾ Il-Gvern tal-Istati Uniti pprova Kodiċi ta' Dħul Intern sħiħ aġġornat biex jirrifletti l-leġiżlazzjoni fiskali kollha sal-15 ta' Diċembru 2006 (verżjoni ta' Diċembru 2006), li huwa rilevanti għall-PI attwali.

⁽⁵⁾ Pereżempju (a) Gwida għall-immaniġġjar u l-użu tal-bijodiżil maħruġa f'Settembru 2008 mill-NREL (il-laboratorju nazzjonali tal-enerġija li tista' tiġġedded), (b) Analiżi taż-*żejt* tal-bijomassa maħruġa f'Ġunju 2004 mill-NREL, (c) Aħbarijiet pubbliċi, informazzjoni u speċifikazzjonijiet maħruġa dwar il-bijodiżil mill-ASTM, (d) Aħbarijiet pubbliċi u informazzjoni maħruġa dwar il-bijodiżil mill-NBB, (e) dokumenti ta' fatt maħruġa mid-Dipartiment Amerikan tal-enerġija taħt l-Azzjonijiet għal bliet iktar ndaf, eċċ.

⁽⁶⁾ *Żjut* veġni, inklużi esteru li ġejjin minn bosta komoditajiet agrikoli bħaż-*żerriegħa* tal-qamħ, fażola tas-sojja, *żrieragħ* tal-*ġirasol*, *żrieragħ* tal-qoton, canola, *crambe*, *żrieragħ* tar-rapa, *għosfor*, *flaxseeds* (hemm kelma bil-malti għal din), *granza* tar-ross *żrieragħ* tal-*mustarda*, eċċ, jew xaħmijiet tal-animali.

- (20) L-investigazzjoni kkonfermat li l-bijodiżil prodott fl-Istati Uniti jkun ġeneralment imħallat mill-produtturi b'diżil minerali biex jipproduċi tipi differenti ta' taħlitiet (li hawnhekk qed jissejħu taħlitiet ta' bijodiżil), li mbagħad jinbiegħu fuq is-suq għal tipi differenti ta' klijenti. Jidher ukoll li l-bijodiżil inbiegħ fil-forma pura tiegħu lil kumpaniji indipendenti, li xtrawh u importawh għat-taħlit ma' diżil minerali. It-taħlit tal-bijodiżil ma' diżil minerali hija operazzjoni relattivament sempliċi li tista' ssir pereżempju b'taħlit f'tankijiet fil-punt ta' fabbrikazzjoni qabel ma jiġu kkunsinnati lil trakk tat-tankers jew billi jitħallat b'qatriet fit-trakk tat-tankers billi jiżiedu l-perċentwali mixtieqa ta' bijodiżil u diżil minerali jew taħlit flinja maż-żewġ komponenti li jaslu fit-trakk tat-tankers fl-istess ħin.
- (21) Biex jiġu ċċarati l-bosta tipi ta' taħlitiet ta' bijodiżil, hemm sistema rikonossuta internazzjonalment magħrufa bħala l-fattur "B", li tiddikjara l-ammont eżatt ta' bijodiżil fi kwalunkwe taħlita ta' bijodiżil. pereżempju, taħlita li fiha "X" % bijodiżil tkun ittikkettjata B"X", filwaqt li bijodiżil pur jissejjaħ B100, li jfisser 100 % bijodiżil. Fl-Istati Uniti, kien komuni li tara 99 % (7) ta' bijodiżil u 1 % diżil minerali (B99) jitħallat u jinbiegħ fis-suq. Kuntrarjament għad-diżil minerali, bijodiżil pur għandu jintuża relattivament malajr u ma jstax jinżamm maħżun għal iktar minn tliet xhur erbgħa inkella jossidizza ruħu u ma jibqax tajjeb għall-konsum. It-taħlit ta' bijodiżil ma' diżil minerali jippermetti preservazzjoni itwal tal-fjuwil. Id-diżil minerali ta' 1 % fil-B99 huwa tossiku biżżejjed biex jittardja l-immoffar tal-bijodiżil.
- (22) L-investigazzjoni wriet li filwaqt li l-bijodiżil u t-taħlitiet ta' bijodiżil ta' livell għoli (8) jkunu ġeneralment maħsuba biex jinbiegħu fis-suq Amerikan għal iktar taħlit, it-taħlit ta' bijodiżil ta' livell baxx (9) ikunu tipikament prodotti biex jinbiegħu għall-konsum fis-suq Amerikan. B'hekk, hemm distinzjoni bejn is-suq għat-taħlitiet ta' livell għoli u s-suq għal taħlitiet ta' livell baxx fl-Istati Uniti.
- (23) L-ilment fih evidenza *prima facie* li l-bijodiżil u ċerti taħlitiet prodotti u mibjugħa fl-Istati Uniti u esportati lejn il-Komunità kienu qed jaffettwaw l-qagħda ekonomika tal-produtturi tal-bijodiżil fil-Komunità li lmentaw. B'konsistenza mal-karatteristiċi tal-produtturi Amerikani rilevanti u s-suq domestiku, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat
- maħsuba biex tkopri l-bijodiżil anke meta tiġi inkorporata fit-taħlitiet tal-bijodiżil rilevanti. Id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kif imsemmi fl-avviż ta' bidu u fil-premessa (16) hawn fuq, għandha tiġi ċċarata sabiex jiġu identifikati l-prodotti li kienu maħsuba li jkun koperti mill-investigazzjoni.
- (24) L-investigazzjoni wriet li ħafna mit-taħlitiet ta' bijodiżil mibjugħa għall-konsum dirett fl-Istati Uniti huma B20, jiġifieri taħlitiet b'20 % bijodiżil kif spjegat fil-premessa (21) hawn fuq, li jistgħu jintużaw għall-konformità mal-Att dwar il-Politika tal-Enerġija tal-1992 (Att PE) (10), B6, B5 u B2. Tagħrif disponibbli pubblikament jgħid li kull magna diżil tista' topera fuq dawn it-taħlitiet b'bażikament l-ebda modifiki u mingħajr ma tiflew il-garanzija mill-fabbrikanti tal-karozza. Meta jintuża f'taħlitiet ta' livell baxx (bejn 2 % u 20 % ta' bijodiżil) ir-rendiment tat-taħlita jkun simili għal dak ta' diżil minerali. Meta f'magna jintuża fjuwil tal-bijodiżil ogħla minn B20, l-utent jista' jesperjenza ċertu tnaqqis fil-qawwa, fit-torque u l-ekonomija tal-fjuwil u l-garanzija tal-fabbrikanti tal-karozza ġeneralment ma tapplikax f'każ ta' ħsarat ikkawżati lill-magna.
- (25) L-investigazzjoni wriet li bijodiżil pur u taħlitiet ta' livell għoli ġeneralment ma jintużawx għal konsum dirett fl-Istati Uniti. Il-bijodiżil pur huwa ġeneralment maħsub biex jitħallat qabel ma jinbiegħ fis-suq. It-taħlitiet fl-aħħar mill-aħħar jintużaw fis-settur tat-trasport bħala fjuwil f'magni diżil ta' vetturi tat-triq bħal karozzi, trakkijiet, xarabanks kif ukoll ferroviji. Il-bijodiżil jista' jintuża wkoll bħala fjuwil għat-tisħin f'bojlers domestiċi, kummerċjali jew industrijali u bħala fjuwil biex ġeneraturi jipproduċu l-elettriku. Bħalissa qegħdin isiru testijiet dwar il-possibilità li jintużaw taħlitiet ta' bijodiżil f'inġenji tal-ajru.
- (26) Għalhekk, il-prodott ikkonċernat mill-investigazzjoni għandu jkun identifikat bħala ester monoalkilitiċi ta' aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew idrottrament, ta' orijini mhux fossila, magħruf komunement bħala "bijodiżil", sew jekk f'forma pura jew ftahlitiet, li huma 'l fuq minn B20. Fi kliem ieħor, il-prodott ikkonċernat ikopri bijodiżil pur (B100) li joriġina mill-Istati Uniti u t-taħlitiet 'l fuq minn B20, b'mod partikolari taħlitiet li fihom aktar minn 20 % bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti ("il-prodott ikkonċernat"). Dan il-limitu jitqies bħala xieraq biex jippermetti distinzjoni ċara bejn it-tipi varji ta' taħlitiet li huma disponibbli fis-suq Amerikan.

(7) Fir-realtà 99,9 % peress li biżżejjed iżżid 0,1 % ta' diżil minerali tiegħu vantaġġ mill-kreditu fiskali għal taħlita fl-Istati Uniti.

(8) Bażikament, it-taħlitiet minn B99 sa B50.

(9) Bażikament, it-taħlitiet minn B2 sa B20.

(10) Ara l-Att dwar il-Politika tal-Enerġija tal-1992

(27) Instab li t-tipi kollha ta' bijodiżil u l-bijodiżil fit-taħlitiet koperti minn din l-investigazzjoni, minkejja differenzi possibbli f'termini ta' materja prima użata għall-produzzjoni, jew varjanti fil-proċess ta' produzzjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi jew simili ħafna u jintużaw għall-istess finijiet. Il-varjazzjoni jiet possibbli fil-prodott ikkonċernat ma jibdlux id-definizzjoni bażika, il-karatteristiċi tagħha jew il-perċezzjoni li bosta partijiet għandhom tagħha.

(28) Il-prodott ikkonċernat jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 3824 90 91, ex 3824 90 97, ex 2710 19 41, ex 1516 20 98, ex 1518 00 91, ex 1518 00 99.

2.1. Prodott simili

(29) Instab li l-prodotti prodotti u mibjugħa fis-suq domestiku tal-Istati Uniti, li huma koperti minn din l-investigazzjoni, għandhom karatteristiċi u użi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi simili għal dawk esportati minn dan il-pajjiż lejn is-suq Komunitarju. Bl-istess mod, il-prodotti ffabrikati mill-produtturi Komunitarji u mibjugħa fis-suq Komunitarju għandhom karatteristiċi u użi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi simili meta mqabbla ma' dawk esportati lejn il-Komunità mill-pajjiż ikkonċernat.

(30) Kien hemm allegazzjoni li ċerti utenti, b'mod partikolari fil-Ġermanja, qegħdin jużaw direttament bijodiżil pur (B100) bħala alternattiva irħas għall-użu ta' diżil minerali jew għas-soltu taħlitiet li jintużaw għall-konsum dirett fis-suq Komunitarju. L-eżami ta' din l-allegazzjoni wriet li l-parti l-kbira ta' dan il-bejgħ li sar mill-produtturi Komunitarji fis-suq Komunitarju kienu l-iktar maħsuba għal kumpaniji li kienu qed iħalltuh b'diżil minerali. Il-fatt li ċerti sidien ta' flotot marru lura għal B100 hija pjuttost eċċezzjoni fil-livell Komunitarju. Iktar milli jieħu post id-diżil minerali, il-bijodiżil huwa prodott komplementari fis-suq Komunitarju.

(31) Dan ma jbidilx il-fatt li t-tipi varji tal-prodott ikkonċernat prodotti fl-Istati Uniti u esportati lejn il-Komunità huma interkambjabbli ma' dawk prodotti u mibjugħa fil-Komunità mill-produtturi Komunitarji tal-bijodiżil. M'hemm l-ebda differenza sinifikanti fl-użi u l-perċezzjoni mill-operaturi u l-utenti fis-suq li hija tali li tbiddel id-definizzjoni tal-prodott simili.

(32) Parti interessata allegat li l-prodott ikkonċernat, b'mod partikolari bijodiżil pur, għandu karatteristiċi fiżiċi u kimiċi differenti mill-bijodiżil simili prodott fil-Komunità.

Filwaqt li l-produzzjoni ta' bijodiżil fil-KE tkun ibbażata fuq żejt taż-żerriegħa tar-rapa, il-produtturi Amerikani jużaw biss żejt tal-fażola tas-sojja. Għalhekk ġie allegat li dawn iż-żewġ tipi ta' prodotti ma jkunux interkambjabbli u ma jikkompetux direttament ma' xulxin fis-suq Komunitarju. Il-parti interessata enfasizzat partikolarment il-fatt li l-proprietajiet ta' fluss kiesaħ u l-valuri ta' jodju jkunu differenti.

(33) Il-Kummissjoni investigat din l-allegazzjoni u sabet dan li ġej:

(a) Il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili tal-Komunità għandhom karatteristiċi bażiċi simili ħafna u jinbiegħu permezz ta' kanali ta' bejgħ simili jew identiċi, l-iktar lil konsumaturi simili fis-suq Komunitarju;

(b) Kemm il-prodott ikkonċernat kif ukoll il-prodott simili tal-Komunità jservu l-istess finijiet jew finijiet simili ħafna (ara l-premessa (25) hawn fuq);

(c) Fir-rigward tal-proprietajiet ta' fluss kiesaħ, għandu jkun iċċarat li jirreferi għall-Punt ta' Sadd tal-Filter Kiesah (PSFK) li huwa t-temperatura li fiha fjuwil jikkawża lill-filter tal-fjuwil biex jinstadd minħabba l-komponenti tal-fjuwil, li bdew jikkristallizzaw jew jagħqdu. L-investigazzjoni żvelat li l-PSFK tal-prodott simili tal-Komunità huwa iktar baxx minn dak tal-bijodiżil esportat mill-Istati Uniti. Madankollu, din hija differenza minuri li tista' tiġi kkompensata jew billi jitħalltu tipi differenti ta' bijodiżil jew billi jintużaw addittivi fbijodizil pur, partikolarment fix-xitwa. Id-differenza fil-PSFK prattikament ma għandha l-ebda rwol fil-parti l-kbira tat-taħlitiet mibjugħa fis-suq Komunitarju.

(d) Rigward il-valur ta' jodju li huwa kejl għall-istabilità tal-fjuwil kontra l-ossidazzjoni, instab li l-valuri bejn żejt taż-żerriegħ tar-rapa u żejt tal-fażola tas-sojja jikkorrelataw sa ċertu punt: in-numri jvarjaw minn 94 sa 120 għal żejt taż-żerriegħ tar-rapa u minn 117 għal 143 għal żejt tal-fażola tas-sojja. Filwaqt li l-materja prima agrikola ewlenija użata fil-Komunità hija ż-żerriegħ tar-rapa, ta' min jinnotta li kemm il-produtturi Komunitarji u kemm dawk Amerikani jużaw ukoll varjetà wiesgħa ta' materja prima biex jipproduċu l-bijodiżil. Spiss tipi differenti ta' bijodiżil jitħalltu biex jinkiseb prodott iktar omogġenju.

(34) Peress li "similarità" ma tirrikjedix li l-prodotti jkunu identiċi f'kull rigward skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku, kwalunkwe varjazzjoni minuri fit-tipi ta' prodotti varji mhix biżżejjed biex tibdel is-sejba ġenerali ta' similarità bejn il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili tal-Komunità.

(35) Għalhekk ma nstabu l-ebda differenzi bejn it-tipi varji tal-prodott ikkonċernat u l-prodotti simili Komunitarji mibjugħa fis-suq Komunitarju li jwasslu għall-konklużjoni li l-prodotti ffabbrikati u mibjugħa mill-produtturi Komunitarji fis-suq Komunitarju mhumiex prodotti simili, li jaqsmu l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi jew simili ħafna għalihom bħal tat-tipi ta' prodott ikkonċernat prodott fl-Istati Uniti u esportati lejn il-Komunità. Għalhekk qed jiġi provviżorjament konkluż li t-tipi kollha ta' bijodiżil jitqiesu simili fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. DUMPING

3.1. Kumment preliminari

(36) Matul l-investigazzjoni nstab li l-awtoritajiet Amerikani ngħataw kreditu fiskali għal taħlita magħruf bħala blender's credit ta' 1 USD kull gallun ta' bijodiżil pur preżenti f'taħlita ta' bijodiżil ma' diżil minerali.

(37) Il-produtturi esportaturi kollha magħżula fil-kampjun sostnew li għandu jsir aġġustament għall-bejgħ ta' esportazzjoni u bejgħ domestiku ta' bijodiżil imħallat għad-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping, jew billi jaġġustaw il-prezz tal-bejgħ tagħhom 'il fuq mal-kreditu korrispondenti li rċevew jew billi jitnaqqas il-kreditu fiskali mill-ispiża tal-produzzjoni tal-bejgħ rilevanti.

(38) Ta' min jinnota li, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi rilevanti, l-iktar l-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, l-ebda prodott m'għandu jkun suġġett kemm għal dazji anti-dumping u kemm għal dazji ta' kontrobilanċ għall-fini tat-trattament tal-istess sitwazzjoni unika li ġeja minn dumping jew minn sussisju ta' esportazzjoni. Madankollu, il-proċediment AS wera li l-kreditu fiskali għal taħlita huwa sussidju disponibbli kemm għall-bejgħ domestiku u kemm għall-bejgħ mill-esportazzjoni bl-istess mod u għall-istess ammonti u għalhekk mhuwiex sussidju għall-esportazzjoni. Għalhekk, tqies provviżorjament li t-talbiet għal aġġustament ma setgħux jintlaqgħu.

3.2. Valur normali

(39) Għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat lil konsumaturi indipendenti sarx f'volumi rappreżentattivi, jiġifieri jekk il-volum totali ta' dan il-bejgħ kienx jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-ammont totali ta' bejgħ mill-esportazzjoni lejn il-Komunità matul il-PI.

(40) Fil-każ ta' produttur esportatur wieħed li ħa sehem fil-kampjun instab li ma kellu l-ebda bejgħ rappreżentattiv tal-prodott ikkonċernat fis-suq domestiku. Għal dan il-produttur esportatur, il-valur normali kellu jinbena fuq il-bażi tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

3.2.1. Produtturi esportaturi li kkooperaw fil-kampjun b'volumi rappreżentattivi kumplessivi ta' bejgħ domestiku

(41) Għall-produtturi esportaturi li hađu sehem fil-kampjun li għandhom bejgħ domestiku rappreżentattiv ġenerali, il-Kummissjoni sussegwentement identifikat dawk it-tipi ta' prodotti fis-suq domestiku mill-produttur esportatur, li kienu identiċi jew direttament kumparabbli mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

(42) Bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott partikolari kien ikkunsidrat rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-PI jkun irrappreżenta 5 % jew iktar tal-volum totali tat-tip ta' prodott kumparabbli mibjugħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

(43) Il-Kummissjoni sussegwentement eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-kumpaniji kkonċernati jstax ikun kkunsidrat bħala magħmul fl-andament ordinarju tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi għal kull tip ta' prodott ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ bi qligħ lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(44) Fejn il-volum tal-bejgħ ta' tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew iktar mill-ispiża kkalkulata tal-produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, u fejn il-prezz medju bil-piż differenzjat ta' dak it-tip kien daqs jew iktar mill-ispiża tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku effettiv. Dan il-prezz kien ikkalkulat bħala l-medja bil-piż differenzjat tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip li sar matul il-PI, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ kienx jagħmel qligħ jew le.

⁽¹⁾ ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1.

(45) Fejn il-volum tal-bejgħ li jagħmel qligħ ta' tip ta' prodott irrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum totali tal-bejgħ ta' dak it-tip, jew fejn il-prezz medju bil-piż differenzjat ta' dak it-tip kien inqas mill-ispiża tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku effettiv, ikkalkulat bħala l-medja bil-piż differenzjat tal-bejgħ li jagħmel qligħ ta' dak it-tip biss.

(46) Għal tipi ta' prodotti mhux mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku jew mhux mibjugħa fl-andament ordinarju tal-kummerċ, il-valur normali kellu jinbena fuq il-bażi tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, l-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u marġni ta' qligħ raġjonevoli żdiedu mal-ispiża medja tal-esportatur stess għal kull tip ta' prodott matul il-PI. Skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, il-perċentwali għall-SG&A u l-marġni ta' profitt kienu bbażati fuq il-medja tal-SG&A b'piż differenzjat u l-marġni ta' profitt tal-bejgħ fl-andament ordinarju tal-kummerċ tal-prodott simili tal-produttur esportatur rispettiv.

3.2.2. Produtturi esportaturi li kkooperaw fil-kampjun mingħajr volum rappreżentattiv kumplessiv ta' bejgħ domestiku

(47) Għall-produttur esportatur li kkoopera mingħajr bejgħ domestiku rappreżentattiv il-valur normali nbena skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku permezz taż-żieda mal-ispejjeż ta' fabrikazzjoni tal-kumpanija stess għall-prodott ikkonċernat l-ispejjeż SG&A u marġni ta' profitt raġjonevoli. Skont l-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku, il-perċentwali għall-SG&A u l-marġni ta' profitt kienu bbażati fuq il-medja tal-SG&A b'piż differenzjat u l-marġni ta' profitt determinat għall-produtturi esportaturi suġġetti għall-investigazzjoni fir-rigward tal-produzzjoni u l-bejgħ tagħhom tal-prodott simili fis-suq domestiku.

(48) Fir-rigward ta' din il-kumpanija, sar aġġustament biex titqies is-sitwazzjoni tagħha li għadha tibda, kif stipulat fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Sar aġġustament rigward l-ispejjeż amministrattivi tagħha sabiex titqies l-utilità ta' kapaċità baxxa tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni matul il-fażi tal-bidu.

3.3. Il-prezz ta' esportazzjoni

(49) Il-prezzijiet tal-bejgħ għall-esportazzjoni kienu stabbiliti fuq il-bażi tal-prezzijiet effettivament imħallsa jew li għandhom jitħallsu għall-prodott ikkonċernat skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(50) Meta sar bejgħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità permezz ta' kumpaniji ta' kummerċ relatati li jinsabu

fil-Komunità jew 'il barra minnha, ġew stabbiliti prezzijiet ta' esportazzjoni fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid lill-ewwel klijenti indipendenti fil-Komunità, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, dovutament aġġustat għall-ispejjeż kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, u l-profiti.

3.4. Tqabbil

(51) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz għall-esportazzjoni sar fuq bażi tal-ħruġ mill-fabbrika.

(52) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(53) Fuq din il-bażi, saru konċessjonijiet għal spejjeż ta' trasport, spejjeż ta' ġarr ta' merkanzija fuq l-oċean u ta' assikurazzjoni, spejjeż ta' tqandil, tagħbija u spejjeż anċillari, spejjeż ta' kreditu u kummissjonijiet fejn applikabbli u ġġustifikati.

3.5. Marġni ta' dumping

3.5.1. Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-kampjun

(54) Għall-kumpaniji fil-kampjun, il-valur normali medju b'piż differenzjat ta' kull tip tal-prodott ikkonċernat esportat lejn il-Komunità tqabbil mal-prezz tal-esportazzjonijiet medji b'piż differenzjat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, kif stipulat fl-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(55) Fuq din il-bażi, il-marġni medju b'piż differenzjat ta' dumping provviżorju mfisser bħala perċentwali tal-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, huwa kif ġej:

Kumpanija	Marġni ta' dumping provviżorju
Archer Daniels Midland Company	3,4 %
Cargill Inc.	10,4 %
Green Earth Fuels of Houston LLC	73,4 %
Imperium Renewables Inc.	29,5 %
Peter Cremer North America LP	57,3 %
World Energy Alternatives LLC	51,7 %

3.5.2. *Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn li kkooperaw*

- (56) Il-marġni medju b'piż differenzjat ta' dumping tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun kien ikkalkulat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Dan il-marġni kien ikkalkulat fuq il-bażi tal-marġni stabbilit għall-produtturi esportaturi fil-kampjun. Fuq din il-bażi, il-marġni ta' dumping ikkalkulat għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun kien stabbilit provviżorjament għal 33,7 % tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunita, dazju mhux imħallas.

3.5.3. *Għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx*

- (57) Fir-rigward tal-esportaturi fl-Istati Uniti, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet il-livell ta' kooperazzjoni. Sar tqabbil magħmul bejn il-kwantitajiet ta' esportazzjoni totali indikati fit-tweġibiet tat-teħid tal-kampjuni li waslu mill-produtturi esportaturi kollha li kkooperaw u l-importazzjonijiet totali mill-Istati Uniti kif jirriżulta mill-istatistiċi ta' importazzjoni Amerikani. Il-perċentwali tal-kooperazzjoni nstab li kienet ta' 81 %. Fuq din il-bażi, il-livell ta' kooperazzjoni tqies li hu għoli. Għalhekk tqies xieraq li jkun stabbilit marġni ta' dumping għal produtturi esportaturi li ma kkooperawx fuq livell li jikkorrispondi għal dak misjub għall-produttur esportatur li kkoopera fil-kampjun bl-ogħla marġni ta' dumping u ta' ħsara sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri.
- (58) Fuq din il-bażi, il-livell ta' dumping mal-pajjiż kollu ġie stabbilit b'mod provviżorju għal 57,3 % tal-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Komunita, bid-dazju mhux imħallas.

4. L-INDUSTRIJA KOMUNITARJA

4.1. **Il-produzzjoni u l-pożizzjoni Komunitarja**

- (59) L-informazzjoni disponibbli kollha, inkluża informazzjoni pprovduta fl-ilment u d-dejta miġbura mill-produtturi Komunitarji qabel u wara l-bidu tal-investigazzjoni ntużat sabiex jiġu stabbiliti l-produzzjoni Komunitarja totali u l-appoġġ għall-investigazzjoni.
- (60) Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni nstab li l-produzzjoni Komunitarja kumplessiva kienet ta' madwar 5 400 elf tunnellata matul il-PI. Tliet kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp instab li kienu relatati ma' produtturi esportaturi fl-Istati Uniti u l-grupp kien qiegħed jimporta huwa stess kwantitajiet sinifikanti tal-prodott ikkonċernat mill-esportaturi relatati miegħu fl-Istati Uniti. Għalhekk, dawn il-kumpaniji ġew esklużi mill-kunċett ta' produzzjoni Komunitarja skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. Minħabba f'hekk,

il-volum ta' produzzjoni li l-pożizzjoni ġiet stabbilita fuq il-bażi tiegħu kien ta' minn 4 200 sa 4 600 elf tunnellata.

- (61) Kien stabbilit li l-kumpaniji li appoġġjaw l-ilment u kkooperaw fl-investigazzjoni rrappreżentaw iktar minn 60 % tal-produzzjoni Komunitarja tal-bijodiżil matul l-IP indikat fil-premessa (60). Il-kumpanija msemija fil-premessa (63) hawn taħt li naqset milli tikkoopera mal-investigazzjoni ma tqisitx bħala sostenitura tal-ilment. Ġie konkluż li l-ilment u l-investigazzjoni huma appoġġjati minn proporzjon maġġuri tal-produzzjoni Komunitarja fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

4.2. **It-teħid ta' kampjuni**

- (62) Minħabba l-għadd kbir ta' produtturi Komunitarji, ġie deċiż li jintuża t-teħid ta' kampjuni biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ħsara materjali. Intbagħtu formoli għat-teħid tal-kampjuni lill-produtturi potenzjali kollha tal-prodott simili fil-Komunita. Għall-bidu iktar minn 40 kumpanija pprovdew tagħrif sodisfaċenti għall-formoli tat-teħid tal-kampjuni u qablu li jikkooperaw mal-proċediment. It-tliet kumpaniji msemija fil-premessa (60) ma ġewx ikkunsidrati għall-eżerċizzju tat-teħid tal-kampjuni għar-raġunijiet imsemija f'dik il-premessa.
- (63) Mill-bqija tal-kumpaniji ntgħażel kampjun ta' 11-il kumpanija fuq il-bażi tal-ikbar volum rappreżentattiv tal-produzzjoni u l-bejgħ fi ħdan il-Komunita, kif indikat fil-premessa (11) ta' hawn fuq. Produttur wieħed li kien ġie oriġinalment kkunsidrat għall-kampjun kellu jiġi eskluż peress li naqas milli jikkoopera fl-investigazzjoni. L-għaxar kumpaniji li fadal fil-kampjun tqiesu li huma rappreżentattivi għall-produzzjoni Komunitarja kollha.
- (64) Referenza minn hawn 'il quddiem għall-“industrija Komunitarja” jew għall-“produtturi Komunitarji fil-kampjun” tirreferi għal dawn l-għaxar produtturi li ħadu sehem fil-kampjun.

5. ĦSARA

- (65) Kif imsemmi fil-premessa (15) hawn fuq, l-eżami tax-xejriet li jikkonċernaw l-evalwazzjoni tal-ħsara kopriet il-perjodu minn Jannar 2004 sa tmiem il-PI. Madankollu l-investigazzjoni wriet li l-industrija Komunitarja kienet bażikament qiegħda tibda fl-2004. Għalhekk, tqies li jkun aktar xieraq li ssir analiżi bbażata fuq ix-xejriet għall-perjodu mill-2005 sal-PI (“il-perjodu analizzat”). It-tagħrif li nġabar rigward l-2004 madankollu huwa ppreżentat ukoll fil-valutazzjoni ta' wara.

5.1. Il-konsum Komunitarju

Tabella 1

Il-Konsum Komunitarju	2004	2005	2006	2007	PI
Tunnellati	1 936 034	3 204 504	4 968 838	6 644 042	6 608 659
Indiċi 2005=100	60	100	155	207	206

- (66) Il-konsum Komunitarju għe stabbilit fuq il-bażi tal-volum tal-produzzjoni Komunitarja ġenerali fis-suq Komunitarju tal-produtturi Komunitarji kollha, kif mistqarr fil-premessa (60) hawn fuq, naqqas l-esportazzjonijiet tagħhom u żid l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat minn din l-investigazzjoni u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra.
- (67) Fir-rigward tal-volumi ta' importazzjonijiet mill-Istati Uniti, is-sorsi ta' tagħrif li għejjin kienu disponibbli:
- id-dejta tal-Eurostat għall-kodiċijiet NM differenti li l-prodott għe kklassifikat taħthom;
 - l-istatistika ta' esportazzjoni tal-Istati Uniti;
 - tagħrif statistiku ieħor ta' natura kunfidenzjali dwar l-importazzjonijiet pprovduti mill-partijiet interessati.
- (68) Madankollu, analiżi ta' dan it-tagħrif uriet li d-dejta tal-Eurostat ma tistax tintuża għall-fini ta' evalwazzjoni tal-konsum peress li sa tmiem l-2007 ma kien hemm l-ebda distinzjoni bejn kodiċi NM disponibbli għall-klassifikazzjoni doganali tat-tipi differenti tal-prodott ikkonċernat. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għew ikklassifikati taħt għadd ta' kodiċijiet li kien fihom ukoll dejta ta' importazzjoni ta' prodotti oħra. B'hekk, tqies iktar xieraq li tintuża statistika tal-esportazzjonijiet Amerikani biex jiġu stabbiliti importazzjonijiet affidabbli u ċifri ta' konsum u xejriet ta' importazzjoni. Fl-użu ta' dan is-sors ta' tagħrif, tqies il-ħin meħtieġ għat-trasport tal-merkanzija biex tasal mill-Istati Uniti għall-Komunità u għalhekk l-istatistika ta' esportazzjoni għet aġġustata b'xahar sabiex jitqies dan il-ħin.
- (69) Fir-rigward tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra u l-esportazzjonijiet tal-produtturi Komunitarji, fidawl tal-limitazzjoni rigward l-użu tad-dejta tal-Eurostat deskritta hawn fuq, l-investigazzjoni qağhdet fuq id-dejta rapportata fl-ilment.
- (70) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, instab li l-konsum Komunitarju tal-bijodiżil żdied b'107 % bejn l-2005 u l-2007 u mbagħad naqas kemm kemm fil-PI b'punt perċentwali. B'kollox, il-konsum iktar milli rdoppja matul il-perjodu analizzat.
- (71) Iż-żieda fid-domanda hija dovuta l-iktar għall-inċentivi li ħadu l-Istati Membri biex jippromwovu l-użu tal-bijofjuwils wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2003 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-bijokarburanti jew karburanti oħra rinnovabbli għat-trasport⁽¹²⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku⁽¹³⁾.

⁽¹²⁾ ĠU L 123, 17.5.2003, p. 42.

⁽¹³⁾ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

5.2. Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u s-sehem mis-suq

Tabella 2

Importazzjonijiet mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Tunnellati	2 634	11 504	50 838	730 922	1 137 152
Indiċi 2005=100	23	100	442	6 354	9 885
Sehem mis-suq	0,1 %	0,4 %	1,0 %	11,0 %	17,2 %
Indiċi 2005=100	25	100	250	2 750	4 300

Sors: Statistika ta' esportazzjoni mill-Istati Uniti

- (72) Il-volumi ta' importazzjoni mill-Istati Uniti żdiedu b'mod sinifikanti minn madwar 11 500 tunnellata fl-2005 għal madwar 1 137 000 tunnellata waqt il-IP.
- (73) Matul il-perjodu analizzat, l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti żiedu kontinwament s-sehem tagħhom mis-suq Komunitarju minn 0,4 % fl-2005 għal 17,2 % fil-PI. Għalhekk, kien hemm żieda sinifikanti f'importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping f'termini assoluti u f'termini relattivi mqabbla mal-konsum Komunitarju matul dak il-perjodu.
- (74) *Splash and dash* huwa terminu użat mill-operaturi tal-bijodiżil biex jiddeskrivu xejra fejn bijodiżil ta' oriġini allegatament barranija qabel jintbagħat lejn il-Komunità jgħaddi mill-Istati Uniti fejn jitħallat b'bażikament qatra (0,01 % tat-taħlita finali) ta' diżil konvenzjonali sabiex min ħalltu jieħu vantaġġ minn sussidju fl-Istati Uniti.
- (75) Partijiet Amerikani sostnew li l-*splash and dash* jispjega l-qabża fl-importazzjonijiet Amerikani fis-suq Komunitarju, peress li allegatament tirrappreżenta 40 % tal-importazzjonijiet Amerikani matul il-PI. Dawn il-partijiet sostnew ukoll li minħabba li l-investigazzjoni nbdiel kontra l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti, il-kwantitajiet ikkonċernati mill-*splash and dash* għandhom ikunu separati mill-analiżi ta' ħsara u ttrattati bħala importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn.
- (76) Mill-banda l-oħra l-ilmentatur argumenta li l-importazzjonijiet ta' *splash and dash*, jekk kien hemm, kienu jirrappreżentaw l-iktar l-iktar 10 % tal-volumi ta' esportazzjoni Amerikani, u għalhekk ikunu insinifikanti u mhux jalteraw is-sejbiet li kwantitajiet kbar ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti daħlu fis-suq Komunitarju, b'mod partikolari matul il-PI.
- (77) L-investigazzjoni wriet li l-istatistika ta' esportazzjoni Amerikana ma tippermettix li wieħed jiddistingwi bejn kwalunkwe bijodiżil esportat taħt l-allegat proċess ta' *splash and dash* u l-esportaturi Amerikani l-oħrajn irreġistrati fil-kapitolu "Espertazzjonijiet" tagħhom. Fl-istess statistika ma kien hemm kważi l-ebda kwantitajiet li nstab li kienu ddikjarati taħt il-kapitolu "Espertazzjonijiet Mill-Ġdid". L-awtoritajiet Amerikani s'tqarrew ukoll li l-kwantitajiet kollha fil-kapitolu "Espertazzjonijiet" tagħhom huma prodotti meqjusa li joriġinaw mill-Istati Uniti.
- (78) Barra minn hekk, ħafna mill-kumpaniji Amerikani investigati ddikjaraw li ma kienx possibbli li tiddistingwi l-kwantitajiet esportati lejn il-Komunità jew mibjugħa fis-suq domestiku bejn il-kwantitajiet prodotti jew li s-sors tagħhom kien fl-Istati Uniti u daww esportati bil-proċess *splash and dash*.
- (79) Instab ukoll, fil-każ tal-kumpanijiet investigati fl-Istati Uniti li l-esportazzjonijiet kollha ta' bijodiżil ġew iddikjarati, kemm mal-esportazzjoni mill-esportaturi Amerikani kif ukoll mal-importazzjoni mill-importaturi relatati fil-Komunità, bħala bijodiżil ta' oriġini mill-Istati Uniti.

- (80) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq u wara li tqiesu, b'mod partikolari, li esportazzjonijiet *splash and dash*, jekk kien hemm, kienu ddikjarati bħala ta' oriġini Amerikana u tqiesu li joriġinaw mill-Istati Uniti mill-awtoritajiet Amerikani, tqies li ma kien hemm l-ebda bażi biex jiġu ttrattati bħala importazzjonijiet mhux Amerikani.

5.3. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u traħħis tal-prezzijiet

5.3.1. Il-prezz tal-bejgħ tal-unitajiet

Tabella 3

	2004	2005	2006	2007	PI
Prezzijiet f'EUR/tunnellata	463	575	600	596	616
Indiċi 2005=100	81	100	104	104	107

Sors: Statistika ta' esportazzjoni Amerikana u tweġibiet għall-kwestjonarju tal-esportaturi Amerikani li ħadu sehem fil-kampjun

- (81) L-istatistika ta' esportazzjoni Amerikana ntużat ukoll intużat ukoll biex jiġu stabbiliti x-xejriet tal-prezz tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li joriġinaw mill-Istati Uniti, b'mod partikolari għall-2007 u l-PI. Sabiex jiġi rifless il-livell tal-prezz fil-fruntiera Komunitarja, il-prezzijiet ta' esportazzjoni medji kienu aġġustati bl-ispejjeż rilevanti tat-trasport u l-assikurazzjoni. Ta' min jinnota li għal perjodi itwal għall-perjodu analizzat, jiġifieri l-2005 u l-2006 u anke għall-2004, l-istatistika ta' esportazzjoni Amerikana ma kinitx affidabbli għal kollox f'termini ta' valuri ta' bejgħ peress li l-prezzijiet ta' esportazzjoni medja kkalkulata nstabu li kienu sproporzjonament għoljin meta mqabbla mal-prezzijiet irrapporati mill-produtturi esportaturi li kkooperaw. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-prezz medju ta' esportazzjoni Amerikana għal dawn is-snin kien ibbażat fuq it-tweġibiet tal-kwestjonarju fornuti mill-produtturi esportaturi fil-kampjun fl-Istati Uniti.
- (82) Il-prezzijiet medji għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti varjaw matul il-perjodu meqjus u kumplesivament urew żieda ta' 7 % bejn l-2005 u l-PI.

5.3.2. Traħħis tal-prezzijiet

- (83) Għall-finijiet tal-analiżi ta' traħħis tal-prezzijiet, il-medja b'piż differenzjat tal-prezzijiet tal-bejgħ li l-produtturi Komunitarji fil-kampjun żammew lill-klijenti mhux relatati fis-suq Komunitarju, aġġustati fuq livell ta' prezzijiet tal-fabbrika, tqabblu mal-medja b'piż differenzjat tal-prezzijiet korrispondenti tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti, stabbiliti fuq bażi ta' CIF għall-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti fil-kampjun. Ġie applikat aġġustament kif xieraq għad-dazji doganali, l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni u għad-differenzi fil-materja prima agrikola (ara l-premessa li jmiss) użata għall-produzzjoni tal-bijodiżil.
- (84) L-investigazzjoni identifikat tipi differenti tal-prodott ikkonċernat b'mod partikolari bbażat fuq il-materja prima agrikola użata fil-proċess ta' produzzjoni. Filwaqt li l-iktar materja prima agrikola użata fil-Komunità hija ż-żerriegħa tar-rapa, il-produtturi Amerikani jużaw materji primi agrikoli oħrajn bħall-fażola tas-sojja, canola, il-palma, eċċ. Peress li l-materja prima agrikola hija l-materja prima ewlenija sew għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat tqies li għandu jingħata aġġustament għall-materja prima agrikola. L-aġġustament ġie għalhekk ikkalkulat biex jikkorrispondi għall-valur fis-suq tad-differenza bejn it-tipi rilevanti tal-prodott ikkonċernat meta mqabbel mat-tip ta' prodotti ffabbrikati miż-żerriegħa tar-rapa. B'dan il-mod kemm il-prezzijiet ta' bejgħ medji b'piż differenzjat tal-industrija Komunitarja kif ukoll il-prezz medju b'piż differenzjat tal-importazzjonijiet ikkonċernati tqabblu fuq bażi tal-istess materja prima agrikola, jiġifieri ż-żerriegħa tar-rapa.
- (85) Fuq il-bażi tal-metodoloġija ta' hawn fuq, id-differenza bejn il-prezzijiet Amerikani u dawk Komunitarji, espressi bħala perċentwali tal-prezz tal-fabbrika medju b'piż differenzjat, jiġifieri l-marġni tat-traħħis tal-prezzijiet, instab li tvarja minn 18,9 % sa 33,0 %.

5.4. Il-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja

- (86) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija Komunitarja inkluda valutazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha għall-industrija Komunitarja matul il-perjodu analizzat.

5.4.1. Il-kapaċità ta' produzzjoni, il-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

Tabella 4

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-kapaċità ta' produzzjoni (tunnellati)	529 000	920 000	1 306 572	2 189 910	2 520 508
Indiċi 2005=100	58	100	142	238	274
Produzzjoni (tunnellati)	475 710	813 657	1 214 054	1 832 649	2 016 573
Indiċi 2005=100	58	100	149	225	248
L-użu tal-kapaċità	90 %	88 %	93 %	84 %	80 %
Indiċi 2005=100	102	100	106	95	91

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Komunità li għamlu parti mill-kampjun

- (87) Skont il-konsum li żdied, il-kapaċità ta' produzzjoni tal-produtturi tal-Komunità li għamlu parti mill-kampjun issoktat tiżdied tul il-perjodu analizzat. Il-kapaċità żdiedet minn 42 % bejn l-2005 u l-2006 wara żieda oħra ta' 68 % fl-2007 u żieda oħra ta' 15 % bejn l-2007 u l-PI. Ġiet immarkata żieda globali ta' 174 % tul il-perjodu analizzat. Iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni rriżultat minn investimenti ġodda li saru minn qabel iż-żieda fid-domanda.
- (88) Tabilħaqq, iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni fl-industrija Komunitarja għandha tidher fl-isfond tal-mira tal-konsum tal-bijofjuwils Komunitarji u tal-fjuwils oħra li jistgħu jintużaw mill-ġdid ta' 5,75 %, stabbilita mid-Deċiżjoni 2003/30/KE, li ġiet ikkalkulata fuq il-bażi tal-kontenut tal-enerġija tal-petrol u d-diżil kollu, għall-finijiet tat-trasport, li tqiegħed fis-suq Komunitarju sal-31 ta' Diċembru 2010. Barra minn hekk, f'Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew approva mira minima li torbot ta' 10 % li għandha tinkiseb mill-Istati Membri għas-sehem tal-bijofjuwils fit-trasport Komunitarju globali tal-konsum tal-petrol u d-diżil sal-2020 ⁽¹⁴⁾. Din il-mira għandha mnejn żżid il-konsum Komunitarju tal-bijofjuwils għal madwar 33 miljun tonnelli ta' ekwivalenti taż-żejt sa dik is-sena. Il-kapaċità ta' produzzjoni fil-Komunità kollha fl-2006 ġiet stmata għal 6 miljun tonnelli biss. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, wieħed jista' jifhem għaliex il-produtturi Komunitarji investew fil-kapaċitajiet supplimentari minn qabel ma saret iż-żieda fid-domanda.
- (89) Il-produzzjoni ta' prodott simili mill-industrija Komunitarja żdied kontinwament ukoll biex jilħaq żieda globali ta' 148 % fil-perjodu analizzat.
- (90) Bħala riżultat tal-pass relattivament inqas mgħaġġel fiż-żieda tal-volumi ta' produzzjoni meta mqabbel maż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni, l-użu tal-kapaċità tal-industrija Komunitarja naqas b'9 % tul il-perjodu analizzat.

⁽¹⁴⁾ Wara din l-approvazzjoni, il-Parlament u l-Kunsill ftiehm, f'Diċembru 2008, fuq Direttiva għall-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi li jistgħu jintużaw mill-ġdid li fihom mira ta' 10 % għall-użu tal-enerġija li tista' tintuża mill-ġdid fit-trasport fl-2020, li hi mistennija li tiġi b'mod partikolari ssodisfatta mill-bijofjuwils.

5.4.2. *Il-volum tal-bejgħ, l-ishma mis-suq u l-prezzijiet medji tal-unitajiet fil-Komunità*

Tabella 5

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-volumi tal-bejgħ (tunnellati)	476 552	810 168	1 194 594	1 792 502	1 972 184
<i>Indiċi 2005=100</i>	59	100	147	221	243
Is-sehem mis-suq	24,6 %	25,3 %	24,0 %	27,0 %	29,8 %
<i>Indiċi 2005=100</i>	97	100	95	107	118
Prezzijiet medji (EUR/tunnellata)	655	759	900	892	933
<i>Indiċi 2005=100</i>	86	100	119	118	123

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Komunità li ħadu sehem fil-kampjun

- (91) Skont l-iżvilupp tal-konsum, il-volum tal-bejgħ li sar mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju żdied b'mod stabbli, b'żieda globali rreġistrata ta' 143 % tul il-perjodu analizzat. Tul l-istess perjodu, l-industrija Komunitarja żiedet ukoll is-sehem mis-suq tagħha b'4,5 punti perċentwali.
- (92) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju żdiedu bi 23 % tul il-perjodu analizzat. Iż-żieda fil-prezzijiet kienet ġustifikata fid-dawl taż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima u ta' dħul ieħor.

5.4.3. *It-tkabbir*

- (93) It-tkabbir tal-industrija Komunitarja ġie rifless fl-indikaturi tal-volum tagħha bħall-produzzjoni, il-bejgħ iżda, b'mod partikolari, fis-sehem tagħha mis-suq. Minkejja konsum li qiegħed jiżdied f'daqqa fis-suq Komunitarju tul il-perjodu analizzat, it-tkabbir fis-sehem mis-suq tal-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun kien relattivament modest. B'mod partikolari bejn l-2006 u l-PI, il-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun ħadu biss 5,8 punti perċentwali tas-sehem mis-suq. Fl-istess żmien, l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping irnexxielhom jiksbu aktar minn 16-il punt perċentwali tas-sehem mis-suq. Il-fatt li l-industrija Komunitarja ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ mit-tkabbir tas-suq kellu impatt globali negattiv fuq il-qagħda ekonomika tiegħu. Bosta fatturi ta' ħsara bħall-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità ta' produzzjoni, il-produttività, il-bejgħ, il-politika tal-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, ġew affettwati ħażin ħafna.

5.4.4. *Ħażniet*

Tabella 6

	2004	2005	2006	2007	PI
Ħażniet (tunnellati)	11 195	14 663	34 123	55 410	58 566
<i>Indiċi 2005=100</i>	76	100	233	378	399

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Komunità li ħadu sehem fil-kampjun

- (94) Tul il-perjodu analizzat, il-ħażniet tal-bijodiżil żdiedu b'madwar 200 %. Dan it-tkabbir fl-inventarji sar tul il-perjodu analizzat u segwa b'mod aktar immarkat it-tkabbir fil-volumi tal-produzzjoni tal-industrija Komunitarja tul l-istess perjodu. Madankollu, tqies li minħabba li l-bijodiżil għandu jinħażen għal perjodu ta' żmien li jaqbeż is-6 xhur (fuq medja, il-perjodu ta' ħażna hu biss madwar tliet xhur) id-dejta li għandha x'taqsam mal-ħażniet għandha biss valur limitat biex tevalwa l-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja.

5.4.5. *Il-profittabilità, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, il-likwidità u l-ħila li jinġabar kapital.*

Tabella 7

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-profittabilità	9,3 %	18,3 %	18,0 %	5,7 %	5,7 %
<i>Indiċi 2005=100</i>	51	100	98	31	31
Investimenti f'EUR 000	19 497	70 885	237 115	140 014	131 358
<i>Indiċi 2005=100</i>	28	100	335	198	185
Ir-redditu mill-investimenti	92 %	114 %	108 %	23 %	23 %
<i>Indiċi 2005=100</i>	81	100	95	20	20
Likwidità f'EUR 000	24 113	131 211	213 560	167 042	180 602
<i>Indiċi 2005=100</i>	18	100	163	127	138

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Komunità li ħadu sehem fil-kampjun

- (95) Il-profittabilità tal-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun ġiet stabbilita billi l-qligħ nett tal-bejgħ tal-prodott simili qabel it-taxxa ġie espress bħala perċentwali tal-fatturat ta' dan il-bejgħ. Tul il-perjodu analizzat il-profittabilità tal-produtturi tal-Komunità li ħadu sehem fil-kampjun kellha tnaqqis fil-qligħ minn 18,3 % fl-2005 għal 5,7 % fil-PI. Dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 12,6 punti perċentwali tul il-perjodu analizzat.
- (96) Il-livell ta' investimenti fil-produzzjoni tal-bijodiżil li sar mill-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun żdied minn 235 % bejn l-2005 u l-2006. Din iż-żieda għandha x'taqsam mat-tkabbir tal-kapaċità ta' produzzjoni minn qabel ma jkun hemm żieda fid-domanda fil-Komunità. F'dan ir-rigward, ġie osservat li f'bosta każijiet, l-investimenti huma ppjanati għal mill-inqas sentejn qabel impjant tal-bijodiżil jibda jaħdem bis-sħiħ. L-istess produtturi ssoktaw jinvestu fl-2007 u l-PI iżda b'pass ħafna aktar bil-mod. Dan il-perjodu jaħbat maż-żieda tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fis-suq Komunitarju.
- (97) Ir-redditu fuq l-investment tal-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun, li wera r-riżultat ta' qabel it-taxxa tagħhom bħala perċentwal tal-valur nett deprezzat medju tal-ftuħ u tal-għeluq tal-assi użati fil-produzzjoni tal-bijodiżil wara tendenza negattiva fil-profittabbiltà. Madankollu, it-tnaqqis attwali kien aktar drammatiku peress li naqas b'91 punt perċentwali tul il-perjodu analizzat. Huwa meqjus li d-deterjorament tar-redditu fuq l-investimenti hi indikazzjoni ċara tad-deterjorament tal-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja.
- (98) Ix-xejra tal-likwidità, li hija l-abilità tal-industrija ta' awtofinanzjament tal-attivitajiet tagħha, tirrifletti żieda ta' 38 % tul il-perjodu analizzat. Minkejja t-tnaqqis fil-profittabbiltà tul l-istess perjodu, dan l-indikatur juri tendenza pożittiva kkaġunata b'mod partikolari miż-żieda fil-prezzijiet ta' deprezzament li huma inklużi biex jiġi stabbilit il-livell tal-likwidità. Raġuni oħra kienet li t-tnaqqis fil-qligħ f'termini assoluti, tul il-perjodu meqjus ma kienx daqshekk kbir daqs it-tnaqqis fil-fatturat. Madankollu, bejn l-2006 u l-PI, il-likwidità wriet tnaqqis ta' 15 % li tfisser xejra 'l isfel fl-aħħar parti tal-perjodu analizzat meta kien hemm aktar importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fis-suq Komunitarju.

5.4.6. *L-impjegi, il-produttività u l-pagi*

Tabella 8

	2004	2005	2006	2007	PI
Impjegi – Ekwivalenti full-time (EFT)	61	182	278	462	506
<i>Indiċi 2005=100</i>	34	100	153	254	278
Produttività (tunnellati/EFT)	7 798	4 470	4 367	3 967	3 985
<i>Indiċi 2005=100</i>	174	100	98	89	89
Pagi EUR/EFT	62 374	59 395	54 290	55 433	55 555
<i>Indiċi 2005=100</i>	105	100	91	93	94

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Komunità li ħadu sehem fil-kampjun

- (99) Skont iż-żieda fil-produzzjoni u l-volumi tal-bejgħ, l-impjegi tal-industrija Komunitarja żdiedu b'178 % tul il-perjodu analizzat. Ġie osservat li l-industrija tal-bijodiżil hi industrija mimlija kapital li ma teħtieġx forza tax-xogħol kbira fil-proċess ta' produzzjoni.
- (100) Il-pagi medji naqsu b'6 % tul il-perjodu analizzat. Dan hu spjegat bil-fatt li l-forza tax-xogħol supplementari li ġiet impjegata mill-industrija Komunitarja għat-tkabbir tal-produzzjoni lejn l-aħħar tal-perjodu analizzat ħtieġet inqas kwalifiki.
- (101) Il-produttività naqset bi 11 % bejn l-2005 u l-PI.

5.4.7. *Id-daqs tal-marġni tad-dumping attwali u l-irkupru mid-dumping ta' qabel*

- (102) Il-marġnijiet tad-dumping għall-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti ġew speċifikati aktar 'il fuq fit-taqsimi dwar id-dumping u huma ferm aktar minn *de minimis*. Barra minn hekk, meta jitqiesu l-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, l-impatt tal-marġni effettivi tad-dumping ma jstax jitqies bħala negliġibbli.

5.4.8. *Il-produtturi fil-Komunità li ma ġewx inklużi fil-kampjun*

- (103) L-analiżi tad-dejta li għandha x'taqsam mas-suq Komunitarju ssuġġeriet li l-produtturi Komunitarji għajr daww inklużi fil-kampjun u daww imsemmija fil-premessa (60) tilfu ħafna mis-sehem mis-suq tul il-perjodu analizzat fuq il-bejgħ tal-bijodiżil prodott minnhom fis-suq Komunitarju. It-telf tas-sehem mis-suq minn dawn il-produtturi ġie stmat għal aktar minn 20 punti perċentwali tul il-perjodu analizzat.
- (104) Mit-tagħrif ipprovdut mill-ilmentatur, deher li bosta minn dawn il-kumpaniji jew waqqfu jew naqqsu l-attività tal-bijodiżil tagħhom u ma kinux kapaċi jikkoooperaw b'mod xieraq mal-investigazzjoni.
- (105) Barra minn hekk, għadd ta' kumpaniji li ppreżentaw tagħrif fil-qafas tal-eżerċizzju tal-kampjun indikaw li kellhom inaqqsu l-produzzjoni u l-persunal fid-dawl tal-importazzjonijiet irħas mill-Istati Uniti. Saru kummenti simili minn produtturi oħrajn li kienu lesti li jibdeu il-produzzjoni iżda li kellhom idewmu d-dħul tagħhom fis-suq minħabba ż-żieda tal-importazzjonijiet irħas mill-Istati Uniti, b'mod partikolari tul il-PI.

- (106) Id-dejta li tinsab hawn fuq rigward il-produtturi li ma ġewx inklużi fil-kampjun għandha mnejn issaħħaħ il-konklużjonijiet rigward il-ħsara li sofrew il-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun.

5.5. Il-konklużjoni dwar il-ħsara

- (107) Fil-kuntest ta' domanda dejjem akbar, l-investigazzjoni wriet li l-qagħda tal-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun tjebet rigward indikaturi ta' volum bħall-produzzjoni (+ 150 %), il-kapaċità ta' produzzjoni (+ 174 %), u l-volum tal-bejgħ (+ 143 %) tul il-perjodu analizzat. Il-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun żiedu wkoll is-sehem mis-suq tagħhom minn 25,3 % fl-2005 għal 29,8 % tul il-PI, jiġifieri żieda modesta ta' 4,5 punti perċentwali. L-impjegi u l-investimenti żdiedu wkoll fid-dawl tad-domanda li kienet qiegħda tiżdied għall-bijodiżil fis-suq Komunitarju tul dak il-perjodu. Madankollu, peress li l-volum tal-produzzjoni ma segwiex it-tkabbir tas-suq, l-użu tal-kapaċità ta' produzzjoni naqas b'9 % u l-produttività naqset bi 11 % tul il-perjodu analizzat.
- (108) L-indikaturi ewlenin li jikkonċernaw il-qagħda finanzjarja tal-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun marru għall-aġar tul il-perjodu analizzat. Il-profittabbiltà naqset minn madwar 18 % fl-2005 u l-2006 għal inqas minn 6 % tul il-PI. Minkejja l-ħila tagħhom ta' awtofinanzjament tal-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-likwidità, ir-redditu fuq l-investimenti naqas b'mod drammatiku bi 80 % tul il-PI.
- (109) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun ġarrbu tnaqqis f'daqqa fl-ispejjeż tagħhom bejn l-2005 u l-2007 (+ 36 %) u bejn l-2005 u l-PI (+ 42 %), minħabba f'żidiet fil-prezzijiet tal-materja prima agrikola (b'mod partikolari għaż-żejt taż-żerriegħa tar-ropa u tal-fażola tas-sojja), li jirrappreżentaw daqs 80 % tal-ispejjeż sħaħ tal-bijodiżil. Dawn iż-żidiet fl-ispejjeż ma setgħux jingħataw bis-sħiħ lill-klijenti fis-suq Komunitarju.
- (110) Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, jista' jiġi konkluż li l-industrija Komunitarja bħala entità sħiħa batiet ħsara materjali fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

6. KAWŻALITÀ

6.1. Introduzzjoni

- (111) Skont l-Artikolu 3(6) u l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fl-Istati Uniti kkawżawx ħsara lill-industrija Komunitarja sa tali punt li tippermettilha li tiġi kklassifikata bħala materjali. Fatturi magħrufa għajr l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, li fl-istess ħin setgħu kienu qed jagħmlu ħsara lill-industrija Komunitarja, kienu eżaminati wkoll biex ikun żgur li l-ħsara possibbli kkawżata minn dawn il-fatturi l-oħra ma kienu attribwit lill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

6.2. L-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping

- (112) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet irħas li huma l-oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti żdiedu b'mod sinifikanti f'termini ta' volum, b'mod partikolari b'100 darba, tul il-perjodu analizzat. Dan irriżulta f'żieda sinifikanti fis-sehem mis-suq tagħhom b'16,8 punti perċentwali minn 0,4 % fl-2005 għal 17,2 % fil-PI. Sabiex jintwera l-impatt sinifikanti li ż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti kellha fuq il-Komunità, ġie osservat li nkisbet żieda fis-sehem mis-suq ta' 16,8 punti perċentwali fi ħdan perjodu ta' 15-il xahar.
- (113) Fl-istess żmien, minkejja ż-żieda sinifikanti fil-konsum, l-industrija Komunitarja, fis-suq ewleni tagħha, kienet biss kapaċi tikseb madwar 4,5 punti perċentwali tas-sehem mis-suq tul il-perjodu analizzat. L-investigazzjoni wriet li dan kien esklussivament b'detriment tal-produtturi Komunitarji oħrajn li waqfu jipproduċu jew naqsu l-produzzjoni tul il-perjodu analizzat.

- (114) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping żdied b'7 % bejn l-2005 u l-PI, iżda madankollu kien konsiderevolment inqas minn dawk tal-industrija Komunitarja matul l-istess perjodu. B'hekk, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping raħħsu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija Komunitarja b'marġni ta' tnaqqis medju ta' 25 % tul il-PI.
- (115) Il-pressjoni eżerċitata miż-żieda tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx fis-suq Komunitarju ma kinitx tippermetti lill-industrija Komunitarja biex tistabbilixxi l-prezzijiet ta' bejgħ tagħha skont il-kondizzjonijiet tas-suq u ż-żieda fl-ispejjeż. Tabilħaqq, fil-PI, il-prezzijiet medji tal-materja prima agrikola użata mill-industrija Komunitarja biex jipproduċu l-bijodiżil, kienu 25 % ogħla milli fl-2006. L-industrija Komunitarja setgħet biss tgħaddi lill-kosumaturi tagħha żieda fil-prezz limitata għal 4 % filwaqt li l-ispejjeż sħaħ tagħha żdiedu b'20 % tul l-istess perjodu. Ta' min wieħed jinnota li l-prezz tal-materja prima agrikola ewlenija użata mill-produtturi tal-Istati Uniti, b'mod partikolari ż-żejt tal-fażola tas-sojja, żdied ukoll b'mod sinifikanti tul l-istess perjodu. Madankollu, kif jidher fil-premessa (109) hawn fuq, dawn iż-żidiet fl-ispejjeż ma ġewx riflessi fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (116) Sabiex tintwera aktar ir-rabta kawżali bejn iż-żieda tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx mill-Istati Uniti u l-ħsara mġarrba mill-industrija Komunitarja, il-qagħda fis-suq Komunitarju fil-perjodu mill-2005 sal-2006, meta l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ma kinux preżenti, tqabblat mal-qagħda dominanti fis-suq bejn l-2006 sal-PI, meta seħħet iż-żieda tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx.
- (117) Fil-perjodu bejn l-2005 u l-2006, meta ma kienx hemm importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mis-suq Komunitarju, il-konsum żdied b'madwar 1,8 miljun tonnollata. Il-produtturi kollha fil-Komunità jistgħu jħejju l-pjanijiet ta' negozju tagħhom fid-dawl ta' suq b'saħħtu u li qiegħed jikber malajr. F'dak il-perjodu, il-prezzijiet żdiedu b'19 % u l-industrija Komunitarja kisbet qligħ ta' sa 18,3 %. Fl-2007 u tul il-PI, il-qagħda nbidlet b'mod drammatiku. Importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx mill-Istati Uniti bdew jidħlu fis-suq. Għalkemm is-suq issokta jikber b'1,6 miljun tonnollata, ħafna minn din iż-żieda tas-suq ('il fuq minn miljun tonnollata) ittieħdet mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti. L-industrija Komunitarja żiedet biss bi fteit is-sehem tagħha fis-suq. L-ispejjeż ewlenin sabiex tipproduċi l-bijodiżil żdiedu b'mod sinifikanti b'madwar 25 % iżda l-prezz tal-bejgħ medju tagħha żdied biss b'madwar 4 % tul l-istess perjodu. Għaldaqstant, il-qagħda ekonomika u finanzjarja globali tagħha marret għall-agħar tul il-PI peress li l-qligħ naqas b'mod sinifikanti għal inqas minn 6 % tal-fatturat.
- (118) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, huwa provviżorjament konkluż li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx, li raħħsu b'mod sostanzjali l-prezz tal-industrija tal-Komunità matul il-PI u li żdiedu drastikament fil-volum, kellhom rwol determinanti fil-ħsara materjali li sofriet l-industrija Komunitarja, li huwa rifless b'mod partikolari fid-deterjorament tal-qagħda finanzjarja tul il-PI.

6.3. Effett ta' fatturi oħra

6.3.1. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Tabella 9

Pajjiżi terzi oħra	2004	2005	2006	2007	PI
L-importazzjoni totali (tonnellati)	0	30 000	55 000	144 596	147 812
<i>Indiċi</i>	0	100	183	482	493
Is-sehem mis-suq	0 %	0,9 %	1,1 %	2,2 %	2,2 %
<i>Indiċi 2005=100</i>	0	100	122	244	244

Sors: Tagħrif ipprovdut mill-ilmentatur

- (119) Il-volumi ta' importazzjoni mill-pajjiżi terzi ma setgħux jiġu vvalutati b'mod preċiż fl-investigazzjoni għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (69) hawn fuq. B'hekk, id-data tat-tabella hawn fuq tissejjes fuq l-istimi pprovduti mill-ilmentatur.
- (120) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi mhux ikkonċernati minn din l-investigazzjoni żdiedu minn madwar 30 000 tunnellata fl-2005 għal 147 812 tunnellata tul il-PI. Dan irriżulta minn żieda fis-sehem mis-suq moderat ta' 1,3 punti perċentwali tul l-istess perjodu. Għalhekk ġie konkluż provviżorjament li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra għamlu fit li xejn ħsara lill-industrija Komunitarja.

6.3.2. L-iżvilupp tad-domanda

- (121) Fid-dawl tat-tkabbir sinifikanti fid-domanda tul il-perjodu meqjus u l-perjodu analizzat, it-tort tal-ħsara materjali mġarrba mill-industrija Komunitarja tul il-PI ma jstax jingħata lit-tnaqqis minimu fid-domanda (-0,5 %) osservat fis-suq Komunitarju bejn l-2007 u l-PI.

6.3.3. Deċiżjonijiet tal-Politika Pubblika

- (122) Parti kkonċernata allegat li d-dħul mill-ġdid tat-taxxi fuq l-enerġija fil-Ġermanja għall-bijodiżil⁽¹⁵⁾, kellu mnejn influwenza ħażin il-qagħda ekonomika tal-produtturi Komunitarji li fornaw lil dak l-Istat Membru partikolari.
- (123) L-investigazzjoni wriet li tassew li l-bijofjuwils puri użati fil-Ġermanja bbenefikaw minn inċentiva tat-taxxa mill-1999 li naqset mill-1 ta' Awwissu 2006. Madankollu, fl-1 ta' Jannar 2007, iddaħħal rekwiżit mandatorju għat-taħlit⁽¹⁶⁾ li jiffissa l-kwota tal-bijodiżil għal 4,4 % kkalkulat fuq il-bażi tal-kontenut tal-enerġija tal-petrol u d-diżil kollu mqiegħed fuq is-suq tal-Ġermanja għall-finijiet tat-trasport. L-operaturi li ma jirnexxihomx jissodisfaw din il-kwota għandhom iħallsu piena ta' EUR 0,60 għal kull litru ta' bijodiżil li minħabba fih ma jissodisfawx il-kwota. Fil-biċċa l-kbira, dan ir-rekwiżit mandatorju ta' taħlit jidher li kkumpensa għat-telf allegat tal-bejgħ u li kkontro bilanċja t-tnaqqis fl-inċentivi. Tabilħaqq, l-investigazzjoni wriet li l-volumi tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun li jfornu lis-suq Ġermaniż żdiedu bi 68 % bejn l-2006 u l-PI.
- (124) Imsejjes fuq dak li ntqal hawn fuq, tqies li deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi fil-Komunità ma jstgħux ikisru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara materjali li sofriet l-industrija Komunitarja.

6.3.4. Kapaċità ta' produzzjoni wieqfa tal-produtturi Komunitarji

- (125) Parti kkonċernata allegat li, imħeġġa mill-miżuri politiċi pubbliċi li jippromwovu l-produzzjoni tal-bijodiżil, bosta kumpanji fil-Komunità ddeċidew li jinvestu fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni li jeżistu li qegħdin jikbru u f'impjanti ġodda. Dik il-parti allegat li l-kapaċità ta' produzzjoni għall-bijodiżil fil-Komunità kienet għolja daqs 11,5 miljun tunnellata tul il-PI. Il-parti kompliet tallega li, peress li l-iżvilupp tal-konsum ma ssodisfax l-istennijiet, parti sinifikanti tal-kapaċità ta' produzzjoni baqgħet wieqfa u kellha mnejn tibqa' wieqfa anke mingħajr l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti. Għaldaqstant, l-ispejjeż relattivi fissi kellhom effett negattiv fuq il-profittabbiltà kif ukoll fuq ir-redditu mill-investiment u l-likwidità tal-produtturi Komunitarji.

⁽¹⁵⁾ L-"Energiesteuergesetz" daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2006 u impona taxxa ta' 9 ċenteżmi tal-Euro għal kull litru B 100.

⁽¹⁶⁾ "Biokraftstoffquotengesetz" BGBl. 2006, il-parti I Nru 62 tal-21.12.2006, p. 3180, li jimplementa d-Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

- (126) F'dan ir-rigward, għe osservat li l-investigazzjoni ffokat fuq il-qagħda tal-produtturi Komunitarji. Għalkemm huwa fatt li l-kapaċità ta' produzzjoni tal-industrija Komunitarja żdiedet (+ 189 %) relattivament aktar mid-domanda (+ 106 %), ta' min wieħed jinnota li l-kawżi ewlenin tal-ispejjeż fil-produzzjoni tal-bijodiżil huma l-ispejjeż varjabbli. Tabilħaqq, kif imsemmi fil-premessa (109) hawn fuq, il-materja prima għall-produzzjoni tal-bijodiżil tirrappreżenta 80 % tal-ispejjeż sħaħ. Aktar eżami-jiet ta' din l-allegazzjoni wrew li s-sehem tal-ispejjeż fissi fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-bijodiżil jirrap-preżentaw biss 6 % tal-ispejjeż globali. B'hekk, kwalunkwe impatt allegat taż-żieda tal-ispejjeż fissi, bħala riżultat tal-kapaċità li mhix użata, ma jistax jispjega d-deterjorament sinifikanti fil-qagħda finanzjarja tal-industrija Komunitarja tul il-PI.
- (127) Barra minn hekk, ta' min wieħed jinnota li kif indikat fit-tabella 4 ta' hawn fuq, ir-rata tal-użu tal-kapaċità tal-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun kienet ta' 80 % tul il-PI. B'hekk, il-kapaċità żejda allegata fil-Komunità ma kinitx mixhuda fil-każ tal-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun
- (128) Imsejjes fuq dak li ntqal hawn fuq, tqies li kwalunkwe impatt negattiv li l-kapaċità ta' produzzjoni wieqfa setgħet kellha fuq l-industrija Komunitarja ma kinitx tali li tkisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara li sofriet l-industrija Komunitarja.

6.3.5. Domanda akbar għall-materja prima agrikola u l-prezzijiet li qegħdin jizjedu

- (129) Parti interessata sostniet li ż-żieda fid-domanda għaż-żerriegħa tar-ropa u ż-żejt taż-żerriegħa tar-ropa wassal għal prezzijiet għoljin tal-materja prima fil-Komunità. Il-fatt li l-produtturi Komunitarji jidde-pendu fuq iż-żejt taż-żerriegħa tar-ropa bħala materja prima ewlenija jista' jispjega għaliex huma sofrew aktar minn produtturi oħra li użaw żjut veġetali bħaż-żejt tal-fażola tas-sojja jew iż-żejt tal-palm biex jiproduċu l-bijodiżil.
- (130) L-ewwel nett għe nnotat li l-investigazzjoni kixfet li l-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun ma kinux qegħdin jiddependu biss fuq iż-żejt taż-żerriegħa tar-ropa għall-produzzjoni tagħhom tal-bijodiżil iżda wkoll fuq iż-żjut veġetali (tal-fażola tas-sojja, tal-palm u tal-ġirasol) u ġieli fuq ix-xaħam tal-annimali.
- (131) Barra minn hekk, għe tabilħaqq rikonoxxut fil-premessa (109) hawn fuq li l-industrija Komunitarja ħabtet wiċċha ma' żieda sinifikanti fl-ispejjeż tal-materja prima tagħha (materja prima agrikola) tul il-perjodu analizzat. Madankollu, wieħed għandu jara dan l-iżvilupp fid-dawl ta' żieda ġenerali fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli mad-dinja kollha u għe nnotat f'dan ir-rigward li ż-żieda fil-prezz taż-żejt tal-fażola tas-sojja (il-materja prima agrikola ewlenija użata mill-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat) kienet aktar immarkata tul l-istess perjodu. B'hekk, it-tipi kollha tal-bijodiżil ġew affettwati miż-żieda fil-prezz tal-materja prima agrikola.
- (132) F'suq immexxi mill-kompetizzjoni effettiva, għandu jiġi mistenni li l-produtturi jirnexxilhom jirkupraw lura ż-żieda fl-ispejjeż u jgħadduha lis-suq. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-pressjoni eżerċitata miż-żieda tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx fis-suq Komunitarju ma kinitx tippermetti lill-produtturi Komunitarji biex jistabbilixxu l-prezzijiet ta' bejgħ tagħhom skont il-kondizzjonijiet tas-suq u ż-żieda fl-ispejjeż. Kif imsemmi, anke l-materja prima agrikola ewlenija użata mill-produtturi tal-Istati Uniti, b'mod partikolari ż-żejt tal-fażola tas-sojja, żdiedet ukoll b'mod sinifikanti tul il-perjodu analizzat. Madankollu, dawn iż-żidiet fl-ispejjeż fl-Istati Uniti ma ġewx riflessi fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fis-suq Komunitarju.
- (133) F'dan l-isfond iż-żieda fil-prezz tal-materja prima ma tistax tikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara li ġarrbet l-industrija Komunitarja.

6.3.6. *Żvilupp fil-prezz tad-diżil minerali*

- (134) Parti interessata argumentat li minħabba l-korrelazzjoni qawwija bejn il-prezzijiet tad-diżil minerali u l-prezzijiet tal-bijodiżil, iż-żieda fil-prezzijiet tal-bijodiżil, li kienet akbar miż-żieda tal-prezzijiet tad-diżil minerali, b'mod partikolari fil-Ġermanja, kellha mnejn tikkawża tnaqqis fil-bejgħ għall-produtturi li jfornu s-suq ta' dan l-Istat Membru.
- (135) L-ewwel nett ġie osservat li l-parti kkonċernata ma pprovdiet l-ebda tagħrif biex tissostanzja din l-allegazzjoni. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li ġie ssuġġeriet minn din il-parti, l-investigazzjoni kixfet li l-industrija Komunitarja żiedet il-bejgħ u s-sehem mis-suq tagħha tul il-perjodu analizzat. Barra minn hekk, peress li l-prezzijiet taż-żejt mhux raffinat huma kkwotati fuq bażi tad-dinja kollha, il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat kellu jkun affettwat bl-istess mod bħall-bejgħ tal-bijodiżil prodott fil-Komunità.
- (136) Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, dan l-argument kellu jiġi rrifutat.

6.3.7. *L-importazzjoni tal-lok tal-impjanti tal-bijodiżil fil-Komunità*

- (137) Parti interessata sostniet li l-lok ta' kwalunkwe produttur tal-bijodiżil jkun element importanti f'termini ta' kompetittività u juża l-Ġermanja bħala eżempju biex juri li l-postijiet imdawrin bl-art tal-produtturi tal-bijodiżil ikollhom iġarrbu spejjeż ta' trasport għoljin peress li l-klijenti l-kbar kollha, b'mod partikolari r-raffineriji u l-faċilitajiet ta' taħlit tagħhom jinsabu max-xatt.
- (138) L-investigazzjoni wriet li huwa biss għadd żgħir tal-produtturi tal-industrija Komunitarja li jinsabu f'postijiet imdawrin bl-art. Barra minn hekk, għal ċerti minn dawn il-produtturi nstab li r-raffinaeriji eżistew ukoll f'postijiet imdawrin bil-baħar qrib ta' dawn il-produtturi. Għall-oħrajn, l-investigazzjoni żvelat li kwalunkwe żvantaġġ għall-produtturi tal-bijodiżil li jinsabu f'postijiet imdawrin bl-art għall-fatt li jinsabu 'l bogħod mill-klijenti tagħhom (min iħallat, raffineriji) kien ikkumpensat mill-fatt li jinsabu qrib imtieħen li jfarrku u/jew fornituri tal-materja prima agrikola.
- (139) Fuq il-bażi ta' li ntqal hawn fuq, l-allegazzjoni li l-lok tal-impjant f'postijiet imdawrin bil-baħar qiegħed jikkawża ħsara materjali lill-industrija Komunitarja ġiet miċħuda.

6.3.8. *Produtturi relatati mal-esportaturi tal-Istati Uniti*

- (140) Għandu jiġi osservat li l-impatt tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti mit-tliet kumpaniji msemmija fil-premessa (60) kien ikkunsidrat fl-analiżi tal-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti magħmula fil-premessi (112) sa (118) hawn fuq. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ tagħhom tal-bijodiżil prodott minnhom, l-investigazzjoni ma ppuntatx lejn il-prezzijiet jew imġiba differenti minn dak tal-produtturi Komunitarji li hađu sehem fil-kampjun, b'mod partikolari tul il-PI.

6.4. **Il-konklużjoni dwar il-kawżalità**

- (141) L-analiżi msemmija hawn fuq uriet li kien hemm żieda sostanzjali fil-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx li joriġinaw mill-Istati Uniti bejn l-2005 u l-PI. Fl-istess ħin, instab li dawn l-importazzjonijiet kienu qegħdin iraħħsu b'mod sinifikanti l-prezz tal-industrija Komunitarja tul il-PI.
- (142) Is-sejbiet varji tal-investigazzjoni u l-analiżi li twettqet, għall-perjodu 2005 u 2006 meta mqabbel mal-perjodu 2007 sal-PI, urew li kien hemm koinċidenza ċara fil-ħin bejn iż-żieda tal-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-Istati Uniti u d-deterjorament sinifikanti tal-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja, b'mod partikolari tul il-PI.

- (143) Skont l-analiżi msemmija hawn fuq, li għamlet distinzjoni xierqa u firdet l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin dwar il-qagħda tal-industrija Komunitarja mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, huwa konkluż b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti kkawżaw ħsara materjali lill-industrija Komunitarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

7. INTERESS KOMUNITARJU

7.1. Kumment preliminari

- (144) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Komunità eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni dwar id-dumping li huwa ta' ħsara, kinux jeżistu raġunijiet kompulsivi li mhuwiex fl-interess tal-Komunità li tadotta miżuri f'dan il-każ partikolari. Id-determinazzjoni tal-interess Komunitarju kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inkluż dawk tal-industrija Komunitarja, l-importaturi, il-fornituri tal-materja prima, u l-utenti tal-prodott ikkonċernat.

7.2. Interess tal-industrija Komunitarja

7.2.1. L-effetti tal-miżuri imposti jew mhux imposti ta' miżuri fuq l-industrija Komunitarja

- (145) Kif issemma aktar 'il fuq, l-industrija Komunitarja batiet minn ħsara materjali kkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li joriġinaw mill-Istati Uniti. Jekk ma jitteħdux miżuri, dan wisq probabbli jwassal għall-issoktar tax-xejra negattiva tal-qagħda finanzjarja tal-industrija Komunitarja. Il-qagħda tal-industrija Komunitarja kienet partikolarment immarkata minn tnaqqis fil-profittabilità ta' 12,6 punti perċentwali bejn l-2005 u l-PI minħabba żidiet mhux biżżejjed fil-prezz. Tabilħaqq, fid-dawl tax-xejra 'l isfel fil-profittabilità, x'aktarx li l-qagħda finanzjarja tal-industrija Komunitarja se tmur aktar għall-aġħar fin-nuqqas ta' miżuri. Dan fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal tnaqqis fil-produzzjoni u għeluq tal-postijiet tal-produzzjoni, li għalhekk jheddu l-impjegji u l-investimenti fil-Komunità.
- (146) Jitqies li l-impożizzjoni tal-miżuri għandha terġa' ġgħib il-kompetizzjoni ġusta fis-suq. Għandu jiġi nnotat li x-xejra 'l isfel fil-profittabilità tal-industrija Komunitarja hija r-riżultat tad-diffikultà li għandha biex tikkompeti mal-importazzjonijiet li kienu l-oġġetti ta' dumping, bi prezzijiet baxxi li joriġinaw mill-Istati Uniti. L-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping x'aktarx tqiegħed lill-industrija Komunitarja fil-pożizzjoni li żżomm il-profittabilità tagħha fuq livelli meqjusa meħtieġa għal din l-industrija b'kapital intensiv.
- (147) Fl-aħħar nett, huwa mistenni li l-miżuri jkunu effettivi biex jagħtu lill-industrija Komunitarja l-opportunità li tirkupra mid-dumping dannuż li nstab matul l-investigazzjoni.

7.3. L-interess ta' importaturi/negozjanti fil-Komunità li ma għandhomx x'jaqsmu

- (148) Mal-bidu tal-investigazzjoni ġew ikkuntattjati madwar 25 importatur/negozjant fil-Komunità li ma għandhomx x'jaqsmu. Madankollu, ma waslet ebda kooperazzjoni minn dawn il-partijiet.
- (149) F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma kienx provviżorjament possibbli li jiġi evalwat b'mod preċiż l-impatt possibbli tal-miżuri fuq l-importaturi.

7.4. Interess tal-utenti

- (150) Il-kumpaniji utenti magħrufa kollha involuti fil-produzzjoni u t-tqassim tad-diżil minerali, u involuti wkoll fit-taħlit obbligatorju tad-diżil minerali mal-bijodiżil ġew ikkuntattjati u ntbagħtulhom kwestjonarji malli bdiet l-investigazzjoni.

- (151) Kienet kumpanija utenti waħda biss li kkooperat. Dan l-utent ressaq it-tweġiba tal-kwestjonarju tiegħu fejn iddikjara li hu favur li l-flussi ta' importazzjonijiet bi prezz baxx mill-Istati Uniti jitwaqqfu, peress li joħlqu distorsjonijiet ta' kompetizzjoni fil-Komunità li jikkawżaw ħsara lill-kumpaniji responsabbli mill-manifattura u l-bejgħ tad-diżil, peress li ċerti kompetituri li ma jrażżnux rwieħhom milli jixtru dan il-prodott bi prezz baxx għandhom vantaġġ ta' kompetizzjoni inġusta meta mqabbla ma' dawh li jrażżnu ruħhom milli jagħmlu dan. Il-kumpanija utent sostniet ukoll li l-miżuri għandhom mnejn jippermettu l-bidu mill-ġdid tal-fabbriki tal-produzzjoni tal-esteri (b'mod partikolari l-Ġermanja) u/jew se jippermettu li jissoktaw proġetti li joħlqu fabbriki ta' esterifikazzjoni ġodda fil-Komunità. Peress li l-ester Ewropew hu magħmul tradizzjonalment miż-żerriegħa tar-rapa (materja prima ta' kwalità aħjar milli l-palma jew is-sojja użati għall-produzzjoni ta' B99), iż-żieda fl-għadd ta' produttori fl-Ewropa għalhekk tfisser aktar prodotti ta' kwalità aħjar li jwasslu għal tnaqqis fil-prezzijiet tal-esteri, għall-benefiċċju aħħari tal-konsumatur.
- (152) Assoċjazzjoni tal-utent, li tirrappreżenta l-interess tal-Baħħara fi Stat Membru sostniet li l-impożizzjoni ta' miżuri jista' jkollha effett negattiv fuq l-attività tal-membri tagħha. Ġie allegat li d-diżil hu responsabbli għal minn 20 sa 25 % tal-ispejjeż tas-settur tat-trasport u li minħabba l-profittabbiltà baxxa tas-settur (0-5 %), il-prezz tad-diżil hu determinanti għas-sopravivenza ta' eluf ta' kumpaniji. Madankollu, dawn l-allegazzjonijiet ma jistgħux jiġu verifikati peress li ma waslu l-ebda tweġibiet għall-kwestjonarji tal-utenti minn membri individwali tal-assoċjazzjoni kkonċernata.
- (153) F'dawn iċ-ċirkostanzi, kien proviżorjament konkluż li, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta, l-effett tal-miżuri anti-dumping jidher li kienu mħallta u b'hekk ma saru l-ebda konklużjonijiet ċari rigward l-eżistenza ta' raġunijiet b'saħħithom, fl-interess tal-utenti sabiex ma jadottawx miżuri f'dan il-każ partikolari.

7.5. L-interess tal-fornituri tal-materja prima

- (154) Sitt fornituri wiegħbu għall-kwestjonarju. Erbgħa sostnew l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping billi ressqo li, jekk il-miżuri anti-dumping ma kinux se jiġu imposti, il-preżenza fit-tul tal-industrija Komunitarja kienet se titqiegħed friskju. Jekk dan iseħħ, ikun hemm impatt negattiv ċar fuq is-sitwazzjoni tagħhom.
- (155) Tnejn oħra li kienu relatati ma' produttori li jesportaw il-bijodiżil fl-Istati Uniti, ressqo li miżuri possibbli ma kinux se jkunu ta' impatt sinifikanti peress li kienu se jirriżultaw f'bidla fil-flussi tal-kummerċ (bidla lejn l-importazzjonijiet mill-pajjiżi li mhumiex koperti mill-miżuri).
- (156) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-impożizzjoni ta' miżuri kien se jkollha effett pożittiv fuq il-qagħda tal-fornituri tal-materja prima.

7.6. Kompetizzjoni u effetti li jfixklu l-kummerċ

- (157) Parti interessata allegat inkoerenza ta' dan il-proċediment mad-deċiżjonijiet tal-politika internazzjonali u Komunitarja biex tippromwovi l-produzzjoni u l-bejgħ tal-bijofjuwils relatati mal-ħarsien tal-ambjent u tnaqqis fid-dipendenza mill-fjuwils minerali.
- (158) F'dan ir-rigward, ġie osservat li l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku jeħtieġ li jingħataw kunsiderazzjonijiet speċjali biex jinqerdu l-effetti li jgħawġu l-kummerċ ta' dumping dannuż u biex tiġi restawrata l-kompetizzjoni effettiva. F'dan l-isfond, ma jistgħux jitqiesu l-konsiderazzjonijiet ġenerali dwar il-ħarsien ambjentali u l-forniment ta' diżil minerali fl-analiżi u fl-istess waqt ma jistgħux jiġġustifikaw prassi ta' kummerċ inġusti.

- (159) Rigward is-suq Komunitarju, wara l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping, il-produtturi li jesportaw tal-Istati Uniti kkonċernati, meta jitqiesu l-pożizzjonijiet b'saħħithom li għandhom fis-suq, probabbilment se jkomplu jbigħu l-prodotti tagħhom, għalkemm bi prezzijiet li ma kinux l-oġġett ta' dumping. Huwa probabbli wkoll li xorta se jkun hemm numru biżżejjed ta' kompetituri ewlenin fis-suq Komunitarju, b'mod partikolari l-produtturi Komunitarji li waqqfu temporanjament il-produzzjoni u oħrajn li ma kinux kapaċi jniedu l-attivitatiet ta' produzzjoni tagħhom minħabba l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Għandu jkun innotat f'dan ir-rigward li, fil-bidu tal-perjodu analizzat, il-bejgħ mill-produtturi Komunitarji li ma kinux rappreżentati f'din l-investigazzjoni ammontaw għal mill-inqas 30 % mis-suq Komunitarju u dan is-sehem naqas sostanzjalment minħabba l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti. Għalhekk, huwa probabbli li l-utenti se jkomplu jkollhom l-għażla ta' fornituri differenti tal-bijodiżil. Jekk, madankollu, ma tkun imposta l-ebda miżura, il-ġejjieni tal-industrija Komunitarja jkun fil-periklu. L-għibien tagħha jnaqqas bil-kbir il-kompetizzjoni fis-suq Komunitarju.

7.7. Il-konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità

- (160) L-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tkun ovvjament fl-interessi tal-industrija Komunitarja. Din tippermetti lill-industrija Komunitarja sabiex tikber u tirkupra mill-ħsara li għet ikkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Madankollu, jekk ma jiġu imposti l-ebda miżuri, hu probabbli li l-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja tissokta tmur għall-aġħar u aktar operaturi għandhom mnejn ifallu. Barra minn hekk, filwaqt li ma jistgħu jsiru l-ebda konklużjonijiet ċari b'rigward għall-utenti u l-importaturi, l-impożizzjoni ta' miżuri kienet mistennija wkoll li tkun fl-interessi tal-fornituri tal-materja prima.
- (161) Fid-dawl ta' dak li nġhad aktar 'il fuq, qed jiġi provviżorjament konkluż li f'dan il-każ m'hemm l-ebda raġuni konvinċenti tal-interess Komunitarju kontra l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping f'dan il-każ.

8. PROPOSTA GĦALL-MIŻURI PROVVIŻORJI ANTI-DUMPING

8.1. Il-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara

- (162) Fid-dawl tal-konklużjonijiet mil-huqa rigward dumping, ħsara, kawżalità u interess Komunitarju, miżuri ta' anti-dumping provviżorji għandhom ikunu imposti sabiex tkun evitata iktar ħsara kkawżata lill-industrija Komunitarja mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (163) Il-livell ta' kwalunkwe miżura anti-dumping għandu jkun biżżejjed biex tinqered il-ħsara lill-industrija Komunitarja kkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, mingħajr ma jinqabżu l-marġni ta' dumping misjuba. Meta jiġi kkalkulat l-ammont ta' dazju meħtieġ biex jitneħħew l-effetti dannużi tad-dumping, tqies li kwalunkwe miżura għandha tħalli lill-industrija Komunitarja tagħmel qligħ qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġjonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġetti ta' dumping.
- (164) Għal dan il-għan, marġni ta' qligħ ta' 15 % tal-fatturat jista' jitqies bħala livell xieraq li l-industrija Komunitarja setgħet kienet qed tistenna li tikseb fin-nuqqas ta' dumping li huwa ta' ħsara msejjes fuq ir-rendiment tal-industrija Komunitarja fuq l-ewwel parti tal-perjodu meqjus (2004, 2005 u 2006) u meqjus raġjonevoli biex jiggarantixxi investiment produttiv fit-tul għal din l-industrija stabbilita dan l-aħħar.
- (165) Iż-żieda meħtieġa fil-prezz kienet imbagħad determinata fuq il-bażi ta' tqabbil bejn il-prezz medju b'piż differenzjat tal-importazzjonijiet, kif kien stabbilit għall-kalkoli tat-traħħis fil-prezz, mal-prezz li ma jagħmilx ħsara lill-prodotti mibjugħa mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju. Il-prezz ta' mingħajr ħsara nkiseb bl-aġġustament tal-prezz tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun mill-qligħ/telf attwali magħmul matul il-PI u biż-żieda tal-marġni ta' qligħ imsemmi hawn fuq. Kull differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil għet imbagħad espressa bħala perċentwali tal-valur CIF totali tal-importazzjoni.

8.2. Miżuri provviżorji

- (166) Fid-dawl ta' dak li nġhad aktar 'il fuq, qed jitqies li, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, għandhom jiġu imposti dazji anti-dumping provviżorji fir-rigward tal-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Istati Uniti fuq il-livell tal-marġni t'isfel tad-dumping u tal-ħsara, skont ir-regola ta' inqas dazju.
- (167) Madankollu, f'parallel mal-proċediment AS, dazji ta' kontrobalanċ fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti huma imposti wkoll. Is-sussidji misjuba f'dan il-proċediment parallel mhumiex sussidji għall-esportazzjoni u huma għalhekk ikkunsidrati bħala li m'għandhomx effett fuq il-prezz għall-esportazzjoni u fuq il-marġni korrespondenti ta' dumping. Għalhekk, fid-dawl tal-fatt li l-importazzjonijiet eżaminati huma komuni għaż-żewġ proċedimenti, id-dazji anti-dumping jistgħu jiġu imposti flimkien mad-dazji ta' kontrobalanċ sakemm dawk iż-żewġ dazji flimkien ma jaqbbx il-marġni tat-tneħħija tad-dumping.
- (168) Fuq il-bażi ta' dak li nġhad hawn fuq, ir-rati tad-dazji anti-dumping ġew stabbiliti permezz tat-tqabbil tal-marġni tat-tneħħija tal-ħsara, il-marġni tad-dumping u r-rati ta' dazju ta' kontrobalanċ. Għaldaqstant, id-dazji provviżorji ta' anti-dumping għandhom ikunu kif ġej:

Il-kumpanija	Marġni ta' ħsara	Il-marġni ta' dumping	Rata tad-dazju ta' kontrobalanċ	Ir-rata tad-dazju anti-dumping
Archer Daniels Midland Company	54,6 %	3,4 %	35,1 %	3,4 %
Cargill Inc.	58,9 %	10,4 %	34,5 %	10,4 %
Green Earth Fuels of Houston LLC	39,8 %	73,4 %	39,0 %	0,8 %
Imperium Renewables Inc.	41,6 %	29,5 %	29,1 %	12,5 %
Peter Cremer North America LP	69,9 %	57,3 %	41,0 %	28,9 %
World Energy Alternatives LLC	41,7 %	51,7 %	37,6 %	4,1 %
Kumpaniji li kkooperaw li ma ħadux sehem fil-kampjun	51,4 %	33,7 %	36,0 %	15,4 %

- (169) Fid-dawl tal-fatt li d-dazji anti-dumping se japplikaw għat-taħlitiet li fihom aktar minn 20 % ta' bijodiżil fil-piż, bħala proporzjon tal-kontenut tal-bijodiżil tagħhom, jitqies xieraq għall-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li jiġu ddeterminati d-dazji bħala ammonti fissi fuq il-bażi tal-kontenut tal-bijodiżil.
- (170) Il-kumpanija individwali tar-rati tad-dazju anti-dumping f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet waqt l-investigazzjoni rigward dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju madwar il-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha") huma għalhekk applikabbli esklussivament għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat u prodotti mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati prodotti minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-'kumpaniji l-oħra kollha'.

9. ŻVELAR

- (171) Il-konklużjonijiet provviżorji msemmija hawn fuq ġew żvelati lill-partijiet interessati li se jkunu mistiedna biex iressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jitolbu seduta. Il-kummenti tagħhom se jkunu analizzati u se jitqiesu fejn ikun iġġustifikat qabel ma ssir kwalunkwe determinazzjoni definittiva. Is-sejbiet provviżorji jista' jkollhom jitqiesu mill-ġdid għall-finijiet ta' kwalunkwe sejba definittiva.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Hawnhekk qiegħed jiġi impost dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' esterj monoalkilitiċi ta' aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, aktar magħruf bħala "bijodiżil", kemm jekk f'forma pura kif ukoll jekk f'taħlita li fiha aktar minn 20 % ta' esterj monoalkilitiċi ta' aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, li taqa' taħt il-kodiċi NM 1516 20 98 (Kodiċi TARIC 1516 20 98 20), ex 1518 00 91 (Kodiċi TARIC 1518 00 91 20), ex 1518 00 99 (Kodiċi TARIC 1518 00 99 20), ex 2710 19 41 (Kodiċi TARIC 2710 19 41 20), 3824 90 91, ex 3824 90 97 (Kodiċi TARIC 3824 90 97 87), u joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika.

2. Ir-rata provviżorja ta' dazju anti-dumping li huma applikabbli għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji hawn taħt għandhom ikunu:

Il-kumpanija	Ir-rata ta' dazju anti-dumping għal kull Ewro għal kull tunnellata netta	Kodiċi addizzjonali TARIC
Archer Daniels Midland Company, Decatur	23,6	A933
Cargill Inc., Wayzata	60,5	A934
Green Earth Fuels of Houston LLC, Houston	70,6	A935
Imperium Renewables Inc., Seattle	76,5	A936
Peter Cremer North America LP, Cincinnati	208,2	A937
World Energy Alternatives LLC, Boston	82,7	A939
Kumpaniji mniżżla fl-Anness	122,9	ara l-Anness
Il-kumpaniji l-oħra kollha	182,4	A999

Id-dazju anti-dumping fuq it-taħlitiet għandu jkun applikabbli b'proporzjon fit-taħlita, skont il-piż, tal-kontenut totali tal-esterj monoalkilitiċi ta' aċidi xaħmija u nafta paraffinika minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili (kontenut tal-bijodiżil).

3. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-proviżjoni ta' garanzija, ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw.

Artikolu 2

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu rikjesta għall-iżvelar tal-fatti u tal-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, jagħtu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u japplikaw biex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni fi żmien 16-il jum mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkumentaw fuq l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 3

L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu japplika għal perjodu massimu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni
Catherine ASHTON
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

PRODUTTURI ESPORTATORI TAL-ISTATI UNITI LI KKOOPERAW LI MHUMIEX FIL-KAMPJUN

Isem il-Kumpanija	Belt	Kodiċi addizzjonali TARIC
AG Processing Inc.	Omaha	A942
Alabama Clean Fuels Coalition Inc.	Birmingham	A940
Central Iowa Energy, LLC	Newton	A940
Chesapeake Custom Chemical Corp.	Ridgeway	A940
Delta BioFuels, Inc.	Natchez	A940
East Fork Biodiesel, LLC	Algona	A940
Ecogy Biofuels, LLC	Tulsa	A940
ED & F Man Biofuels Inc.	New Orleans	A940
Freedom Biofuels, Inc.	Madison	A940
Fuel Bio	Elizabeth	A940
FUMPA Bio Fuels	Redwood Falls	A940
Galveston Bay Biodiesel, LP (BioSelect Fuels)	Houston	A940
Geo Green Fuels, LLC	Houston	A940
Griffin Industries, Inc.	Cold Spring	A940
Huish Detergents, Inc.	Salt Lake City	A940
Incobrasa Industries, Ltd.	Gilman	A940
Independence Renewable Energy Corp.	Perdue Hill	A940
Innovation Fuels, Inc.	Newark	A940
Iowa Renewable Energy, LLC	Washington	A940
Johann Haltermann Ltd.	Houston	A940
Lake Erie Biofuels, LLC	Erie	A940
Louis Dreyfus Agricultural Industries, LLC	Wilton	A940
Memphis Biofuels, LLC	Memphis	A942
Middletown Biofuels, LLC	Blairsville	A940
Musket Corporation	Oklahoma City	A940
Nova Biofuels Clinton County, LLC	Clinton	A940
Organic Fuels, Ltd	Houston	A940
Owensboro Grain Company LLC	Owensboro	A940
Peach State Labs, Inc.	Rome	A940

Isem il-Kumpanija	Belt	Kodiċi addizzjonali TARIC
Philadelphia Fry-O-Diesel Inc.	Philadelphia	A940
RBF Port Neches LLC	Houston	A940
REG Ralston, LLC	Ralston	A940
Riksch BioFuels LLC	Crawfordsville	A940
Sanimax Energy Inc.	DeForest	A940
Scott Petroleum	Itta Bena	A942
Soy Solutions	Milford	A940
SoyMor Biodiesel, LLC	Albert Lea	A940
Trafigura AG	Stamford	A940
U.S. Biofuels, Inc.	Rome	A940
United Oil Company	Pittsburgh	A940
Vinmar Overseas, Ltd	Houston	A938
Vitol Inc.	Houston	A940
Western Dubque Biodiesel, LLC	Farley	A940
Western Iowa Energy, LLC	Wall Lake	A940
Western Petroleum Company	Eden Prairie	A940

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 194/2009

tal-11 ta' Marzu 2009

li jimponi dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' biodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ikkunsidrat biżżejjed biex tkun ġustifikata l-inizjazzjoni ta' investigazzjoni AS.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

- (1) Fit-13 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ("avviż ta' inizjazzjoni") li ġie ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, l-inizjazzjoni ta' proċediment kontra s-sussidju ("investigazzjoni AS" jew "l-investigazzjoni") fir-rigward l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' biodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika ("Stati Uniti" jew il-"pajjiż ikkonċernat").
- (2) Fl-istess jum, il-Kummissjoni ddikjarat, permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, il-bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fil-Komunità ta' biodiesel li joriġina mill-Istati Uniti u nediet investigazzjoni separata ("proċediment AD").
- (3) L-investigazzjoni AS tnediet wara lment li tressaq fid-29 ta' April 2008 mill-Bord Ewropew tal-Biodiżil ("il-kwerelant") fisem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon ewlieni, f'dan il-każ ta' aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità ta' biodiżil. L-ilment kien jinkludi evidenza *prima facie* ta' sussidju tal-imsemmi prodott u tad-dannu materjali li jirriżulta minnu, li kien

- (4) Qabel l-inizjazzjoni tal-proċedura u bi qbil mal-Artikolu 10(9) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għarrfet lill-Gvern tal-Istati Uniti li kienet irċeviet ilment dokumentat kif suppost li jallega li importazzjonijiet sussidjati ta' biodiżil li joriġinaw fl-Istati Uniti kienu qed jikkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Komunità. Il-Gvern tal-Istati Uniti ġie mistieden għal konsultazzjonijiet bl-għan li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni rigward il-kontenut tal-ilment u li wieħed jasal għal soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku. Il-Gvern tal-Istati Uniti aċċetta l-offerta għall-konsultazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet saru sussegwentement fit-2 ta' Ġunju 2008. Matul il-konsultazzjonijiet, l-ebda parti ma rnexxielha tasal għal konklużjoni miftiehma b'mod reċiproku. Madankollu, ittieħdet nota tal-kummenti li saru mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti li enfasizzaw li għal xi wħud mill-programmi statali fl-ilment, ma kienx dejjem ċar mit-tagħrif disponibbli fl-ilment li kien hemm benefiċċji kumpensatorji għall-produtturi/esportaturi tal-biodiżil fl-Istati Uniti. Wara li ġie eżaminat it-tagħrif disponibbli, ġie deċiż li l-iskemi statali jiġu esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni anki jekk dawn huma mniżżla fl-avviż ta' bidu. Il-programm ta' Florida dwar l-għoti għat-teknoloġija tal-enerġija li tiġġedded, il-programm ta' Texas dwar riċerċa u żvilupp għal teknoloġija ġdida, il-programm ta' Washington dwar liberta' fl-enerġija tal-istat (it-tieni parti), il-fond ta' Alabama għall-iżvilupp tar-riċerċa u l-fossili alternattivi, il-kreditu ta' taxxa ta' North Dakota għat-tagħmir ta' bejgħ u s-self għall-infrastruttura tar-refuelling u vetturi bi fjuwil alternattiv.

- (5) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-esportaturi/produtturi fil-Istati Uniti, lill-importaturi, lill-fornituri, lill-utenti u lill-assoċjazzjonijiet li kien magħruf li huma kkonċernati, lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, lill-produtturi Komunitarji li għamlu l-ilment u lil produtturi Komunitarji oħrajn li kien magħruf li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunita' li jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' bidu. Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ġew mismugħa.

1.1. It-teħid ta' kampjuni ta' esportaturi fl-Istati Uniti

- (6) Minħabba l-għadd li jidher li huwa kbir ta' esportaturi/produtturi fl-Istati Uniti, it-teħid ta' kampjuni kien maħsub fl-avviż ta' bidu għad-determinazzjoni ta' sussidju skont l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

⁽¹⁾ ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 147, 13.6.2008, p. 10.⁽³⁾ ĠU C 147, 13.6.2008, p. 5.

(7) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-tehdid ta' kampjuni jkunx neċessarju u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, l-esportaturi/produtturi fl-Istati Uniti ntablu jippreżentaw irwieħhom sa 15-il jum mid-data ta' bidu tal-investigazzjoni u jipprovdu tagħrif bażiku dwar l-esportazzjoni u l-bejgħ domestiku tagħhom, l-attivitajiet preċiżi tagħhom fir-rigward tal-produttjoni, it-taħlit u l-kummerċ ta' biodiżil u l-ismijiet u l-attivitajiet tal-kumpaniji relatati tagħhom kollha involuti fil-produttjoni, it-taħlit u l-kummerċ tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2007 u l-31 ta' Marzu 2008 ("PT"), kif definit ukoll fil-premessa (17) hawn isfel.

(8) Aktar minn 50 kumpanija identifikaw irwieħhom fil-kuntest tal-eżerċizzju tat-tehdid ta' kampjuni u pprovduw it-tagħrif meħtieġ fi żmien il-perjodu ta' 15-il jum. Dawn il-kumpaniji kienu responsabbli għal aktar minn 80 % tal-importazzjonijiet totali ta' biodiżil mill-Istati Uniti tal-Amerika lejn il-Komunità.

Għażla tal-kampjun ta' kumpaniji li kkooperaw fl-Istati Uniti

(9) Skont l-Artikolu 27(1)(b) tar-Regolament bażiku, l-għażla tal-kampjun ġiet ibbażata fuq l-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lill-Komunità li jista' jiġi investigat b'mod raġunevoli fiż-żmien disponibbli. Skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament bażiku, il-kumpaniji li talbu li jkun inklużi fil-kampjun, l-assoċjazzjoni professjonali tal-produtturi tal-biodiżil fl-Istati Uniti tal-Amerika (Il-Bord Nazżjonali tal-Biodiżil) kif ukoll il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika ġew ikkon-sultati dwar il-kampjun propost. Seba' kumpaniji oriġinarjament intgħażlu biex jiffurmaw il-kampjun, imsejjes fuq il-kummenti li waslu mill-partijiet interessati. Madankollu, ġie deċiż b'mod provviżorju, li waħda mill-kumpaniji magħżula oriġinarjament fil-kampjun għandha tiġi eskluża minnu biex ikun żgurat paralleliżmu mal-kampjun magħżul fil-proċediment AD li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' biodiżil mill-Istati Uniti. Huwa nmutat li l-kumpanija msemmija kienet biss negozjant tal-biodiżil b'kontrast mal-kumpaniji l-oħra fil-kampjun li jipproduċu l-biodiżil. Din il-kumpanija, madankollu, qed tiġi eżaminata individwalment, skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament bażiku, biex jiġi stabbilit għaliha nnifisha dazju kontra s-sussidju. Is-sitt kumpaniji li jikkostitwixxu l-kampjun kienu responsabbli għal 50 % tal-volumi totali tal-esportazzjoni mill-Istati Uniti matul il-PI msejjes fuq statistika tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti u għal 73 % tal-importazzjonijiet ta' biodiżil mill-kumpaniji li ppreżentaw irwieħhom kif spjegat fil-premessa (8).

Eżami individwali ta' kumpaniji li ma ntgħażlux għall-kampjun

(10) Għaxar kumpaniji li ma ntgħażlux fil-kampjun talbu l-kalkolu ta' marġini individwali bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 27(3) u 15(3) tar-Regolament bażiku. Intbagħtu kwestjonarji lill-kumpaniji kkonċernati. Kumpanija waħda biss wiegħbet għall-kwestjonarju fi hdn il-limitu ta' żmien stipulat. Iżda l-applikazzjoni ġiet sussegwentement irtirata.

1.2. Kampjuni tal-produtturi Komunitarji

(11) Rigward il-produtturi Komunitarji, skont l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku, intgħażel kampjun wara konsul-tazzjoni mal-kwerelant fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' produttjoni u bejgħ fi hdn il-Komun-ità kif imsemmi fil-premessa (164) hawn isfel. Din l-għażla ħolqot ukoll ċerta firxa ġeografika ta' produtturi fil-Komunità. B'riżultat ta' dan, 11-il-produttur Komuni-tarju ntgħażlu fil-kampjun. Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-11-il kumpanija magħżula. Madankollu, produttur wieħed oriġinarjament maħsub għall-kampjun kellu jiġi eskluż billi naqas milli jipprovdi twegħiba sodis-faċenti għall-kwestjonarju. Għalhekk, waslu 10 twegħibiet kompluti mill-kumpaniji l-oħra fiż-żmien stipulat. Dawn l-10 produtturi magħżula fil-kampjun tqiesu bħala rappreżentattivi tal-produtturi inġenerali fil-Komunità.

1.3. Il-partijiet ikkonċernati mill-proċedura

(12) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa li huma kkonċernati u lill-kumpaniji l-oħra kollha li ddikjaraw irwieħhom fiż-żmien stipulat fl-avviż ta' bidu. Il-kwestjonarji għalhekk intbagħtu lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, lis-seba' kumpaniji li ntgħażlu oriġinarja-ment fil-kampjun tal-kumpaniji tal-Istati Uniti, lill-10 kumpaniji msemmija fil-premessa (10), lill-11-il produttur Komunitarju fil-kampjun, lil 18-il utent kif ukoll lil 90 fornitur tal-materja prima.

(13) It-twegħibiet għall-kwestjonarju waslu mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, mis-seba' kumpaniji oriġinarjament magħżula fil-kampjun tal-kumpaniji mill-Istati Uniti kif ukoll minn kumpanija waħda li talbet eżami individwali, imsemmija fil-premessa (10) hawn fuq, minn 10 produtturi Komuni-tarji fil-kampjun, minn utent wieħed u minn sitt furni-turi tal-materja prima.

(14) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li hija qieset meħtieġ għal determinazzjoni provviżorja tas-sussidju, il-ħsara li tirriżulta u l-interess tal-Komunità.

(15) Saru żjarat ta' verifika fil-post ta' dawn l-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika li ġejjin:

L-awtoritajiet federali tal-Istati Uniti tal-Amerika:

— Id-Dipartiment tat-Teżor (DOT)

— Id-Dipartiment tal-Agrikoltura (USDA)

— L-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-Kummerċ għall-Istati Uniti tal-Amerika

L-awtoritajiet Statali:

- L-Awtoritajiet tal-Istat ta' Illinois, Springfield
- L-Awtoritajiet tal-Istat ta' Missouri, Jefferson City
- L-Awtoritajiet tal-Istat ta' North Dakota, Bismarck
- Il-Kontrollur tal-Kontijiet Pubbliċi ta' Texas, Austin
- Id-Dipartiment tal-Agrikoltura ta' Texas, Austin
- L-Awtoritajiet tal-Istat ta' Washington, Olympia

(16) Iż-żjajjar ta' verifika saru wkoll fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Produtturi li jinsabu fil-Komunità

- Industriji AG tal-Biopetrol, Schwarzheide, il-Ġermanja
- Il-Grupp Diester
 - L-Industriji Diester SAS, Pariġi, Franza
- Mannheim Bio Fuel GmbH, Mannheim, il-Ġermanja
- Natural Energy West GmbH, Neuss, il-Ġermanja
- Novaol Austria Gmb, Bruck an der Leitha, l-Awstrija
- Novaol Srl, Milan, l-Italja
- Il-grupp tal-Ekonomija
 - Ecomotion GmbH, Sternberg, il-Ġermanja.
 - Daka Biodiesel a.m.b.a, Lösning, id-Danimarka
- GATE Global Alternative Energy Germany GmbH, Wittenberg u Halle, il-Ġermanja
- Neochim SA, Feluy, il-Belġju

(b) Il-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti

- Archer Daniels Midland Company, Decatur, Illinois
- Cargill Inc, Wayzata, Minnesota
- Green Earth Fuels of Houston LLC, Houston, Texas
- Imperium Renewables Inc., Seattle, Washington
- Peter Cremer North America, LP, Cincinnati, Ohio
- Vinmar Overseas Limited, Houston, Texas
- World Energy Alternatives, LLC, Boston, Massachusetts

(c) Importaturi relatati fil-Komunità

- Cremer Energy GmbH, Hamburg, il-Ġermanja.
- Cargill NV, Ghent, il-Belġju
- ADM Europoort BV, Rotterdam, l-Olanda
- ADM Hamburg AG, Hamburg, il-Ġermanja
- ADM International, Rolle, l-Iżvizzera

1.4. Il-perjodu ta' investigazzjoni

(17) L-investigazzjoni tas-sussidju u l-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008 ("perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-ewalwazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu minn Jannar 2004 sa tmiem il-PI ("il-perjodu meqjus").

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**2.1. Il-prodott ikkonċernat**

(18) Fl-avviż ta' bidu, il-prodott li allegatament qed jiġi ssusidjat għe ddefinit bħala ester monoalkilitiċi aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili (spiss magħruf bħala "biodiżil"), kemm jekk f'forma pura kif ukoll jekk f'taħlita, użat fil-biċċa l-kbira imma mhux esklussivament bħala fjuwil li jista' jiġġedded li joriġina fl-Istati Uniti tal-Amerika ("il-prodott ikkonċernat") normalment iddikjarat fi ħdan il-kodiċi tan-NM 3824 90 91, ex 3824 90 97, ex 2710 19 41, ex 1516 20 98, ex 1518 00 91, ex 1518 00 99.

- (19) Skont il-Kodiċi tad-Dħul Intern tal-Istati Uniti ⁽⁴⁾ (Kodiċi U.S.), Titolu 26, § 40A, il-punt (d), it-terminu biodiżil huwa definit bħala l-esteri monoalkaliċi ta' aċidi xaħmija ta' katina twila ġejjin minn materja ta' pjanti jew ta' annimali li jissodisfaw - (a) ir-reqwiziti ta' reġistrazzjoni għall-fjuwil u għall-additivi tal-fjuwil stabbiliti mill-Aġenzija ta' Ħarsien għall-Ambjent skont it-taqsimha 211 tal-Att dwar l-Arja Nadifa (42 U.S.C 7545), u, (b) ir-reqwiziti tas-Soċjetà Amerikana tal-Ittestjar u l-Materjali D6751.
- (20) Imsejja fuq tagħrif tas-suq u tagħrif disponibbli pubblikament ⁽⁵⁾, it-tipi kollha ta' biodiżil u t-taħlitiet ta' biodiżil (taħlita ta' biodiżil b'diżil minerali kif spjegat fil-premessa (22) isfel), li huma prodotti u mibjugħa fl-Istati Uniti jitqiesu li huma fjuwils tal-biodiżil u huma parti minn pakkett leġiżlattiv li jikkonċerna l-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija li tiġġedded u l-fjuwils alternattivi.
- (21) L-investigazzjoni wriet li l-biodiżil prodott fl-Istati Uniti, huwa prinċipalment "metil esteru tal-aċidi xaħmija" (fatty acid methyl ester (FAME) ġej minn firxa wiesgħa ta' żjut veġetali li jservu ta' sustanza użata għall-produzzjoni tal-biodiżil ⁽⁶⁾). It-terminu "esteru" (ester) jirreferi għat-trans-esterifikazzjoni taż-żjut veġetali, jiġifieri, it-taħlit taż-żejt mal-alkoħol. It-terminu "methyl" jirreferi għall-metanoli; l-alkoħol li l-aktar jintuża fil-proċess, għalkemm l-etanol jista' wkoll jintuża fil-proċess ta' produzzjoni, li jirriżulta f' "etil esteru tal-aċidi xaħmija". It-trans-esterifikazzjoni hija proċess kimiku relattivament sempliċi iżda dan jeħtieġ l-oġġla standards industrijali biex ikun żgurat biodiżil ta' kwalità għolja.
- (22) L-investigazzjoni kkonfermat li l-biodiżil prodott fl-Istati Uniti huwa ġeneralment imħallat mill-produtturi b'diżil minerali għall-produzzjoni ta' tipi varji ta' taħlitiet (hawnhekk imsejja taħlitiet tal-biodiżil), li mbagħad jinbiegħu fis-suq lil diversi tipi ta' klijenti. Jidher ukoll li l-biodiżil inbiegħ fil-forma pura tiegħu lil kumpaniji indipendenti, li xtrawh jew importawh għat-taħlit mad-diżil minerali. It-taħlit tal-biodiżil mad-diżil minerali huwa operazzjoni relattivament sempliċi li tista' titwettaq pereżempju permezz ta' taħlit fit-tankijiet fil-post ta' manifattura qabel jitwassal fit-trakk tanker, jew billi jitħallat hekk kif jintefa' fit-trakk tanker waqt li jiġu miżjuda miegħu l-perċentwali mixtiegħ ta' biodiżil u diżil minerali jew taħlit in-line biż-żewġ komponenti jitwasslu simultanjament fit-trakk tanker.
- (23) Biex wieħed jidentifika l-bosta tipi ta' taħlitiet ta' biodiżil, teżisti sistema rikonnoxxuta internazzjonalment magħrufa bħala l-fattur "B", li jagħti l-ammont eżatt ta' biodiżil fi kwalunkwe taħlita ta' biodiżil: pereżempju, taħlita li fiha "X%" ta' biodiżil tiġi ttikkettjata bħala B"X", filwaqt li biodiżil pur jissejjaħ B100, jiġifieri biodiżil 100%. Fl-Istati Uniti, kien fatt komuni li 99% ⁽⁷⁾ ta' biodiżil jitħallat ma' 1% ta' diżil minerali (B99) u jinbiegħ fis-suq. Kuntrarju għad-diżil minerali, il-biodiżil pur għandu jintuża relattivament malajr u ma jistax jiġi maħżun għal aktar minn tlieta sa erba' xhur billi jikkawża ossidazzjoni u ma jibqax tajjeb għall-konsum. It-taħlit ta' biodiżil mad-diżil minerali jippermetti preservazzjoni itwal tal-fjuwil. Il-1% ta' biodiżil fil-B99 huwa tossiku biżżejjed biex jittardja l-formazzjoni ta' moffa fil-biodiżil.
- (24) L-investigazzjoni wriet li filwaqt li l-biodiżil u t-taħlitiet b'livell għoli ta' biodiżil ⁽⁸⁾ huma ġeneralment maħsuba biex jinbiegħu fis-suq tal-Istati Uniti għal aktar taħlit, it-taħlitiet b'livell baxx ta' biodiżil ⁽⁹⁾ huma tipikament prodotti biex jinbiegħu għall-konsum fis-suq tal-Istati Uniti. Għalhekk hemm distinzjoni bejn is-suq għal taħlitiet b'livell għoli u s-suq għal taħlitiet b'livell baxx fl-Istati Uniti.
- (25) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* li l-biodiżil u ċerti taħlitiet prodotti u mibjugħa fl-Istati Uniti u esportati lejn il-Komunità kienu qed jaffettwaw il-qagħda ekonomika tal-produtturi ta' biodiżil fil-Komunità li ressqu l-ilment. Konsistenti mal-karatteristiċi tal-produtturi rilevanti tal-Istati Uniti u tas-suq domestiku d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kienet maħsuba li tkopri l-biodiżil anki meta inkorporat fit-taħlitiet rilevanti ta' biodiżil. Id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kif imsejmi fl-avviż ta' bidu u fil-premessa (18) hawn fuq, għandha tiġi ċċarata biex tidentifika l-prodotti li kienu maħsuba li jkunu koperti mill-investigazzjoni.
- (26) L-investigazzjoni wriet li l-parti l-kbira mit-taħlitiet ta' biodiżil mibjugħa għal konsum dirett fl-Istati Uniti huma l-B20, jiġifieri taħlitiet b'20% biodiżil kif spjegat fil-premessa (22) hawn fuq, li jistgħu jintużaw biex ikunu konformi mal-Att ta' Politika dwar l-Enerġija tal-1992 (EPAct) ⁽¹⁰⁾, il-B6, il-B5 u l-B2. Skont tagħrif disponibbli pubblikament, kwalunkwe magna diżil tista' titħaddem b'dawn it-taħlitiet b'bażikament l-ebda bidla waqt li jżommu l-garanzija mill-manifatturi tal-karozzi. Meta użata f'taħlitiet b'livell baxx (bejn it-2% u l-20% ta' biodiżil) il-prestazzjoni ta' taħlita hija simili għal dik tad-diżil minerali. Meta jintuża fjuwil 'il fuq minn B20 f'magna, l-utent jista' jesperjenza ċertu nuqqas ta' qawwa, nuqqas ta' torque u nuqqas ta' ekonomija ta' fjuwil u l-garanzija tal-manifatturi tal-karozzi ġeneralment ma tkunx tapplika f'każ ta' ħsara kkawżata lill-magna.

⁽⁴⁾ Il-Gvern tal-Istati Uniti pprova l-Kodiċi komplut ta' Dħul Intern aġġornat biex jirrifletti l-leġiżlazzjoni tat-taxxa kollha sal-15 ta' Diċembru 2006 (verżjoni Diċembru 2006), rilevanti għall-PI attwali.

⁽⁵⁾ Pereżempju (a) Il-gwida tat-trattament u l-użu tal-biodiżil maħruġa f'Settembru 2008 mil-Laboratorju Nazzjonali tal-Enerġija li Tiġġedded (NREL - National renewable energy laboratory), (b) Analiżi taż-żejt tal-biomassa maħruġa f'Ġunju 2004 mill-NREL, (c) Aħbarijiet, tagħrif u speċifikazzjonijiet pubbliċi li jikkonċernaw il-biodiżil maħruġa mis-Soċjetà Amerikana tal-Ittestjar tal-Materjal (ASTM - American Society of Testing Material), (d) Aħbarijiet pubbliċi u tagħrif pubbliku fir-rigward tal-biodiżil maħruġ mill-NBB, (e) fuljetti ta' fatti maħruġa mid-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti skont l-azzjonijiet tal-Ibriet Nodfa, eċċ.

⁽⁶⁾ Żjut verġni, inklużi esteru ġejjin minn prodotti agrikoli varji bħall-qamħ, fażola tas-sojja, żerriegħa tal-ġirasol, żerriegħa tal-qoton, kanola, crambe, żerriegħa tal-kolza, għosfor, żerriegħa tal-qanneb/kittien, granza tar-ross, żerriegħa tal-mustarda, eċċ, jew xaħam tal-annimali.

⁽⁷⁾ Fil-fatt 99,9% billi huwa biżżejjed li wieħed iżid 0,1% ta' diżil minerali biex jikseb il-kreditu għat-taħlit fl-Istati Uniti.

⁽⁸⁾ Bażikament, it-taħlitiet li niżlu għal B50 minn B99.

⁽⁹⁾ Bażikament, it-taħlitiet li telgħu għal B20 minn B2.

⁽¹⁰⁾ Ara l-Att dwar il-Politika tal-Enerġija tal-1992.

- (27) L-investigazzjoni wriet li l-biodiżil pur u t-taħlitiet b'livell għoli ġeneralment ma jintużawx għall-konsum dirett fl-Istati Uniti. Il-biodiżil pur huwa ġeneralment maħsub biex jitħallat qabel ma jinbiegħ fis-suq. Dawn it-taħlitiet huma fl-aħħar mill-aħħar użati fis-settur tat-trasport bħala fjuwil għall-magni ta' vetturi tat-toroq li jitħaddmu bid-diżil bħall-karozzi, trakkijiet, karozzi tal-linja u wkoll ferroviji. Il-biodiżil jista' wkoll jintuża bħala fjuwil għat-tisħin f'kaldaruni fid-djar, kummerċjali jew industrijali jew bħala fjuwil għall-ġeneraturi biex jipproduċi l-elettriku. bħalissa qegħdin isiru testijiet biex wieħed jistudja l-possibilità ta-użu tat-taħlitiet ta' biodiżil fl-inġenji tal-ajru.
- (28) Għalhekk, il-prodott ikkonċernat mill-investigazzjoni għandu jkun definit bħala esteri monoalkilitiċi tal-aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, spiss magħruf bħala "biodiżil", kemm jekk f'forma pura kif ukoll f'taħlitiet, li huma l fuq minn B20. Fi kliem ieħor, il-prodott ikkonċernat ikopri l-biodiżil pur (B100) li joriġina fl-Istati Uniti u t-taħlitiet kollha l fuq minn B20, jiġifieri taħlitiet li fihom aktar minn 20 % biodiżil li joriġina fl-Istati Uniti ('il-prodott ikkonċernat). Dan il-limitu qed jitqies li huwa xieraq biex jippermetti distinzjoni ċara bejn it-tipi varji ta' taħlitiet li huma disponibbli fis-suq tal-Istati Uniti.
- (29) Instab li t-tipi kollha ta' biodiżil u l-biodiżil fit-taħlitiet koperti minn din l-investigazzjoni, minkejja d-differenza possibbli fir-rigward tal-materja prima użata għall-produzzjoni, jew varjazzjonijiet fil-proċess tal-produzzjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u jintużaw għall-istess għanijiet. Il-varjazzjonijiet possibbli fil-prodott ikkonċernat ma jbidlux id-definizzjoni bażika, il-karatteristiċi jew il-perċezzjoni li bosta partijiet għandhom tiegħu.
- (30) Il-prodott ikkonċernat jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 3824 90 91, ex 3824 90 97, ex 2710 19 41, ex 1516 20 98, ex 1518 00 91, ex 1518 00 99.

2.2. Il-prodott simili

- (31) Instab li l-oġġetti prodotti u mibjugħa fis-suq domestiku tal-Istati Uniti, li huma koperti b'din l-investigazzjoni, għandhom karatteristiċi u użi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi li huma simili għal ta' daww esportati minn dan il-pajjiż lejn is-suq tal-Komunità. Bl-istess mod, il-prodotti manifatturati mill-industrija tal-Komunità u mibjugħa fis-suq tal-Komunità għandhom karatteristiċi u użi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi simili meta mqabbla ma' daww esportati lejn il-Komunità mill-pajjiż ikkonċernat.
- (32) Ġie allegat li ċerti utenti, b'mod partikolari fil-Ġermanja, qed jużaw direttament biodiżil pur (B100) bħala alternattiva aktar ekonomika mill-użu ta' diżil minerali jew mit-taħlitiet tas-soltu użati għall-konsum dirett fis-suq Komunitarju. L-eżami ta' din l-allegazzjoni wera li l-parti l-kbira ta' dan il-bejgħ mill-produtturi Komunitarji fis-suq tal-Komunità kienu prinċipalment maħsuba għall-kumpaniji li kienu qed ihalltuh b'diżil minerali. Il-fatt li ċerti sidien ta' flotot jaqilbu għal B100 huwa pjuttost eċċezzjoni fl-ivell Komunitarju. Aktar mis-sostituzzjoni ta' diżil minerali, il-biodiżil huwa prodott komplementari fis-suq Komunitarju.
- (33) Dan ma jbiddux il-fatt li tipi differenti tal-prodott ikkonċernat prodott fl-Istati Uniti u esportat lejn il-Komunità huma interkambjabbli b'daww prodotti u mibjugħa fil-Komunità mill-produtturi Komunitarji tal-biodiżil. Ma hemm l-ebda differenza sinifikanti fl-użu u fil-perċezzjoni tal-operaturi u tal-utenti fis-suq li hija tali li għandha tbidel id-definizzjoni tal-prodott simili.
- (34) Parti waħda interessata allegat li l-prodott ikkonċernat, b'mod partikolari l-biodiżil pur, għandu karatteristiċi fiżiċi u kimiċi differenti mill-biodiżil prodott fil-Komunità. Filwaqt li l-produzzjoni tal-KE ta' biodiżil hija msejsa fuq iż-żejt tal-kolza, il-produtturi tal-Istati Uniti jużaw biss iż-żejt tas-sojja. Għalhekk dawn iż-żewġ tipi ta' prodotti ma jstgħux ikunu interkambjabbli u ma jkunux jstgħu jikkompetu direttament ma' xulxin fis-suq Komunitarju. Il-parti interessata ġibdet l-attenzjoni partikolarment lejn il-fatt li l-proprietarjet tal-fluss bil-kiesaħ u l-valuri tal-jodju jkunu differenti.
- (35) Il-Kummissjoni investigat dan l-ilment u skopriet dan li ġej:
- a) Il-prodott ikkonċernat u l-prodott Komunitarju simili għandhom karatteristiċi bażiċi simili ħafna u jinbiegħu permezz ta' mezzi ta' bejgħ simili jew identiċi, jiġifieri lil klijenti simili fis-suq Komunitarju;
- b) Il-prodott ikkonċernat u l-prodott Komunitarju simili t-tnejn kienu qed jaqdu l-istess użu finali jew użu finali simili ħafna (ara l-premessa (27) hawn fuq);
- c) Fir-rigward tal-proprietarjet tal-fluss bil-kiesaħ għandu jkun iċċarat li dan jirreferi għall-Cold Filter Plugging Point (CFPP) li hija t-temperatura li fiha fjuwil isodd il-filtru ta' fjuwil minħabba f'ċerti komponenti fil-fjuwil, li jkunu bdew jikkristallizzaw jew jagħqudu u jsiru ġel. L-investigazzjoni żvelat li s-CFPP tal-prodott simili għal dak Komunitarju huwa aktar baxx minn dak tal-biodiżil esportat mill-Istati Uniti. Madankollu, din hija differenza żgħira li tista' tiġi kkompensata faċilment jew permezz ta' taħlita ta' tipi differenti ta' biodiżil jew bl-użu ta' additivi fil-biodiżil pur, b'mod partikolari fi żmien ix-xitwa. Id-differenza fis-CFPP Prattikament ma tagħmilx differenza fil-parti l-kbira tat-taħlitiet mibjugħin fis-suq Komunitarju.

- d) Fir-rigward tal-valur tal-jodju li huwa kejl għall-istabilità tal-fluwil kontra l-ossidazzjoni, instab li l-valuri bejn iż-żejt tal-kolza u ż-żejt tas-sojja jikkorrellaw sa ċertu punt: in-numri jvarjaw minn 94 sa 120 għaż-żejt tal-kolza u minn 117 għal 143 għaż-żejt tas-sojja. Filwaqt li s-sustanza ewlenija użata fil-produzzjoni Komunitarja hija ż-żerriegħa tal-kolza, għandu jiġi innutat li kemm il-produtturi tal-Komunità kif ukoll dawk tal-Istati Uniti jużaw ukoll varjetà sħiħa ta' sustanzi biex jipproduċu l-biodiżil. ta' sikwit bosta tipi ta' biodiżil jiġu mħallta biex jinkiseb prodott aktar omoġenju.
- (36) Filwaqt li x-"xebh" ma jkunx jeħtieġ li l-prodotti jkunu identiċi f'kollox skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament bażiku, kwalunkwe varjazzjoni minima fit-tipi varji ta' prodotti mhijiex biżżejjed biex tbiddel is-sejbiet ġenerali ta' xebh bejn il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili għall-prodott Komunitarju.
- (37) Għalhekk l-ebda differenzi ma nstabu bejn il-varji tipi tal-prodott ikkonċernati u l-prodotti Komunitarji simili mibjugħa fis-suq Komunitarju li għandhom mnejn iwasslu għall-konklużjoni li l-prodotti mibjugħa u prodotti fis-suq Komunitarju mhumiex prodott simili, bl-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi bħat-tipi tal-prodott ikkonċerna prodott fl-Istati Uniti u esportat lejn il-Komunità. Għalhekk qed jiġi provviżorjament konkluż li t-tipi kollha ta' biodiżil għandhom jitqiesu li huma l-istess fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament bażiku.
- 3. SUSSIDJU**
- 3.1. Introduzzjoni**
- (38) Fuq il-bażi tat-tagħrif li jinstab fl-ilment u r-risposti lill-kwestjonarju tal-Kummissjoni, l-iskemi federali li ġejjin, li allegatament involvew l-għoti ta' sussidji, ġew investigati:
- Skemi federali*
- (a) Taxxa tas-sisa/Kreditu mit-taxxa fuq id-dħul
- (b) Kreditu fuq id-dħul mill-Produttur iż-Żgħir tal-Agri-biodiżil
- (c) L-Istati Uniti Dipartiment tal-Programm tal-Bioenerġija tal-Agricoltura
- (39) Fuq il-bażi tat-tagħrif li jinstab fl-ilment u r-risposti lill-kwestjonarju tal-Kummissjoni, l-iskemi statali li ġejjin, li allegatament involvew l-għoti ta' sussidji, ġew investigati wkoll:
- Skemi Statali*
- a) Illinois
- Eżenzjoni mit-taxxa tal-biodiżil f'illinois
- (b) Missouri
- Fond ta' inċentiv għall-produttur kwalifikat tal-biodiżil f'Missouri
- (c) North Dakota
- (i) Sħubija ta' biofuwils f'North Dakota fl-għajjnuna għall-għotja komunitarja ta' espansjoni Programm
- (ii) Kreditu tat-taxxa fuq it-tagħmir ta' produzzjoni tal-biodiżil f'North Dakota
- (iii) Kreditu tat-taxxa fuq id-dħul tal-biodiżil f'North Dakota
- (iv) Eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul tat-tagħmir tal-biodiżil f'North Dakota
- (d) Texas
- (i) Eżenzjoni mit-taxxa fuq it-taħlit ta' biodiżil u etanol f'Texas
- (ii) Programm ta' inċentiv għall-produzzjoni ta' biodiżil u etanol għall-fjuwil f'Texas
- (e) Washington
- (i) Programm għall-ħelsien ta' enerġija fl-Istat ta' Washington
- (ii) Eżenzjoni mit-taxxa fuq il-produzzjoni ta' biofuwils fl-Istat ta' Washington
- (iii) Eżenzjoni mit-taxxa fuq il-bejgħ bl-immnut ta' biofuwils fl-Istat ta' Washington
- (iv) Tnaqqis ta' taxxa fuq il-biofuwils fl-Istat ta' Washington
- (40) Fir-rigward tal-iskemi tal-istati l-oħra mniżżla fil-punt 3 tal-avviż ta' bidu, kif spjegat fil-premessa (4) hawn fuq, xi wħud minnhom ġew esklużi mill-investigazzjoni wara konsultazzjonijiet qabel l-istadju ta' bidu mal-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika. Fir-rigward tal-bqija tal-iskemi statali, il-kumpaniji fil-kampjun u l-kumpanija msemmija fil-premessa (9) li għaddiet minn eżami individwali stqarru li ma kienu rċevew l-ebda benefiċċju skont dan matul il-PI u li l-ebda evidenza ma nstabet li turi l-kuntrarju. Għalhekk ġie deċiż provviżorjament li ma kienx hemm raġuni għal aktar investigazzjoni ta' dawn l-iskemi f'din l-investigazzjoni.

SKEMI FEDERALI

3.2. Taxxa tas-sisa/Kreditu mit-taxxa fuq id-dħul

(a) Bażi legali

(41) It-Titolu 26, § 40A tal-Kodiċi tal-Istati Uniti (U.S.C) huwa l-bażi legali għal skema ta' kreditu ta' taxxa għal dawki li jħalltu l-biodiżil, għall-bejjiegħa bl-immnut u għall-utenti finali. Dan jagħmel tajjeb għall-kreditu fuq fjuwil ta' biodiżil li ġejjin:

(i) il-kreditu fuq it-taħlit ta' biodiżil;

(ii) il-kreditu fuq il-biodiżil;

(iii) il-kreditu fuq il-produttur iż-żgħir tal-agri-biodiżil

(42) Il-kreditu ta' taxxa fuq id-dħul tal-produttur iż-żgħir tal-agri-biodiżil huwa kreditu ta' taxxa li japplika biss għall-produtturi iż-żgħar tal-agri-biodiżil. Din l-iskema hija trattata fil-premessi (64) sa (72) hawn isfel.

(43) It-Taqsima 202(a) tal-Att 2008 dwar l-Estensjoni u t-Titjib u l-Enerġija stipula li l-kreditu ta' taxxa msemmija fil-premessa (41) hawn fuq jistgħu jinkisbu sal-31 ta' Diċembru 2009.

(b) Eliġibbiltà

(44) Biex tkun eliġibbli għall-kreditu fuq it-taħlit ta' biodiżil imsemmi f'(i) fil-premessa (41) hawn fuq, kumpanija għandha toħloq taħlita ta' biodiżil u fjuwil tad-diżil, taħlita li tinbighi bħala fjuwil jew għall-użu bħala fjuwil. Il-persuna li toħloq l-inċentiv għandha tikseb ċertifikazzjoni mill-produttur jew mill-importatur tal-biodiżil li jidentifika l-prodott u l-perċentwal tal-biodiżil u l-agri-biodiżil fil-prodott. Dan il-kreditu jieħu l-forma ta' kreditu ta' taxxa tas-sisa jew, jekk ir-responsabbiltà ta' taxxa tas-sisa ta' kumpanija hija inqas mit-total tal-kreditu tat-taxxa tas-sisa, il-kumpanija tista' mbagħad titlob il-kreditu li jkun baqa' bħala kreditu fuq it-taxxa tad-dħul li jitħallas lura. Kreditu fuq it-taxxa tad-dħul li jitħallas lura huwa kreditu fuq it-taxxi tad-dħul tal-persuna li tħallas it-taxxa jew ħlas dirett. Dan jitħallas lura għaliex il-kreditu żejjed jista' jingħata lura lil min iħallas it-taxxa bħala ħlas dirett fi flus kontanti jekk il-kreditu huwa akbar mit-taxxa dovuta mill-individwu.

(45) Il-kreditu fuq il-biodiżil imsemmi fil-punt (ii) fil-premessa (41) hawn fuq huwa kreditu tat-taxxa fuq id-dħul għall-bejjiegħa bl-immnut jew għall-utenti finali ta' biodiżil (pur) mhux imħallat. Il-kreditu fuq il-biodiżil pur jista' jinkiseb biss mill-persuna li tpoġġi l-gallun ta' biodiżil pur fit-tank tal-fjuwil ta' vettura jew li tużah bħala fjuwil. Għandu jkun notat li anki l-produtturi tal-biodiżil li jiproduċu l-biodiżil tagħhom stess, ikunu jistgħu jirċievu dan il-kreditu. Għalhekk biex jitlob il-kreditu, il-produttur tal-biodiżil għandu jkun qed jaġixxi jew ta' bejjiegħ bl-immnut (li jpoġġi l-gallun ta' biodiżil fit-tank tal-gass tal-utent

finali) jew ta' utent finali (eż. wieħed li jpoġġi l-biodiżil fil-vettura tiegħu stess).

(c) Implimentazzjoni Prattika

(46) F'dak li għandu x'jaqşam mal-kreditu ta' biodiżil fir-rigward ta' biodiżil mhux imħallat (pur), il-bejjiegħ bl-immnut (jew produttur tal-biodiżil li jaġixxi ta' bejjiegħ bl-immnut) jew l-utent finali tal-biodiżil mhux imħallat jista' jitlob USD 1,00 għal kull gallun ta' agri-biodiżil mhux imħallat (pur) jew USD 0,50 għal kull gallun ta' biodiżil ieħor mhux imħallat (pur) bħala kreditu ta' taxxa fuq id-dħul mill-kummerċ ġenerali li ma jitħallasx lura. Kreditu kontra t-taxxa fuq id-dħul ta' negozju. Dan ma jitħallasx lura għax, jekk il-qliġ tan-negozju huwa akbar mit-taxxa dovuta tiegħu, il-kreditu ż-żejjed ma jistax jitħallas lura lin-negozju bħala ħlas dirett fi flus kontanti.

(47) L-investigazzjoni żvelat li l-ebda waħda mill-kumpaniji fil-kampjun jew il-kumpanija li għaddiet minn eżami individwali kif imsemmi fil-premessa (9) ma użat il-kreditu tal-biodiżil fir-rigward ta' biodiżil mhux imħallat (pur). Għalhekk, din il-parti tal-iskema (kreditu tal-biodiżil) mhijiex aktar ivvalutata fil-kuntest tal-investigazzjoni attwali.

(48) Il-kumpaniji kollha investigati rċevew dħul mit-taxxi skont il-kreditu tat-taħlita ta' biodiżil għat-taħlitiet ta' biodiżil mibjugħa bħala fjuwil.

(49) Il-biodiżil imħallat bi fjuwil tad-diżil minerali huwa intitolat għal taxxa tas-sisa fuq it-taħlit ta' biodiżil jew kreditu ta' taxxa fuq id-dħul. Il-kreditu prevalenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien ta' USD 1 għal kull gallun ta' agri-biodiżil mhux imħallat⁽¹¹⁾, jew ta' USD 0,50⁽¹²⁾ għal kull gallun ta' biodiżil ieħor mhux imħallat, użat fit-taħlita tal-fjuwil. Għalhekk il-kreditu finali fuq it-taxxa għall-fjuwil imħallat jiddependi fuq il-proporzjon ta' biodiżil li jkun fih. Ir-rekwiżit minimu, u dak li jitqies bħala l-prassi l-aktar komuni, huwa ż-żieda ta' 0,1 % ta' diżil minerali ma' 99,9 % biodiżil (dan il-prodott imħallat huwa magħruf bħala l-B99 fl-Istati Uniti), billi dan jiżgura li jinkiseb il-kreditu massimu fuq it-taxxa. Il-proporzjon ta' biodiżil fil-prodott imħallat jikkwalifika għal-kreditu fuq it-taxxa (eż. 100 gallun ta' B99 għandu jkun fih 99,9 gallun ta' biodiżil u jkun eliġibbli għal kreditu ta' USD 99,90 fuq it-taxxa). Il-konverżjoni ta' biodiżil minn prodott pur (B100) għal prodott imħallat (B99) hija proċess sempliċi. Din timplika ż-żieda ta' 0,1 % ta' diżil minerali mal-biodiżil pur u ma tirrikjedix trasformazzjoni ewlenija tal-prodott ikkonċernat. Hija l-attività tat-taħlit li twassal għall-eliġibbiltà għall-kreditu.

⁽¹¹⁾ Fl-U.S.C., it-terminu *agri-biodiżil* jirreferi għal biodiżil derivat biss minn żerriegħa ta' żjut veġetali biss, inklużi esterji ġejjin mill-qamħ, mill-fażola tas-sojja, miż-żerriegħa tal-ġirasol, miż-żerriegħa tal-qoton, mill-kanola, mill-krambe, miż-żerriegħa tal-kolza, mill-għosfor, miż-żerriegħa tal-kittien, u żerriegħa tal-mustarda, u mix-xaħam tal-annimali. L-investigazzjoni wriet li aktar minn 98 % tal-biodiżil esportat mill-Istati Uniti lejn il-Komunità fil-PI kien agri-biodiżil.

⁽¹²⁾ Il-kreditu ta' USD 0,50 għal kull gallun żdied għal USD 1,00 għal kull gallun bl-Att tal-2008 għall-Estensjoni u t-Titjib fl-Enerġija (fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2009).

- (50) Il-produtturi tal-biodiżil jistgħu jitolbu għall-inċentiv meta huma stess ikunu qed iwettqu attività ta' taħlit. Il-produttur għandu jħallat il-biodiżil pur ma' fjuwil tad-diżil minerali. Fir-rigward tal-intitolament għall-inċentiv, ma hemm l-ebda differenza bejn il-biodiżil imħallat iddestinat għall-bejgħ domestiku u għall-bejgħ għall-espertazzjoni.
- (51) Il-kumpaniji li ma jipproduċux iżda pjuttost jixtru l-biodiżil pur u jħalltuh f'taħlita tal-biodiżil huma wkoll intitolati għall-kreditu fuq it-taxxa. Kumpaniji bħall dawn għandhom jiksbu ċertifikat mill-produttur (u fejn applikabbli kwalunkwe bejjiegħa mill-ġdid li jintervjeni) tal-biodiżil li fih il-produttur jiċċertifika b'mod effettiv li ma kienx talab il-kreditu ta' taxxa. Dan iċ-ċertifikat huwa trasferibbli waqt li jintitola d-detentur għal USD 1 fi kreditu ta' taxxa fuq kull gallun pur ta' biodiżil.
- (52) L-inċentiv jista' jintalab bħala kreditu kontra s-sisa jew it-taxxa fuq id-dħul dovuta jew bħala ħlas dirett fi flus kontanti. L-ammont totali tal-inċentiv jibqa' l-istess (USD 1 għal kull gallun) kemm jekk l-inċentiv huwa ddikjarat bħala kreditu ta' taxxa tas-sisa, kreditu ta' taxxa fuq id-dħul, ħlas dirett lill-persuna li qed tħallas it-taxxa, kif ukoll kwalunkwe kontribuzzjoni ta' dak li ssemma qabel.
- (53) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ħafna mill-kumpaniji rċewew ħlasijiet diretti msejsa fuq il-kwantità ta' biodiżil imħallat filwaqt li oħrajn irċewew kemm tnaqqis ta' taxxa (fis-sens li l-kreditu tat-taħlita ta' biodiżil kien parzjalment użat biex jikkompensa għal taxxa tas-sisa jew taxxa fuq id-dħul dovuta) kif ukoll ħlas dirett. Għall-kumpaniji kkonċernati, it-taxxi dovuti kienu żgħar meta mqabbla mal-ammont ta' kreditu mitlub għat-taħlit ta' biodiżil; għalhekk, il-parti l-kbira tal-inċentiv ingħatat bħala ħlas dirett u ammont iżgħar bħala tnaqqis ta' taxxa.
- (54) L-U.S.C. tistipula li ma għandux jingħata kreditu għat-taħlit ta' biodiżil sakemm il-kumpanija (min iħallat) li tagħmel it-taħlit tal-biodiżil u d-diżil minerali tikseb ċertifikat ("Ċertifikat għall-Biodiżil") mill-produttur tal-biodiżil li fih il-produttur jiċċertifika, *inter alia*, il-kwantità ta' biodiżil li għalih jirreferi iċ-ċertifikat u jekk il-biodiżil huwiex agri-biodiżil jew tip ieħor ta' biodiżil. Jekk kumpanija li tipproduċi l-biodiżil sussegwentement tħallat dak il-biodiżil mad-diżil minerali u titlob il-kreditu ta' taxxa, dik il-kumpanija għandha tipproduċi iċ-Ċertifikat għall-Biodiżil bid-dokumentazzjoni meħtieġa biex tkun tista' tagħmel talba għall-kreditu. Persuna li tirċievi Ċertifikat għall-Biodiżil, u li sussegwentement tbigħ il-biodiżil mingħajr ma tipproduċi taħlita ta' biodiżil, għandha tipprovdi lix-xerrej b'Ċertifikat għall-Biodiżil flimkien ma' "stqarrija ta' bejgħ mill-ġdid ta' biodiżil". Fi kliem ieħor, il-kumpanija li tagħmel it-taħlita u li titlob il-kreditu ta' taxxa tista' tikseb iċ-Ċertifikat għall-Biodiżil jew direttament mill-produttur tal-biodiżil jew indirettament mingħand bejjiegħ mill-ġdid ta' biodiżil. Għalhekk, dan iċ-ċertifikat huwa trasferibbli waqt li jintitola lid-detentur għal kreditu ta' taxxa ta' USD 1 fuq kull gallun għall-ġadd ta' glalen ta' biodiżil użati mill-pretendent fil-produzzjoni ta' kwalunkwe taħlit ta' biodiżil.
- (55) L-investigazzjoni żvelat li kien hemm differenza ċara fil-prezz bejn il-biodiżil pur (B100) u l-biodiżil imħallat (B99). Għalkemm l-unika differenza bejn iż-żewġ tipi ta' prodotti hija żieda ta' 0,1 % ta' fjuwil tad-diżil minerali biex joħloq il-B99, il-bejgħ tal-B100 kien fir-reġjun ta' USD 1 aktar għal kull gallun milli għal B99. Is-suq tal-biodiżil fl-Istati Uniti kien jidher trasparenti ħafna. L-operaturi ekonomiċi tas-suq tal-biodiżil fl-Istati Uniti tal-Amerika jafu li min iħallat il-biodiżil jirċievi kreditu ta' taxxa ta' USD 1 fuq kull gallun. Għal xi wħud mill-kumpaniji fil-kampjun, il-fatturi għall-bejgħ ta' B100 fis-suq domestiku kien jindika li l-prezz tal-prodott kif ukoll il-kreditu ta' min iħallat, jiġifieri l-kreditu kien mibjugħ effettivament lix-xerrej tal-B100. Fuq din il-bażi, qed jitqies li l-biodiżil kollu huwa ssussidjat permezz ta' dan il-kreditu ta' taxxa.
- (d) *Konklużjoni*
- (56) Il-kreditu ta' taħlit ta' biodiżil għandu jitqies bħala inċentiv fiskali kemm jekk jingħata bħala ħlas fi flus kontanti kif ukoll jekk le jew jekk ikollu jitnaqqas mit-taxxa dovuta.
- (57) Din l-iskema hija meqjusa bħala sussidju fit-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(i) u l-Artikolu (2)(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku billi l-iskema tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika f'forma ta' għotjiet diretti (pagamenti fi flus kontanti) u ta' dħul maħfur li kieku normalment kien ikun mistħoqq (kumpens għat-taxxa). L-għotjiet jagħtu benefiċċju lill-kumpaniji li jirċevuhom.
- (58) L-iskema hija limitata għall-kumpaniji li huma involuti fl-industrija tal-biodiżil u għalhekk titqies bħala waħda speċifika skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament bażiku u għalhekk kompensatorja.
- (e) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*
- (59) Il-kreditu ta' taħlit ta' biodiżil ingħata b'referenza għall-kwantitajiet ta' biodiżil użat f'taħlita, jiġifieri USD 1 għal kull gallun billi l-kumpaniji kollha kkonċernati użaw agri-biodiżil. L-ammont ta' benefiċċju fil-PI ġie kkalkolat fuq il-bażi ta' USD 1 għal kull gallun ta' biodiżil pur mibjugħ matul il-PI, kemm jekk mibjugħ bħala biodiżil pur (B100) kif ukoll jekk mibjugħ bħala taħlita. Biex jiġi stabbilit il-benefiċċju, tqieset iż-żieda ta' diżil minerali fit-taħlita meta ġie kkalkolat l-ammont tas-sussidju.
- (60) Wieħed mill-produtturi tal-biodiżil fil-kampjun irċieva benefiċċji b'mod indirett skont din l-iskema billi uża sistema ta' factoring biex isarraf il-kreditu ta' biodiżil li kien intitolat għalih. It-taħlit ingħata lill-kumpanija mhux relatata li ddikjarat il-kreditu u mbaġġad ħallset flus kontanti lill-kumpanija kkonċernata wara li tnaqqset miżata ta' factoring.
- (61) L-ammont ta' sussidju ġie allokat fuq il-bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat matul il-PI.

- (62) Il-prodotti nnegozjati ġew esklużi mill-kalkolu ta' hawn fuq.
- (63) L-ammont ta' sussidji kumpensatorji miksuba skont din l-iskema, espress *ad valorem*, għall-kumpaniji investigati, kien ivarja minn 28,4 % sa 41,1 %.

3.3. Kreditu ta' taxxa fuq id-Dħul għall-Produttur iż-Żgħir ta' Agribiodiżil

(a) Bażi legali

- (64) It-Titolu 26, U.S.C., §40A jipprovdi wkoll għal kreditu ta' taxxa fuq id-dħul għall-produttur iż-żgħir tal-agri-biodiżil.

(b) Eliġibbiltà

- (65) Din l-iskema hija disponibbli biss għall-produtturi żgħar ta' agri-biodiżil pur. Kull min iħallat jew jinnogozja u jixtri iżda ma jipproduċix biodiżil mhux eliġibbli għall-kreditu. Produttur iżgħir huwa kwalunkwe persuna li l-kapaċità ta' produzzjoni tagħha ma taqbiż is-60 miljun gallun ta' agri-biodiżil fis-sena. Il-produttur iż-żgħir ta' agri-biodiżil jista' jitlob kreditu ta' taxxa li ma jitħallasx lura ta' USD 0,10 fuq id-dħul min-negozju ġenerali għal kull gallun ta' agri-biodiżil prodott. Il-produzzjoni kkwalfikata ta' produttur ma tistax taqbeż il-15-il miljun gallun fi kwalunkwe sena taxxabli. Biex il-produttur ikun jista' jitlob il-kreditu, l-agri-biodiżil ikun irid jintuża bħala fjuwil, mibjugħ għall-użu bħala fjuwil, jew użat biex joħloq taħlita ta' biodiżil u fjuwil tad-diżil li jintuża bħala fjuwil jew mibjugħ għall-użu bħala fjuwil.

(c) Implimentazzjoni Prattika

- (66) Talbiet għall-kreditu ta' taxxa fuq id-dħul min-negozju ġenerali li ma jitħallasx lura jsiru kull sena meta l-pretendent jiddikjara t-taxxa tiegħu fuq id-dħul. Il-kreditu għall-kull gallun ta' biodiżil prodott mill-pretendent matul is-sena taxxabli rilevanti, sa massimu ta' 15-il gallun, jikkumpensa għat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji min-naħa tal-pretendent. Jekk it-taxxa dovuta mill-pretendent hija inqas mill-ammont ta' kreditu mitlub, l-ammont żejjed jista' jidied mas-snin sussegwenti ta' taxxa.
- (67) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, waħda mill-kumpaniji fil-kampjun għamlet użu mill-iskema. Il-kumpanija użat il-kreditu biex tnaqqas it-taxxa fuq id-dħul dovuta minnha.

(d) Konklużjoni

- (68) Din l-iskema qed titqies bħala sussidju fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku billi l-iskema ttipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika f'forma ta' dħul maħfur li kieku normalment kien ikun mistħoqq. L-inċentivi huwa ta' benefiċċju għall-kumpaniji li jirċevuhom.

- (69) L-iskema hija limitata għal kumpaniji li jipproduċu l-biodiżil u għalhekk titqies bħala waħda speċifika skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament bażiku u saħansitra kumpensatorja.

(e) Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

- (70) L-ammont ta' sussidju ġie kkalkolat fuq il-bażi tal-ammont ta' tnaqqis ta' taxxa fuq id-dħul għas-sena ta' taxxa fiskali li tintemm matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (71) L-ammont ta' sussidju (numeratur) ġie mbagħad allokat fuq il-bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat matul il-PI.
- (72) Il-kumpanija kkonċernata kisbet sussidji minn din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' 0,4 %.

3.4. Id-Dipartiment tal-Istati Uniti tal-Programm dwar il-Bioenerġija mill-Agrikoltura

(a) Bażi legali

- (73) Id-Dipartiment tal-Istati Uniti tal-Programm dwar il-Bioenerġija mill-Agrikoltura ("USDA") kien oriġinalment awtorizzat u ffinanzjat mill-Korporazzjoni ta' Kreditu fuq Merkanzija (Commodity Credit Corporation - "CCC") tal-USDA taħt l-awtorità ġenerali tagħha skont it-Taqsima 5 tal-Att dwar il-Karta tas-CCC, ikkodifikat fil-Kodiċi tal-Istati Uniti (it-Titolu 15, il-Kapitolu 15, is-Subkapitolu II, it-Taqsima 714c(e)). Dan l-istatut jistabbilixxi l-għanijiet esklussivi li għalihom is-CCC hija awtorizzata mil-liġi biex tuża s-setgħat ġenerali tagħha. Speċifikament, l-iskema kienet imsejja fuq l-awtorità fit-Taqsima 5(e) tal-Att, li tawtorizza s-CCC li:

"Iżid il-konsum domestiku tal-merkanzija agrikola (għajr għat-tabakk) billi tespandi jew tgħin fil-firxa ta' swieq domestiċi jew billi tiżviluppa jew tgħin fl-iżvilupp ta' swieq ġodda u addizzjonali, faċilitajiet għall-kummerċjalizzazzjoni, u l-użu għal merkanzija bħal din."

- (74) Is-CCC ippubblikat regola finali li stabbilixxiet regolamenti għall-iskema, li kienu kkodifikati fil-Kodiċi ta' Regolamenti Federali bħala 7 C.F.R. § 1424.
- (75) Kif maħsub oriġinarjament, is-CCC użat il-finanzjament tat-Taqsima 5(e) għall-iskema sas-sena fiskali 2002 biss⁽¹³⁾. Madankollu, fl-2002, il-Kungress tal-Istati Uniti speċifikament awtorizza u ffinanzja l-kontinwità tal-iskema sas-sena fiskali 2006, din inkluzja.
- (76) L-iskema tħaddmet mill-1 ta' Diċembru 2000 sa Ġunju 2006. Kienet amministrata mill-Aġenzija għas-Servizz tal-Farms (Farm Service Agency – FSA) tal-USDA.

⁽¹³⁾ Is-sena fiskali għall-għanijiet tal-Programm dwar il-Bioenerġija kienet tibda mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara.

(b) *Eliġibbiltà*

- (77) Meta l-programm kien qed jitħaddem, il-produtturi kummerċjali kollha tal-bioenerġija kienu eliġibbli biex jieħdu sehem. Il-produtturi kellhom jipprovdu evidenza tal-produzzjoni, kif ukoll evidenza tax-xirja u l-użu tal-merkanzija agrikola relatata ma' dik il-produzzjoni. B'mod partikolari, il-produtturi tal-biodiżil kienu meħtieġa jipproduċu u jbigħu l-biodiżil kummerċjalment.
- (78) L-istatut kien jiddefinixxi l-"biodiżil" bħala esteru monoalkilitiku li jilħaq standard xieraq tas-Soċjeta' Amerika għall-Ittestjar u l-Materji. Biex ikun eliġibbli, produttur kellu jilħaq ċerti rekwiżiti fir-rigward taż-żamma tar-rekords u biex jipprovdi tagħrif meħtieġ, kif ukoll biex jagħti permess lis-CCC li tivverifika tagħrif bħal dan. Ir-regoli rilevanti stabbilixxew id-dettali tal-proċeduri li għandhom jissegwew għar-reġistrazzjoni tal-programm, għall-applikazzjonijiet għall-proċeduri ta' ħlasijiet u ta' rapportar li r-riċipjenti kellhom isegwu biex ikunu eliġibbli għall-ħlas.
- (79) L-istatut tal-2002 stabbilixxa li l-merkanzija eliġibbli li setgħet tintuża biex tipproduċi l-bioenerġija (jew il-biodiżil jew l-etanol ta' kwalità ta' fjuwil) kienet tinkludi:
- Qamħ, qamħirrum, sorgu tal-qamħ, xgħir ħafur, ross, żrieragħ tas-sojja, żerriegħa tal-ġirasol, żerriegħa tal-kolza, kanola, għosfor, żerriegħa tal-kittien, mustarda, krambe, żerriegħa tal-ġunġlien, u żerriegħa tal-qoton;
 - Merkanzija ċelluloża, bħas-siġra tal-luq ibrida jew il-paniko verga (switch grass);
 - Xaħmijiet, żjut, grass (kemm jekk riċiklati kif ukoll le) ġejjin minn prodotti agrikoli; produzzjoni
 - Kwalunkwe prodott sekondarju mill-annimali, għajr xaħmijiet żjut u grassijiet, li huwa maħsub li jintuża biex jipproduċi l-bioenerġija.
- (80) Skont l-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika, il-parti l-kbira tal-produtturi tal-biodiżil li rċevew inċentivi skont din l-iskema użaw iż-żrieragħ tas-sojja.
- (81) Il-produtturi kummerċjali kollha tal-biodiżil kienu eliġibbli biex jieħdu sehem, sakemm dawn segwew il-proċeduri ta' applikazzjoni u ta' rappurtar deskritti hawn fuq. Il-gvern ma eżerċita l-ebda diskrezzjoni għajr li żgura li l-kriterji ta' eliġibbiltà ntlaħqu.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

- (82) Għal kull sena fiskali l-produtturi tal-biodiżil setgħu jirreġistraw għall-iskema billi jressqu l-formoli rilevanti. Wara r-reġistrazzjoni, il-produtturi tal-biodiżil ressqu applikazzjonijiet kull tliet xhur għall-ħlasijiet ta' inċentivi. Il-produtturi tal-biodiżil kellhom jipprovdu dokumentaz-

zjoni tax-xiri nett tal-merkanzija eliġibbli u tal-produzzjoni netta ta' biodiżil matul il-perjodi rilevanti.

- (83) L-iskema pprovdi inċentivi lill-produtturi tal-biodiżil imsejsa fuq kombinazzjoni tal-produzzjoni bażi tagħhom ta' biodiżil u taż-żieda fil-produzzjoni ta' biodiżil fil-perjodu korrispondenti tas-sena fiskali ta' qabel. Għas-sena fiskali 2006, il-kumpaniji rċevew inċentivi miż-żieda fil-produzzjoni tal-biodiżil biss. Imsejsa fuq il-produzzjoni ta' biodiżil ta' kull riċipjent u fuq iż-żieda fil-produzzjoni ta' biodiżil minn merkanzija agrikola eliġibbli, l-USDA kkalkula l-ammont ta' ħlasijiet kif stipulat fir-regolamenti.
- (84) Billi l-iskema ntemmet f'Ġunju 2006, l-ebda waħda mill-kumpaniji fil-kampjun jew il-kumpanija msemmija fil-premessa (9) li għaddiet eżami individwali ma rċeviet inċentivi skont din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Meta l-iskema kienet għadha qed titħaddem, tlieta mill-kumpaniji fil-kampjun irċevew ħlasijiet fil-perjodu mill-2002 sal-2006. Kumpanija waħda rċeviet ħlasijiet diretti mill-FSA. Kumpanija oħra rċeviet ħlasijiet indiretti skont din l-iskema, billi kumpanija li bbenefikat minn din l-iskema għaddiet xi ammonti li rċeviet lil kumpanija fil-kampjun bħala ftehim dwar il-qsim tal-qliġ minħabba f'arranġamenti ta' tolling bejn iż-żewġ kumpaniji. Kumpanija terza rċeviet biss ammont żgħir fis-sena fiskali 2006.

(d) *Konklużjoni*

- (85) Instab li ngħataw inċentivi skont din l-iskema lil ċerti produtturi tal-biodiżil tul għadd ta' snin imsejsa fuq il-produzzjoni tagħhom ta' biodiżil u kien jidher biċ-ċar li kien hemm kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Istati Uniti f'forma ta' għotjiet li kienu speċifiċi għall-industrija tal-biodiżil. Is-sussidji, madankollu, qed jitqiesu li kienu rikorrenti u li kienu jitniżżlu kull sena partikolari; minħabba f'hekk, l-ebda benefiċċju ma ngħata matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (86) Instab ukoll li l-iskema kienet introdotta mill-ġdid għas-sena fiskali 2009 (Ottubru 2008-Settembru 2009). Madankollu, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' investigazzjoni kien minn April 2007 sa Marzu 2008, ma hemm l-ebda raġuni li jiġu kkompensati xi benefiċċji li jistgħu jinġemgħu skont l-iskema introdotta mill-ġdid.

SKEMI TAL-ISTAT

I n t r o d u z z j o n i

Erbgħa mill-iskemi tal-istat li ġew investigati ma ntużaw minn l-ebda kumpanija fil-kampjun u lanqas mill-kumpanija li kellha eżami individwali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, dawn l-iskemi ma ġewx analizzati aktar. Dawn l-iskemi huma: Eżenzjoni mit-taxxa fuq it-tagħmir tal-biodiżil f'North Dakota; Programm għal-libertà ta' enerġija fl-Istat ta' Washington; L-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-bejgħ bl-imnut fuq il-biofjuwils fl-Istat ta' Washington u t-tnaqqis ta' taxxa fuq il-biofjuwils fl-Istat ta' Washington

3.5. Eżenzjoni mit-taxxa tal-biodiżil f'Illinois

- (87) Fl-Istat ta' Illinois, "it-taxxa fuq il-bejgħ" hija magħmula minn żewġ taxxi separati iżda komplementari. Bejjiegħ bl-imnut ta' proprjetà personali tanġibbli⁽¹⁴⁾ jgħorr ir-responsabbiltà ta' Retailers' Occupation Tax – ("ROT") u x-xerrej ta' proprjetà personali tanġibbli jgħorr ir-responsabbiltà korrispondenti ta' Taxxa tal-Użu.
- (88) Il-bażi legali għar-ROT hija 35 Statut Kompilati ta' Illinois ("ILCS"), il-Kapitolu 120, it-Taqsima 2 filwaqt li l-bażi għat-Taxxa tal-Użu hija 35 ILCS, il-Kapitolu 105, it-Taqsima 3-45. Skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, "taxxa hija imposta fuq persuni attivi fil-kummerċ ta' bejgħ ta' proprjetà personali tanġibbli bl-imnut...". Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar jiddikjaraw li l-bejjiegħa "għandhom jgħbru t-taxxa mill-utenti billi jżidu t-taxxa mal-prezz ta' bejgħ tal-proprjetà tanġibbli, meta mibjugħa għall-użu, ...".
- (89) Ir-rata tar-ROT matul il-PI kienet ta' 6.25 % tal-irċevuti grossi minn bejgħ ta' proprjetà personali tanġibbli li jsir bil-ħsieb ta' negozju, flimkien ma' kwalunkwe taxxa lokali applikabbli fil-kontej ta' Illinois (35 ILCS, il-Kapitolu 120, it-Taqsimiet 2-10).
- (90) Ir-rata ta' Taxxa tal-Użu matul il-PI kienet ta' 6,25 % mill-prezz ta' bejgħ jew mill-valur ġust tas-suq, jekk ikun hemm, tal-proprjetà personali tanġibbli, flimkien ma' kwalunkwe taxxa lokali applikabbli fil-kontej ta' Illinois (35 ILCS, il-Kapitolu 105, it-Taqsima 3-10).
- (91) Tabilħaqq, kumpanija li tiġbor it-Taxxa tal-Użu fuq il-bejgħ tagħha għandha tħallas din it-taxxa bħala ROT lid-Dipartiment tad-Dħul ta' Illinois.

(a) Bażi legali

- (92) Fir-rigward tal-impożizzjoni tar-ROT fuq il-biodiżil u t-taħlitiet ta' biodiżil, 35 ILCS, il-Kapitolu 120, it-Taqsimiet 2-10 jistipula li l-qligħ mill-bejgħ li sar fi jew wara l-1 ta' Lulju 2003 u fi jew qabel il-31 ta' Diċembru 2013,
- (i) għal taħlitiet li ma fihomx inqas minn 1 % u mhux aktar minn 10 % biodiżil, għandu jkun suġġett għat-taxxa fuq 80 % tal-qligħ, u
- (ii) għal 100 % biodiżil u taħlitiet ta' biodiżil li fihom aktar minn 10 % iżda mhux aktar minn 99 % ta' biodiżil, ma għandux ikun suġġett għar-ROT.
- (93) Fir-rigward tal-impożizzjoni tat-Taxxa tal-Użu fuq il-biodiżil u t-taħlitiet ta' biodiżil, l-istess eżenzjonijiet parzjali/totali japplikaw bħal dawk għar-ROT hawn fuq (35 ILCS, il-Kapitolu 105, it-Taqsimiet 3-10).

- (94) L-eżenzjonijiet mir-ROT u mit-Taxxa tal-Użu huma stipulati wkoll fil-leġislazzjoni msemmija hawn fuq għall-qligħ minn bejgħ ta' prodotti oħra.

(b) Eliġibbiltà

- (95) Kull persuna li tbiġh jew tixtri l-fjuwil tal-biodiżil hija eliġibbli li titlob l-eżenzjonijiet imsemmija fil-premessi (92) u (93) hawn fuq.

(c) Implimentazzjoni Prattika

- (96) Id-dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjoni msemmija fil-premessi (92) u (93) hawn fuq jistipulaw li t-Taxxa tal-Użu ma tinġabarx fuq bejgħ fl-imnut ta' biodiżil/taħlitiet ta' biodiżil. Bis-saħħa tal-fatt li l-bejgħ bl-imnut tal-biodiżil/ta' taħlitiet ta' biodiżil huwa eżenti mit-Taxxa tal-Użu, il-kumpaniji li jbiġħu l-biodiżil/it-taħlitiet tal-biodiżil (inklużi l-produtturi/dawk li jħalltu) lill-bejjiegħa bl-imnut mhumiex suġġetti għall-ħlas tar-ROT fuq il-bejgħ tagħhom ta' biodiżil/taħlitiet ta' biodiżil.

(d) Konklużjonijiet

- (97) Huwa ċar li l-eżenzjoni mit-Taxxa tal-Użu u mir-ROT hija inizzjata mill-bejgħ bl-imnut ta' biodiżil/taħlitiet ta' biodiżil. F'dan ir-rigward il-benefiċċju mill-eżenzjonijiet huwa għalhekk tal-konsumaturi tal-prodott. F'dawn iċ-ċirkostanzi, skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament bażiku, l-ebda dazju kumpensatorju ma jista' jingħata bl-għan li jagħmel tajjeb għal dan is-sussidju billi dan ma ngħatax, direttament jew indirettament, għall-manifattura, għall-produzzjoni, għall-esportazzjoni jew għat-trasport tal-prodott ikkonċernat.
- (98) Waħda mill-kumpaniji li kooperaw fil-kampjun ma gābritx it-Taxxa tal-Użu fuq il-bejgħ tagħha ta' biodiżil/taħlitiet ta' biodiżil lill-bejjiegħa bl-imnut u għalhekk ma ħallsitx ir-ROT fuq dan il-bejgħ. Madankollu, fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu fil-premessa (97) hawn fuq, l-ebda benefiċċju kompensatorju ma huwa qed jitqies li akkumula għal din il-kumpanija.

3.6. Fond ta' Inċentiv għall-produttur kwalifikat tal-biodiżil f'Missouri

(a) Bażi legali

- (99) Fl-2002, skont il-Liġi tal-Istat ta' Missouri ("RSMo") (il-Kapitolu 142, it-Taqsima 142.031), ġie stabbilit il-Fond ta' Inċentiv għall-Produttur Kwalifikat tal-Biodiżil f'Missouri ("il-Fond"). L-għan ta' dan il-Fond huwa li "...jipprovdi sussidji ekonomiċi lill-produtturi kwalifikati tal-biodiżil...".
- (100) Kull sena fiskali (li tibda mill-1 ta' Lulju ta' sena waħda sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara) id-Dipartiment ta' Miżuri tal-Agricoltura jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Produtturi Kwalifikati tal-Biodiżil f'Missouri (Missouri Qualified Biodiesel Producers - "MQBP") il-flejjes kollha approprijati lill-Fond mil-leġislatura ta' Missouri u li daħlu fil-liġi mill-Gvern ta' Missouri.

⁽¹⁴⁾ "Proprjetà personali tanġibbli" mhijiex definita fil-leġislazzjoni ta' Illinois iżda titqies bħala proprjetà fiżika.

- (b) *Eliġibbiltà*
- (101) Bħal fil-bidu tal-PI (l-1 ta' April 2007), MQBP kienet faċilità li tipproduċi l-biodiżil u
- (i) kienet irreġistrata mal-Aġenzija ta' Ħarsien għall-Ambjent tal-Istati Uniti (United States Environmental Protection Agency "USEPA") produzzjoni
- (ii) kienet mill-inqas wieħed u ħamsin fil-mija tappartjeni lill-produtturi agrikoli li kienu residenti tal-Istat ta' Missouri u li kienu jaħdmu b'mod attiv fil-produzzjoni agrikola għal għanijiet kummerċjali;
- jew
- (iii) mill-inqas 80 fil-mija tal-materja prima għall-produzzjoni użata mill-faċilità oriġinat fl-Istat ta' Missouri. Materja prima għall-produzzjoni tfisser prodott agrikolu f'Missouri kif definit fit-Taqsima 348.400 RSMo. Din id-definizzjoni tal-aħħar tinkludi, *inter alia*, prodotti agrikoli u veġetali, jew fl-istat naturali jew ipproċessat tagħhom, li kienu ġew prodotti, ipproċessati, jew inkella li kellhom il-valur miżjud magħhom fl-Istat ta' Missouri.
- (102) Dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà ġew emendati, effettivament mit-28 ta' Awwissu 2007, billi l-punt (iii) ġie sostitwit b'dan li ġej u biż-żieda ta' kundizzjoni oħra ((iv) kif jidher hawn taħt):
- (iii) mill-inqas tmenin fil-mija tal-materja prima għall-produzzjoni użata mill-faċilità oriġinat fl-Istat ta' Missouri. Materja prima għall-produzzjoni tfisser prodott agrikolu, ortikulturali, vitikulturali, veġetali, akkwakulturali, jew prodott ġej mill-bhejjem, mill-forestrija jew mit-tjur kemm fl-istat naturali kif ukoll fl-istat ipproċessat tiegħu.
- (iv) li jkollu dawn kollha li ġejjin:
- li kien irreġistra mad-Dipartiment tal-Agricoltura f'Missouri sal-1 ta' Settembru 2007;
- li kien beda l-kostruzzjoni tal-faċilità qabel l-1 ta' Novembru 2007; produzzjoni
- li kien beda l-produzzjoni ta' biodiżil qabel l-1 ta' Marzu 2009.
- (c) *Implimentazzjoni Prattika*
- (103) Biex jakkwista għoti mill-fond, MQBP għandu jkollu fil-pussess tiegħu, *inter alia*, liċenzja. Liċenzja tinħareġ lil MQBP meta dan ikun laħaq il-kriterji msemmija hawn fuq u meta jipprovdri tagħrif addizzjonali lill-Istat tad-Dipartiment tal-Agricoltura f'Missouri (Missouri Department of Agriculture - "MDA") inkluż in-numru tal-USEPA tal-kumpanija, in-numru ta' identifikazzjoni tas-sid federali, eċċ. Il-liċenzja tibda tgħodd mid-data minn
- meta t-tagħrif mitlub jasal u jiġi approvat mill-MDA u tiskadi meta l-MQBP jkun irċieva 60 xahar ta' għotjiet jew meta ma jkunx aktar konformi mad-dispożizzjonijiet ta' eliġibbiltà.
- (104) Ladarba tinħareġ liċenzja, MQBP jista' japplika għal għoti ta' incattiv għall-produttur billi jitlob formola ta' applikazzjoni għal għotjiet ta' xahar mill-MDA, Fond ta' Incattiv għall-Produttur Kwalifikat tal-Biodiżil. Biex wieħed jikseb għoti ta' incattiv għall-produttur għal xahar partikolari, MQBP għandu jimla l-formola ta' applikazzjoni preskritta għall-għotjiet.
- (105) L-MQBP għandu jressaq il-formola kompluta ta' applikazzjoni għall-għotjiet lill-MDA mhux aktar tard minn 15-il jum wara l-aħħar jum tax-xahar li għalih qed tintalab l-għotja. Applikazzjonijiet li jittressqu wara dan il-limitu ta' żmien huwa awtomatikament rifjutati.
- (106) L-ammont ta' kull għotja tax-xahar huwa kkalkolat billi l-ewwel jiġi ddeterminat l-għadd ta' glalen ta' biodiżil kwalifikat prodott minn prodotti agrikoli f'Missouri fix-xahar ta' qabel tas-sena fiskali, kif ċertifikat mill-MDA. Dan in-numru mbagħad jiġi mmultiplikat bil-kreditu għal kull gallun stabbilit fit-Taqsima 142.031, RSMo (liġi tal-Istat) u fit-Titolu 2 tal-Kodiċi tar-Regolamenti tal-Istat ("CSR") 110-2.010. Kull MQBP għandu jkun eliġibbli għal għotja totali fi kwalunkwe sena fiskali ugwali għal USD 0,30 għal kull gallun għall-ewwel 15-il miljun gallun ta' biodiżil ikkwalifikat prodott minn prodotti agrikoli f'Missouri fis-sena fiskali, flimkien ma' USD 0,10 għal kull gallun għal 15-il miljun gallun li jmiss ta' biodiżil ikkwalifikat prodott minn prodotti agrikoli f'Missouri fis-sena fiskali. Biodiżil kwalifikat bħal dan prodott minn MQBP li jaqbeż it-30 miljun gallun f'sena fiskali ma għandux jiġi applikat mal-komputazzjoni ta' għoti.
- (107) Jekk il-flejjes disponibbli mhumiex biżżejjed biex iħallu l-għotja massima tax-xahar permessa mil-liġi lill-MQBP kollha, il-flejjes disponibbli jiġu mqassma biex kull MQBP jirċievi sehem mill-flus proporzjonali għall-produzzjoni eliġibbli ta' biodiżil tal-MQBP kollha għal dak ix-xahar.
- (108) L-MDA jagħmel mill-aħjar biex iħallas l-għotjiet kollha għal xahar partikolari fi żmien 30 jum mill-wasla u l-approvazzjoni tal-formola ta' applikazzjoni għall-għotjiet.
- (d) *Konklużjonijiet*
- (109) Din l-iskema hija meqjusa bħala sussidju fit-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku billi l-iskema tipprovdri kontribuzzjoni finanzjarja mill-gvern tal-Istat ta' Missouri⁽¹⁵⁾ taħt forma ta' għotjiet diretti. L-għotjiet jagħtu benefiċċju lill-kumpaniji li jirċievuhom.

⁽¹⁵⁾ It-terminu "gvern" għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament huwa interpretat skont l-Artikolu 1(3), it-tieni paragrafu, tar-Regolament bażiku li jistipula li "It-terminu "gvern" huwa ddefinit għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament bħala gvern jew kwalunkwe entità pubblika fit-territorju tal-pajjiż tal-orijini jew ta' esportazzjoni".

(110) L-iskema hija limitata għall-produtturi tal-biodiżil u għalhekk tiqies bħala waħda speċifika skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament bażiku u għalhekk kompensatorja.

(e) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(111) Wieħed mill-esportaturi fil-kampjun li koooperaw ibbenefika minn din l-iskema fil-PI. L-ammont ta' għotjiet li waslu fil-PI ġie allokat fuq il-bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat matul il-PI. L-ammont ta' sussidji kompensatorji miksuba taħt din l-iskema, espressi *ad valorem*, għal din il-kumpanija kien ta' 3,8 %.

3.7. Sħubija ta' biofuwils f'North Dakota fl-għajnuna lill-Programm ta' għotjiet komunitarji ta' espansjoni (PACE)

(112) L-iskema PACE ta' Biofuwils, li bdiet tgħodd minn Lulju 2007, kienet preċeduta mis-sħubija tal-Biodiżil fl-għajnuna lill-iskema ta' għotjiet komunitarji ta' espansjoni ("Biodiżil PACE" li kienet tgħodd minn Lulju 2005 sa Ġunju 2007).

(a) *Bażi legali*

(113) L-iskema Biodiżil PACE ġiet stabbilita bil-leġiżlatura ta' North Dakota permezz tal-istabbiliment tal-Kodiċi Ċentinarju ta' North Dakota ("N.D.C.C.") 6-09.17 "Sħubija ta' Biodiżil ta' Għajnuna lill-Espansjoni Komunitarja fl-2005". Taħt dan il-Kodiċi, ġiet stabbilita sħubija ta' biodiżil għall-għajnuna lil-fond ta' espansjoni komunitarja ("il-fond").

(114) Fl-2007, wara li għaddiet il-Polza tas-Senat Nru 2180, il-Kodiċi Ċentinarju ta' North Dakota 6-09.17 msemmi hawn fuq ġie emendat u l-iskema Biodiżil PACE ġiet modifikata minn Lulju 2007 u ssemmiet mill-ġdid bħala l-iskema Biofuwils PACE.

(b) *Eliġibbiltà*

(115) Skont l-iskema Biodiżil PACE, faċilità tal-produzzjoni tal-biodiżil kienet eliġibbli għall-finanzjament mill-fond.

(116) "Faċilità ta' produzzjoni tal-biodiżil" ġiet definita bħala "korporazzjoni, kumpanija b'responsabbiltà limitata, sħubija, individwu jew assoċjazzjoni involut/a fil-produzzjoni ta' fjuwil tad-diżil li fiha mill-inqas ħamsa fil-mija biodiżil li jilħaq l-ispeċifikazzjoni adottata mis-soċjetà Amerikana għall-ittestjar u l-materja".

(117) Il-finanzjament ħa l-forma ta' interest rate buy down (tnaqqis fir-rata ta' interess imposta) fuq is-self magħmul minn istituzzjoni finanzjarja ewlenija (kummerċjali) flimkien mal-Bank ta' North Dakota. Il-bank imsemmi l-aħħar huwa istituzzjoni statali f'North Dakota. Ir-reċipjenti tas-self setgħu jgawdu minn tnaqqis fir-rata ta' interess minn 5 % 'l isfel mir-rata uffiċjali. Faċilità individwali ta' produzzjoni tal-biodiżil setgħet tikkwalifika għal

massimu totali ta' USD 400 000 ta' fondi b'interess imnaqqas għal kull self.

(118) L-iskema PACE Biofuwils, kienet stabbilita biex tixtri t-tnaqqis tar-rata ta' interessi fuq self għall-faċilitajiet għall-produzzjoni ta' biodiżil u etanol, għall-operazzjonijiet relatati mal-bhejgħ, għall-bejjiegħa bl-imnut tal-biofuwil u għall-faċilitajiet tat-trattament tal-frott taċ-ċereali. Il-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-biodiżil li jilhqgħu l-kriterji rilevanti huma eliġibbli għal din l-iskema.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

(119) Il-flejjes fil-fond jintużaw biex titnaqqas ir-rata ta' interessi ta' min jissellef fuq self li jkun sar minn sellief lokali u mill-Bank ta' North Dakota (BND), li huwa entità pubblika li jappartjeni lill-Istat ta' North Dakota. Is-self huwa ttrattat permezz ta' istituzzjoni lokali ta' self – bank, tfaddil u self, unjoni ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu għall-farms – li jirrikjedu s-sehem tal-BND. L-istituzzjonijiet lokali ta' self jistgħu jkunu istituzzjonijiet pubbliċi jew privati flimkien ma' min jissellef, is-sellief u l-BND jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet tas-self, inkluża r-rata ta' interessi. Is-sellief ewlieni mbagħad jitleb li l-fond jintuża biex jikseb tnaqqis fir-rata ta' interessi. Il-proċess ta' applikazzjoni jsir minn sellief ewlieni (tipikament bank privat) lill-BND.

(120) Kumpanija tħallas il-pagamenti mill-ġdid ta' interessi mnaqqsa lis-sellief ewlieni. Is-sellief ewlieni mbagħad jirċievi mill-BND (mill-fond) id-differenza bejn il-ħlas mill-ġdid li normalment isir fuq il-bażi ta' rata ta' interessi "normali" u tal-ammont imnaqqas imħallas mill-kumpanija.

(121) L-implimentazzjoni kemm tal-Biodiżil PACE kif ukoll tal-Biofuwils PACE hija kif spjegat fiż-żewġ premessi ta' qabel.

(d) *Konklużjonijiet*

(122) Fir-rigward tal-Biodiżil PACE u l-Biofuwils PACE, hemm kontribuzzjoni finanzjarja mill-awtoritajiet tal-Istat ta' North Dakota billi l-awtoritajiet iressqu l-ħlas lil mekkaniżmu ta' finanzjament (is-sħubija tal-biodiżil fl-għajnuna lill-fond ta' espansjoni komunitarja jew is-sħubija ta' biofuwils fl-għajnuna lill-fond ta' espansjoni komunitarja. L-imsemmi fond jintuża biex jifinanzja parti mill-ħlasijiet mill-ġdid ta' interessi dovuti minn kumpanija fuq self. Il-finanzjament ta' eliġibbiltà miż-żewġ skemi huwa limitat għal, *inter alia*, manifatturi tal-biodiżil. F'dawn iċ-ċirkostanzi, iż-żewġ skemi huma speċifiċi skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament bażiku. Jeżisti benefiċċju lill-kumpaniji li jiddisponu minn din l-iskema fil-forma ta' ħlasijiet mill-ġdid ta' interessi mnaqqsa.

(e) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(123) Kumpanija għamlet użu mill-benefiċċji skont il-Biodiżil PACE fil-PI. Madankollu, il-benefiċċju lill-kumpanija tqies bħala negliġibbli billi kien inqas minn 0,1 %.

3.8. Kreditu tat-taxxa fuq it-tagħmir ta' produzzjoni tal-biodiżil f'North Dakota

(a) Bażi legali

- (124) Il-bażi legali tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji għal North Dakota tinsab fil-Kostituzzjoni ta' North Dakota fl-Artikolu X, §3, u N.D.C.C. §57-38-30. Il-kreditu ta' taxxa taħt din l-iskema, li huwa disponibbli għal attrezzaż mill-ġdid ta' tagħmir tal-biodiżil, huwa msejjes fuq N.D.C.C. §57-38-30.6.

(b) Eliġibbiltà

- (125) Min iħallas it-taxxa għandu jkun korporazzjoni suġġetta għat-taxxa fuq id-dħul ta' North Dakota.

(c) Implimentazzjoni Prattika

- (126) Il-kreditu ta' taxxa fuq id-dħul huwa applikat fir-rigward tat-taxxa dovuta fl-ammont ta' 10 fil-mija kull sena għal ħames snin ta' spejjeż diretti li jitħallsu mill-persuna li tħallas it-taxxa wara l-31 ta' Diċembru 2002. L-ispejjeż huma l-ispejjeż diretti tal-persuna li qed tħallas it-taxxa biex tadatta jew iżżid it-tagħmir għall-attrezzaż mill-ġdid ta' faċilità eżistenti jew għall-adattament ta' faċilità ġdida fl-istat bl-għan ta' produzzjoni jew ta' taħlit tal-fjuwil tad-diżil li fih mill-inqas 2 % volum ta' fjuwil tal-biodiżil.

(d) Konklużjonijiet

- (127) Din l-iskema hija limitata għal persuni taxxabli li jimpenjaw rwieħhom fl-adattament jew fiż-żieda ta' tagħmir għall-attrezzaż mill-ġdid ta' faċilità eżistenti jew għall-adattament ta' faċilità ġdida fl-istat bl-għan ta' produzzjoni jew ta' taħlit tal-fjuwil tad-diżil li fih mill-inqas 2 % volum ta' fjuwil tal-biodiżil. L-iskema hija għalhekk speċifika skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament bażiku. Din l-iskema titqies bħala sussidju fit-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku billi d-dħul tal-gvern li kieku normalment huwa dovut (taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji) huwa maħfur jew mhux miġbur. It-taxxa dovuta mnaqqsa tal-kumpanija hija benefiċċju.

(e) Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

- (128) Kumpanija waħda għamlet użu minn din l-iskema fil-PI. Madankollu, il-benefiċċju lill-kumpanija tqies bħala negliġibbli billi kien inqas minn 0,1 %.

3.9. Kreditu tat-taxxa fuq id-dħul tal-biodiżil f'North Dakota

(a) Bażi legali

- (129) Il-kreditu ta' taxxa għat-taħlit ta' fjuwil ta' biodiżil huwa msejjes fuq l-N.D.C.C. §57-38-01.22.

(b) Eliġibbiltà

- (130) Il-persuna li qed tħallas it-taxxa għandha tkun soġġetta għat-taxxa fuq id-dħul f'North Dakota u jkollha liċenzja attwali mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi tal-Istat

bħala fornitur tal-fjuwil li jħallat il-fjuwil tal-biodiżil skond l-N.D.C.C. §57-43.2-05(1).

(c) Implimentazzjoni Prattika

- (131) Persuna li tħallas it-taxxa hija intitolata għal kreditu fir-rigward tat-taxxa dovuta ta' USD 0,05 għal kull gallun ta' fjuwil ta' biodiżil imħallat, sakemm il-biodiżil ikun fih volum ta' mill-inqas 5 % (B5).

(d) Konklużjonijiet

- (132) Din l-iskema titqies bħala sussidju fit-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku billi d-dħul tal-gvern li kieku normalment huwa dovut (taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji) huwa maħfur jew mhux miġbur. It-taxxa dovuta mnaqqsa tal-kumpanija hija benefiċċju.

(e) Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

- (133) Kumpanija waħda għamlet użu minn din l-iskema fil-PI. Madankollu, il-benefiċċju lill-kumpanija tqies bħala negliġibbli billi kien inqas minn 0,1 %.

3.10. Eżenzjoni mit-taxxa fuq it-taħlit ta' biodiżil u etanol f'Texas

- (134) Skont il-Kodiċi ta' Texas, il-muturi li jaħdmu bil-fjuwil inkluż fjuwil tad-diżil huma suġġetti għal taxxa tas-sisa tal-Istat. It-taxxa tal-istat imhallasa fuq il-fjuwil tad-diżil għandha bil-liġi tiżdied mal-prezz ta' bejgħ f'kull bejgħ sussegwenti biex it-taxxa titthallas fl-aħħar mill-aħħar mill-persuna li qed tuża jew tikkonsma l-fjuwil. Il-biodiżil huwa trattat bħala prodott separat skont il-liġi tal-Istat ta' Texas. Mhuwiex prodott taxxabli. Dan jimplika li l-produtturi tal-biodiżil ma għandhomx għalfejn jiġbru t-taxxa mingħand ix-xerrej fisem u biex iħallsu lill-Awtorità tat-Taxxa tal-Istat. Ġie konkluż li l-produtturi tal-biodiżil ma jirċevux benefiċċju mill-eżenzjoni ta' taxxa ta' Texas fuq it-taħlit ta' biodiżil u etanol u li, sakemm il-liġi ta' Texas li tiddeċiedi li ma tintaxxax xi prodott partikolari jkun ta' benefiċċju għal kulħadd fl-istat, benefiċċju bħal dan li jinġema' jmur għand il-konsumatur aħħari. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din l-iskema ma titqiesx bħala kompensatorja.

3.11. Programm ta' inċentiv għall-produzzjoni ta' biodiżil u etanol għall-fjuwil f'Texas

(a) Bażi legali

- (135) Il-Kapitolu 16 tal-Kodiċi tal-Agrikoltura f'Texas Regoli għall-Etanol tal-Fjuwil u l-Programm ta' inċentiv għall-Biodiżil; u Linji gwida għall-Etanol tal-Fjuwil u l-Programm ta' Inċentiv għall-Biodiżil.

(b) Eliġibbiltà

- (136) L-iskema kienet tipprovdi għotijiet għal kumpaniji eliġibbli li jipproduċu l-etanol u l-biodiżil. Produttur li jkun qed ifittex li jirċievi għoti kien mitlub iressaq applikazzjoni li tistabbilixxi li:

- (1) l-impjant huwa kapaċi jipproduċi etanol tal-fjuwil jew biodiżil;

(2) il-produttur għamel investiment sostanzjali fl-impjant: produzzjoni

(3) l-impjant huwa struttura permanenti f'Texas.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

(137) L-iskema stabbilixxiet li l-produttur li ħallas miżata ta' 3,2 ċenteżmi għal kull gallun ta' biodiżil prodott f'impjant reġistrat kien intitolat li jirċievi 20 ċenteżmu għal kull gallun ta' biodiżil prodott f'kull impjant reġistrat sal-10 anniversarju mid-data tal-bidu tal-produzzjoni tal-impjant.

(138) Impjant reġistrat kien meħtieġ iressaq rapporti kull xahar dwar il-produzzjoni flimkien ma' rapport kull tliet xhur iċċertifikat minn Kontabilista Pubbliku Ċertifikat. Meta r-rapport ta' kull tliet xhur kien jitressaq, l-impjant kien iħallas miżata ta' 3,2 ċenteżmi għal kull gallun. L-ammont ta' din il-miżata mħallsa mbagħad kien jiġi mmultiplikat b'5,25 b'tali mod li kien imbagħad jitħallas inkentiv ta' 20 ċenteżmu lill-impjant. Il-limitu ta' produzzjoni biex wieħed jibbenefika mill-inkentiv kien tal-ewwel 18-il miljun gallun annwali għal kull impjant.

(139) L-iskema saret effettiva f'Settembru 2003 iżda l-ewwel ħlasijiet taħt din l-iskema ma sarux qabel Ġunju 2006 billi l-ebda fond ma kien ġew approprijat sas-sena fiskali minn Settembru 2005 sa Awwissu 2006. Din l-iskema ma baqgħetx titħaddem wara l-31 ta' Awwissu 2007, billi l-Leġiżlatura ta' Texas ma baqgħetx tiffinanzja l-iskema mill-approprijazzjonijiet tal-biennju 2008-2009 (Settembru 2007 sa Awwissu 2009). F'termini legali, l-iskema għadha teżisti f'Texas. Barra minn hekk, ġie stabbilit li waħda mill-kumpaniji kkonċernati gawdjet benefiċċji taħt din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(d) *Konklużjoni*

(140) Din l-iskema hija meqjusa bħala sussidju fit-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku billi l-iskema tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja mill-gvern tal-Istat ta' Texas taħt il-forma ta' għotjiet diretti. L-għotjiet iservu ta' benefiċċju lill-kumpaniji li jirċevuhom skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. L-iskema hija limitata, *inter alia*, għall-produtturi tal-biodiżil u għalhekk titqies bħala waħda speċifika skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament bażiku u għalhekk kompensatorja.

(e) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(141) Kumpanija waħda użat din l-iskema fil-PI. L-ammont ta' sussidju ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-ammont ta' ħlasijiet li waslu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-miżati li neċessarjament riedu jitħallsu biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu mill-ħlasijiet li waslu biex wieħed jasal għall-ammont tas-sussidju bħala n-numeratur, skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku.

(142) L-ammont ta' sussidju mbagħad ġie allokat fuq il-bejgħ totali tal-biodiżil li sar mill-kumpanija kkonċernata matul il-PI bħala d-denominatur xieraq.

(143) Il-kumpanija kkonċernata kisbet sussidji minn din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' 0,3 %.

3.12. Eżenzjoni mit-taxxa fuq il-produzzjoni ta' biofuwils fl-Istat ta' Washington

(144) L-Istat ta' Washington jipprovdi tnaqqis ta' taxxa mill-Business and Occupation tax – ("it-taxxa B&O") u eżenzjoni mit-taxxa mit-taxxa fuq il-proprjetà u mit-taxxa tas-sisa fuq iċ-ċnus.

(145) L-Istat ta' Washington ma għandux sistema ta' taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji. Il-kumpaniji pjuttost iħallsu Business and Occupation tax ("taxxa B&O") li hija imposta fuq attivitajiet ta' manifattura. Ir-rata ta' taxxa normali imposta fuq l-attivitajiet ta' manifattura hija ta' 0,484 % sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' Washington.

(146) Fir-rigward tat-taxxa fuq il-proprjetà, ir-rata applikabbli hija determinata minn ħafna ġurisdizzjonijiet li jirkbu fuq xulxin u din tvarja fost il-ġurisdizzjonijiet ta' taxxi lokali fi ħdan l-Istat ta' Washington. Madankollu, il-medja mifruxa mal-istat kollu hija ta' madwar 1,2 % tal-valur ġust tas-suq.

(147) It-taxxa tas-sisa fuq iċ-ċnus hija taxxa imposta minflok it-taxxa fuq il-proprjetà meta proprjetà eżenta, bħala proprjetà pubblika ta' port, tintuża minn entità mhux eżenta, bħala pereżempju minn negozju għall-qligħ. Ir-rata hija ta' 12,84 % tal-prezz tal-kiri kuntrattwali.

(a) *Bażi legali*

(148) Skont il-Kodiċi Reveduta ta' Washington (Revised Code of Washington - RCW) il-Kapitolu 82.04.260(1)(e), ir-rata ta' taxxa B&O għall-manifatturi ta' biofuwils puri, inkluż il-biodiżil, tnaqqset minn 0,484 % għal 0,138 %. Din ir-rata mnaqqsa tgħodd sal-1 ta' Lulju 2009.

(149) Fir-rigward tal-eżenzjonijiet tat-taxxa fuq il-proprjetà u tat-taxxa tas-sisa fuq iċ-ċnus, l-RCW il-Kapitolu 84.36.635 u l-RCW il-Kapitolu 82.29A.135 jistipulaw li proprjetà ta' vera u personali li tikkwalifika hija eżenta mit-taxxa fuq il-proprjetà u t-taxxa tas-sisa fuq iċ-ċnus.

(b) *Eliġibbiltà*

(150) It-tliet tipi ta' taxxi mnaqqsa/eżenzjonijiet imsemmija hawn fuq japplikaw għall-manifatturi tal-biofuwil. It-tnaqqis/eżenzjonijiet huma disponibbli fl-Istat kollu, mingħajr ebda limitu għajr għar-rekwiżit tal-eliġibbiltà.

(151) Fir-rigward tal-eliġibbiltà għat-tnaqqis tat-taxxa B&O, kif imsemmi hawn fuq, il-manifatturi tal-biodiżil huma eliġibbli.

(152) Fir-rigward tal-eżenzjonijiet tat-taxxa fuq il-proprjetà u tat-taxxa tas-sisa fuq iċ-ċnus, kif imsemmi hawn fuq, il-proprjetà ta' vera u personali li tikkwalifika hija eżenta mit-taxxa fuq il-proprjetà u t-taxxa tas-sisa fuq iċ-ċnus. Il-proprjetà vera u personali li tikkwalifika għandha tkun użata l-ewwel u qabel kolloxx għall-manifattura tal-biofjuwils puri. Proprjetà li tikkwalifika tinkludi bini, makkinarju u tagħmir, proprjetà oħra personali u art assoċjati mal-manifattura ta' biofjuwils, iżda mhux art li tintuża għat-ktabbir tal-uċuħ tar-raba. Il-bini u t-tagħmir għandhom ikunu ġodda u ma jstgħux ikunu eżistew qabel Lulju 2003.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

(153) Biex tiddisponi mir-rata mnaqqsa tat-taxxa B&O li hija applikabbli għall-manifatturi tal-biodiżil, kumpanija eliġibbli għandha sempliċiment tirrapporta l-valuri tal-bejgħ ta' tali prodotti fuq il-formola tat-taxxa rilevanti.

(154) L-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà u mit-taxxa tas-sisa fuq iċ-ċnus għandha ssir sal-1 ta' Novembru ta' kull sena. L-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà ssir permezz tal-assessor tal-kontea lokali. L-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa fuq iċ-ċnus issir permezz tad-Dipartiment tad-Dħul.

(d) *Konklużjonijiet*

(155) Din l-iskema hija meqjusa bħala sussidju fit-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku billi l-iskema tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja mill-gvern tal-Istat ta' Washington billi dħul tal-gvern li kieku normalment huwa dovut (taxxa B&O) huwa maħfur jew mhux miġbur. It-taxxa dovuta mnaqqsa ta' kumpanija li tagħmel użu minn din l-iskema tagħti benefiċċju. Ir-rata tat-taxxa B&O imnaqqsa applikabbli għall-manifatturi tal-biofjuwils hija speċifika billi hija limitata għall-manifatturi tal-biofjuwil, inkluż il-biodiżil, u ċerti attivitajiet oħra speċifiċi u għalhekk titqies li hija kompensatorja.

(156) L-ebda waħda mill-kumpaniji ma użat il-benefiċċji li jaqgħu taħt l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-ebda konklużjoni ma ttieħdet dwar l-eżenzjoni mit-taxxa. Kumpanija waħda użat il-benefiċċji li jaqgħu taħt l-eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa fuq iċ-ċnus iżda l-ammont ta' benefiċċju kien ta' inqas minn 0,1 % u għalhekk meqjus bħala negliġibbli. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-ebda konklużjoni ma ttieħdet dwar l-eżenzjoni mit-taxxa.

(e) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(157) Kumpanija waħda użat il-benefiċċji taħt l-iskema tat-tnaqqis tat-taxxa B&O matul il-PI. L-ammont ta' sussidju ġie kkalkulat permezz tal-applikazzjoni tar-rata mnaqqsa tat-taxxa B&O lill-valur tal-bejgħ tal-biodiżil prodott mill-kumpaniji fil-PI. L-ammont ta' sussidju, meta espress bħala perċentwal tal-volum totali tal-bejgħ tal-biodiżil fil-PI kien ta' 0,7 %.

3.13. Ammont ta' sussidji kumpensatorji

(158) L-ammont ta' sussidji kumpensatorji bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, espress *ad valorem*, għall-kumpaniji investigati jvarja bejn 29,1 % u 41,1 %.

(%)

Skema Kumpanija	Kreditu Għat-taħlita ta' biodiżil	Kreditu tat-taxxa fuq ta' fjuwil tal-Produttur iż-Żgħir tal-biodiżil	Fond ta' inċentiv ta' fjuwil tal-produtturi ta' biodiżil Missouri	Programm ta' inċentiv għall-produzzjoni ta' fjuwil tal-ta' biofjuwils biodiżil f'Texas	Eżenzjoni mit-taxxa fuq il-produzzjoni ta' biofjuwils fl-Istat ta' Washington	Total
Archer Daniels Midland Company	31,3		3,8			35,1
Cargill Inc.	34,1	0,4				34,5
Green Earth Fuels of Houston LLC	38,7			0,3		39,0
Imperium Renewables Inc.	28,4				0,7	29,1
Peter Cremer North America LP	41,0					41,0
Vinmar Overseas Limited	41,1					41,1
World Energy Alternatives LLC	37,6					37,6

- (159) Skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament bażiku, il-marġini tas-sussidju għall-kumpaniji li jikkooperaw u li mhux inklużi fil-kampjun, kalkolat fuq il-bażi tal-marġini medju tas-sussidju b'piż differenzjat stabbilit għall-kumpaniji fil-kampjun li jikkooperaw, huwa ta' 36,0 %.
- (160) Fir-rigward tal-esportaturi l-oħra kollha fl-Istati Uniti, il-Kummissjoni l-ewwel stabbilixxiet il-livell ta' kooperazzjoni. Sar tqabbil magħmul bejn il-kwantitajiet ta' esportazzjonijiet totali indikati fir-risposti tat-tehdid ta' kampjuni li waslu mill-produtturi esportaturi kollha li kkooperaw u l-importazzjonijiet totali mill-Istati Uniti kif jirriżulta mill-istatistiċi ta' esportazzjoni tal-Istati Uniti. Instab li l-perċentwal tal-kooperazzjoni kien ta' 81 %. Fuq din il-bażi, il-livell ta' kooperazzjoni tqies li hu għoli. Għalhekk tqies bħala xieraq li jiġi stipulat il-livell ta' sussidju għall-produtturi esportaturi li ma kooperawx fil-livell tal-ogħla sussidjar misjub għall-produtturi esportaturi fil-kampjun li kkooperaw biex tkun żgurata l-effettività tal-miżuri.

4. L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

4.1. Il-produzzjoni u l-kwalità ta' produtturi fil-Komunità

- (161) It-tagħrif kollu disponibbli, inkluż it-tagħrif ipprovdut fl-ilment u fid-dejta miġbura mill-produtturi Komunitarji qabel u wara l-inizjazzjoni tal-investigazzjoni ntuża biex tiġi stabbilita l-produzzjoni Komunitarja totali u l-appoġġ għall-investigazzjoni.
- (162) Minn dan it-tagħrif instab li l-produzzjoni ġenerali Komunitarja kienet ta' madwar 5 400 000 tunnellata matul il-PI. Tliet kumpaniji li jappartjenu lill-istess grupp instabu li kienu relatati mal-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti u l-grupp kien ukoll huwa nnifsu qed jimporta kwantitajiet sinifikanti tal-prodott ikkonċernat mill-esportaturi relatati fl-Istati Uniti. Għalhekk, dawn il-kumpaniji ġew esklużi mill-kunċett ta' produzzjoni Komunitarja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 10(8) tar-Regolament bażiku. B'konsegwenza ta' dan, il-volum ta' produzzjoni li fuqu ġiet stabbilita l-pożizzjoni kien fil-medda bejn l-4 200 000 u l-4 600 000 tunnellata.
- (163) Ġie stabbilit li l-kumpaniji li appoġġjaw l-ilment u li qablu li jikkooperaw fl-investigazzjoni rrappreżentaw aktar minn 60 % tal-produzzjoni Komunitarja ta' biodiżil matul il-PI indikat fil-premessa (162). Il-kumpanija msemmija fil-premessa (165) hawn taħt li naqqset milli tikkoopera mal-investigazzjoni ma tqisix bħala waħda li appoġġjat l-ilment. Għaldaqstant ġie konkluż li l-ilment u l-investigazzjoni huma appoġġjati minn proporzjon ewlieni ta' produzzjoni Komunitarja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 10(8) tar-Regolament bażiku.

4.2. It-tehdid ta' kampjuni

- (164) Minħabba l-għadd kbir ta' produtturi Komunitarji, ġie deċiż li wieħed jirrikorri għat-tehdid ta' kampjuni biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ħsara materjali. Intbagħtu formoli ta' kampjuni lill-produtturi potenzjali kollha tal-prodott simili fil-Komunità. Inizjalment aktar minn 40 kumpanija pprovdiet tagħrif sinifikanti għall-formoli tal-kampjuni u dawn qablu li jikkooperaw mal-proċediment. It-tliet kumpaniji msemmija fil-premessa (162) ma tqisux għall-eżerċizzju tat-tehdid tal-kampjuni għar-raġunijiet imsemija f'din il-premessa.
- (165) Mill-bqija tal-kumpaniji ntgħażel kampjun ta' 11-il kumpanija fuq il-bażi tal-akbar volum ta' produzzjoni u bejgħ rappreżentattiv fi ħdan il-Komunità, kif indikat fil-premessa (11) hawn fuq. Produttur wieħed oriġinalment maħsub għall-kampjun kellu jiġi eskluż billi naqas milli jikkoopera mal-investigazzjoni. L-10 kumpaniji fil-kampjun li baqgħu qed jitqiesu bħala rappreżentattivi għall-produzzjoni kollha Komunitarja.
- (166) Minn issa 'l quddiem it-termini "industrija Komunitarja" jew "produtturi Komunitarji fil-kampjun" jirreferu għal dawn l-10 produtturi tal-kampjun.

5. ĦSARA

- (167) Kif imsemmi fil-premessa (17) hawn fuq, l-eżami tax-xejriet li jikkonċernaw l-evalwazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu minn Jannar 2004 sal-aħħar tal-PI. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-industrija Komunitarja kienet prattikament għadha tibda fl-2004. Għalhekk tqies li jkun aktar xieraq li ssir analiżi msejsa fuq ix-xejriet għall-perjodu 2005 lill-PI ("il-perjodu analizzat"). Dan it-tagħrif miġbur li jirrelata mal-2004 huwa madankollu ppreżentat ukoll fl-evalwazzjoni li ssegwi.

5.1. Il-konsum Komunitarju

Tabella 1

Konsum Komunitarju	2004	2005	2006	2007	PI
Tunnellati	1 936 034	3 204 504	4 968 838	6 644 042	6 608 659
Indiċi 2005=100	60	100	155	207	206

- (168) Il-konsum Komunitarju għe stabbilit fuq il-bażi tal-volum tal-produzzjoni Komunitarju kollu fis-suq Komunitarju tal-produtturi Komunitarji kollha, kif aċċertat fil-premessa (162) hawn fuq, li minnu għandhom jitnaqqsu l-esportazzjonijiet u jingħaddu l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat minn din l-investigazzjoni u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra.
- (169) F'dak li għandu x'jaqşam mal-volumi ta' importazzjonijiet mill-Istati Uniti, kienu disponibbli s-sorsi ta' tagħrif li ġejjin:
- id-dejta tal-Eurostat għall-kodiċi differenti tan-NM li taħthom il-prodott kien ikklassifikat;
 - l-istatistika ta' esportazzjoni tal-Istati Uniti;
 - tagħrif ieħor statistikali ta' natura kunfidenzjali dwar l-importazzjonijiet mogħti minn partijiet interessati.
- (170) Madankollu, l-analiżi ta' dan it-tagħrif wriet li d-dejta tal-Eurostat ma setgħetx tintuża bl-għan li tevalwa l-konsum billi sal-aħħar tal-2007 ma kien hemm l-ebda kodiċi NM distint disponibbli għall-klassifikazzjoni doganali tat-tipi differenti tal-prodott ikkonċernat. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu kklassifikati taħt għadd ta' kodiċijiet li kien fihom ukoll dejta ta' importazzjoni ta' prodotti oħra. Għalhekk, kien jidher aktar xieraq li tintuża l-istatistika dwar l-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti għall-istabbiliment ta' ċifri kredibbli ta' importazzjonijiet u ta' konsum u ta' xejriet ta' importazzjonijiet. Permezz tal-użu ta' dan is-sors ta' tagħrif, tqies iż-żmien meħtieġ għall-ġarr bil-baħar biex il-prodotti jaslu mill-Istati Uniti fil-Komunità u għalhekk l-istatistika dwar l-esportazzjonijiet ġiet aġġustata b'xahar biex tikkunsidra dan il-perjodu ta' żmien.
- (171) Fir-rigward tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra u l-esportazzjonijiet tal-produtturi Komunitarji, minħabba l-limitazzjoni fir-rigward tal-użu tad-dejta tal-Eurostat deskritta hawn fuq, l-investigazzjoni qagħdet fuq id-dejta rrapportata fl-ilment.
- (172) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, instab li l-konsum Komunitarju tal-biodiżil żdied b'107 % bejn l-2005 u l-2007 u mbagħad naqqas kemxejn fil-PI b'punt wieħed ta' perċentwal. B'mod ġenerali, il-konsum żdied b'aktar mid-doppju fil-perjodu ta' żmien analizzat.
- (173) Iż-żieda fid-domanda kienet prinċipalment minħabba fl-inċentivi li ttieħdu mill-Istati Membri biex jippromwovu l-użu tal-biofuwils wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2003 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-biokarburanti jew karburanti oħra rinovabbli għat-trasport ⁽¹⁶⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tiffirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku ⁽¹⁷⁾.

⁽¹⁶⁾ ĠU L 123, 17.3.2003, p. 42.

⁽¹⁷⁾ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

5.2. Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u s-sehem tas-suq

Tabella 2

L-importazzjonijiet mill-Istati Uniti	2004	2005	2006	2007	PI
Tunnellati	2 634	11 504	50 838	730 922	1 137 152
Indiċi 2005=100	23	100	442	6 354	9 885
Is-sehem tas-suq	0,1 %	0,4 %	1,0 %	11,0 %	17,2 %
Indiċi 2005=100	25	100	250	2 750	4 300

Sors: Statistiċi tal-esportazzjoni mill-Istati Uniti.

- (174) Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti żdiedu b'mod sinifikanti minn madwar 11 500 tunnellata fl-2005 għal madwar 1 137 000 tunnellata waqt il-PI.
- (175) Matul il-perjodu analizzat, l-importazzjonijiet sussidjati mill-Istati Uniti kontinwament żiedu s-sehem tagħhom fis-suq Komunitarju minn 0,4 % fl-2005 sa 17,2 % fil-PI. Għalhekk kien hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet sussidjati kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini relattivi meta mqabbla mal-konsum Komunitarju matul dak il-perjodu.
- (176) *Splash and dash* huwa terminu użat mill-operaturi tal-biodiżil biex jiddeskrivu xejra li biha l-biodiżil li allegatament huwa ta' oriġini barranija jitwassal bil-baħar lill-Komunità wara li jkun għadda mill-Istati Uniti fejn jitħallat ma' bażikament qatra (0,01 % tat-taħlita finali) tad-diżil konvenzjonali biex min iħallat jieħu sussidju fl-Istati Uniti.
- (177) Il-partijiet fl-Istati Uniti ddikjaraw li *splash and dash* jispjega l-konċentrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-Istati Uniti lejn is-suq Komunitarju, billi din kienet allegatament tirrappreżenta 40 % tal-importazzjonijiet tal-Istati Uniti matul il-PI. Dawn il-partijiet qalu wkoll li minħabba li l-investigazzjoni tnediet kontra l-importazzjonijiet ta' biodiżil li oriġinaw fl-Istati Uniti, il-kwantitajiet ikkonċernati mill-*splash and dash* setgħu jiġu sseparati mill-analiżi ta' ħsara u ttrattati bħala importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra.
- (178) Min-naħa l-oħra, l-kwerelant argumenta li l-importazzjonijiet *splash and dash*, jekk kien hemm, kienu jirrappreżentaw l-aktar 10 % mill-volumi ta' esportazzjonijiet tal-Istati Uniti, u għalhekk ma jkunux sinifikanti u ma jbiddux is-sejbet li kwantitajiet kbar ta' importazzjonijiet sussidjati mill-Istati Uniti daħlu fis-suq Komunitarju, b'mod partikolari matul il-PI.
- (179) L-investigazzjoni wriet li l-istatistika ta' esportazzjoni tal-Istati Uniti ma tippermettix li wieħed jiddistingwi bejn kwalunkwe biodiżil esportat skont il-proċess allegat *splash and dash* u l-esportazzjonijiet l-oħra tal-Istati Uniti rreġistrati fil-kapitolu tagħhom dwar l-*"Esportazzjonijiet"*. Fl-istess statistika bilkemm instabu kwantitajiet li jridu jiġu ddikjarati skont il-kapitolu dwar *"l-Esportazzjonijiet mill-Ġdid"*. L-awtoritajiet tal-Istati Uniti sqaqrew ukoll li l-kwantitajiet kollha inklużi fil-kapitolu dwar l-*"Esportazzjonijiet"* huma prodotti meġjusa li joriġinaw fl-Istati Uniti.
- (180) Barra minn hekk, bosta mill-kumpaniji investigati fl-Istati Uniti ddikjaraw li ma kienx possibbli li ssir distinzjoni bejn il-kwantitajiet esportati lejn il-Komunità jew mibjugħa fis-suq domestiku, il-kwantitajiet prodotti jew miġjuba mill-Istati Uniti, u dawk esportati skont il-proċess *splash and dash*.
- (181) Ukoll, instab fil-każ tal-kumpaniji investigati fl-Istati Uniti li l-esportazzjonijiet kollha ta' biodiżil kienu ddikjarati, kemm mal-esportazzjoni mill-esportaturi tal-Istati Uniti kif ukoll mal-importazzjoni mill-importaturi relatati fil-Komunità, bħala biodiżil li joriġina mill-Istati Uniti.

- (182) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq u wara li jitqies, b'mod partikolari, li l-esportazzjonijiet *splash and dash*, jekk ikun hemm, ġew dikjarati b'oriġini mill-Istati Uniti u meqjusa bħala li joriġinaw fl-Istati Uniti mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, tqies li ma kien hemm l-ebda raġuni li dawn jiġu ttrattati bħal importazzjonijiet li mhumiex mill-Istati Uniti.

5.3. Prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati u l-waqgħa fil-prezz

5.3.1. Il-prezz tal-bejgħ għal kull unità

Tabella 3

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-prezzijiet f'EUR/ tunnellata	463	575	600	596	616
Indiċi 2005=100	81	100	104	104	107

Sors: Statistika tal-esportazzjoni tal-Istati Uniti u tweġibiet tal-kwestjonarju tal-esportaturi tal-Istati Uniti fil-kampjun.

- (183) L-istatistika ta' esportazzjoni tal-Istati Uniti intużat ukoll biex jiġu stabbiliti x-xejriet tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati li joriġinaw fl-Istati Uniti, b'mod partikolari għall-2007 u għall-PI. Biex ikun rifless il-livell ta' prezzijiet fuq il-fruntiera tal-Komunità, il-prezzijiet medji ta' esportazzjoni ġew aġġustati bl-ispejjeż rilevanti tal-merkanzija u tal-assigurazzjoni. Għandu jiġi nnotat li għal perjodi aktar bikrin tal-perjodu analizzat, jiġifieri l-2005 u l-2006, u wkoll l-2004, l-istatistika ta' esportazzjoni tal-Istati Uniti ma kinetx affidabbli bis-sħiħ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valuri ta' bejgħ billi l-prezzijiet medji mkejla ta' esportazzjoni nstabu li kienu għolja b'mod sproorzjonat meta mqabbla mal-prezzijiet rapportati mill-produtturi esportaturi li kkooperaw. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, il-prezz medju ta' esportazzjoni tal-Istati Uniti għal dawn is-snin kien imsejjes fuq it-tweġibiet tal-kwestjonarju pprovdut mill-produtturi esportaturi fil-kampjun fl-Istati Uniti tal-Amerika.
- (184) Il-prezzijiet medji għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika kienu jvarjaw matul il-perjodu meqjus u b'mod ġenerali wrew żieda ta' 7 % bejn l-2005 u l-PI.

5.3.2. Waqgħa fil-prezz

- (185) Għall-finijiet tal-analiżi ta' waqgħa fil-prezz, il-medja differenzjata tal-prezzijiet ta' bejgħ għal produtturi Komunitarji fil-kampjun imposti fuq klijenti mhux relatati fis-suq Komunitarju, aġġustati fuq livell ta' prezzijiet tal-fabbrika, tqabblu mal-medja differenzjata tal-prezzijiet korrispondenti tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti, stabbiliti fuq bażi ta' CIF għall-produtturi esportaturi fil-kampjun fl-Istati Uniti. Ġie applikat aġġustament fejn xieraq għad-dazji doganali, għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni u għad-differenzi fis-sustanzi (ara l-premessa li jmiss) użati fil-produzzjoni ta' biodiżil.
- (186) L-investigazzjoni identifikat tipi differenti tal-prodott ikkonċernat b'mod partikolari msejjes fuq is-sustanza użata fil-proċess ta' produzzjoni. Filwaqt li s-sustanza prinċipali użata fil-Komunità hija ż-żerriegħa tal-kolza, il-produtturi tal-Istati Uniti jużaw sustanzi oħra bħaż-żrieragħ tas-sojja, l-kanola, l-palma, eċċ. Billi s-sustanza hija bla dubju l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, tqies li għandu jsir aġġustament għad-differenza fis-sustanza. Dan l-aġġustament għalhekk ġie kkalkolat li jikkorrispondi mal-valur tas-suq tad-differenza bejn it-tipi rilevanti tal-prodott ikkonċernat meta mqabbel mat-tipi ta' prodotti li huma prodotti miż-żerriegħa tal-kolza. B'dan il-mod kemm il-medja differenzjata tal-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija Komunitarja kif ukoll il-medja differenzjata tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet ikkonċernati tqabblu fuq l-istess bażi ta' sustanza, prinċiplament iż-żerriegħa tal-kolza.
- (187) Fuq il-bażi tal-metodoloġija ta' aktar 'il fuq, id-differenza bejn il-prezzijiet tal-Istati Uniti u dawk Komunitarji, espressa bħala perċentwali tal-prezz medju differenzjat tal-industrija Komunitarja barra mill-fabbrika, jiġifieri l-marġni tal-waqgħa fil-prezzijiet, instab li kien ivarja bejn 18,9 % u 33,0 %.

5.4. Il-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja

- (188) Skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li kienu sussidjati fuq l-industrija Komunitarja kien jinkludi valutazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi rilevanti kollha stabbiliti għall-industrija Komunitarja matul il-perjodu analizzat.

5.4.1. Il-kapaċità ta' produzzjoni, il-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

Tabella 4

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-kapaċità ta' produzzjoni (tunnellati)	529 000	920 000	1 306 572	2 189 910	2 520 508
Indiċi 2005=100	58	100	142	238	274
Produzzjoni (tunnellati)	475 710	813 657	1 214 054	1 832 649	2 016 573
Indiċi 2005=100	58	100	149	225	248
Kapaċità ta' utilizzazzjoni	90 %	88 %	93 %	84 %	80 %
Indiċi 2005=100	102	100	106	95	91

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun.

- (189) B'konformità maż-żieda fil-konsum, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun żiedet kontinwament matul il-perjodu analizzat. Din żdiedet bi 42 % bejn l-2005 u l-2006 segwita minn żieda oħra ta' 68 % fl-2007 u żieda oħra ta' 15 % bejn l-2007 u l-PI. Din immarkat żieda ġenerali ta' 174 % matul il-perjodu analizzat. Iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni rriżultat minn investimenti ġodda b'antiċipazzjoni ta' żieda fid-domanda.
- (190) Tabilħaqq it-tkabbir tal-industrija Komunitarja fil-kapaċità tal-produzzjoni trid tidher fl-isfond ta' mira tal-konsum Komunitarju ta' biofjuwils u ta' fjuwils oħra li jiġġeddu ta' 5,75 %, stipulata bid-Direttiva 2003/30/KE, li hija kkalkolata fuq il-bażi tal-kontenut tal-enerġija tal-petrol u d-diżil kollu għall-għanijiet ta' trasport, li tpoġġa fis-suq Komunitarju sal-31 ta' Diċembru 2010. Barra minn hekk, f'Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa mira ta' rabta minima ta' 10 % li għandha tintlaħaq mill-Istati Membri kollha fit-tqassim ta' biofjuwils fil-konsum ġenerali tat-trasport Komunitarju ta' petrol u diżil sal-2020 ⁽¹⁸⁾. Din il-mira taf iżżid il-konsum Komunitarju tal-biofjuwils għal madwar 33 miljun tunnellata ta' żejt sa dik is-sena. Il-kapaċità ta' produzzjoni fil-Komunità kollha fl-2006 kienet stmata li laħhget biss is-sitt miljun tunnellata. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, wieħed jifhem għalfejn il-produtturi Komunitarji investew f'kapaċitajiet addizzjonali b'antiċipazzjoni ta' żieda fid-domanda.
- (191) Il-produzzjoni tal-prodott simili mill-industrija Komunitarja żdiedet ukoll kontinwament biex laħqet żieda ġenerali ta' 148 % matul il-perjodu analizzat.
- (192) Minħabba fil-pass relattivament aktar bil-mod fiż-żieda ta' produzzjoni tal-volumi fir-rigward taż-żieda tal-kapaċità tal-produzzjoni, il-kapaċità tal-użu tal-industrija Komunitarja niżlet b'9 % matul il-perjodu analizzat.

⁽¹⁸⁾ Wara dan ir-rikonoxximent, il-Parlament u l-Kunsill qablu, f'Diċembru 2008, dwar Direttiva għall-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu li fihom mira ta' 10 % għall-użu ta' enerġija li tiġġedded fit-trasport għall-2010, li hija maħsuba li tintlaħaq prinċipalment mill-biofjuwils.

5.4.2. *Il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet medji ta' kull unità fil-Komunità*

Tabella 5

	2004	2005	2006	2007	PI
Il-volumi tal-bejgħ (tunnellati)	476 552	810 168	1 194 594	1 792 502	1 972 184
<i>Indiċi 2005=100</i>	59	100	147	221	243
Is-sehem tas-suq	24,6 %	25,3 %	24,0 %	27,0 %	29,8 %
<i>Indiċi 2005=100</i>	97	100	95	107	118
Prezzijiet medji (EUR/tunnellata)	655	759	900	892	933
<i>Indiċi 2005=100</i>	86	100	119	118	123

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun.

- (193) B'konformità mal-evoluzzjoni tal-konsum, il-volum ta' bejgħ li sar mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju żdied kontinwament, b'reġistrazzjoni ta' żieda ġenerali ta' 143 % matul il-perjodu analizzat. Matul l-istess perjodu l-industrija Komunitarja żiedet ukoll is-sehem tagħha fis-suq b'4,5 punti perċentwali.
- (194) Il-prezzijiet medji ta' bejgħ tal-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju żdied bi 23 % matul il-perjodu analizzat. Iż-żieda fil-prezzijiet kienet ġustifikata fid-dawl taż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima u ta' inputs oħrajn.

5.4.3. *It-**tkabbir***

- (195) It-**tkabbir** tal-industrija Komunitarja huwa rifless fl-indikaturi tal-volum bħall-produzzjoni u l-bejgħ iżda b'mod partikolari, fis-sehem tas-suq. Minkejja konsum li qed jissaħħaħ bil-kbir fis-suq Komunitarju matul il-perjodu analizzat, it-**tkabbir** tas-sehem fis-suq tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun kien wieħed relattivament modest. B'mod partikolari bejn l-2006 u l-PI, il-produtturi Komunitarji fil-kampjun għamlu qliegħ ta' biss 5,8 punti perċentwali fis-sehem tas-suq. Matul l-istess perjodu, l-importazzjonijiet sussidjati rnexxielhom jakkwistaw 'il fuq minn 16-il punt perċentwal tas-sehem fis-suq. Il-fatt li l-industrija Komunitarja ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ mit-**tkabbir** tas-suq kellu impatt ġenerali negattiv fuq il-qagħda ekonomika tagħha. Bosta fatturi ta' ħsara bħall-produzzjoni, l-utilità ta' kapacià tal-produzzjoni, il-produttività, il-bejgħ, il-politika tal-investimenti, id-dħul fuq l-investimenti, intlaqtu serjament.

5.4.4. *Ħażniet*

Tabella 6

	2004	2005	2006	2007	PI
Ħażniet (tunnellati)	11 195	14 663	34 123	55 410	58 566
<i>Indiċi 2005=100</i>	76	100	233	378	399

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun.

- (196) Matul il-perjodu analizzat il-ħażniet tal-biodiżil żdiedu b'madwar 200 %. Dan it-tkabbir fl-inventarji seħħ matul il-perjodu analizzat u segwa b'mod aktar aċċentwat it-tkabbir fil-volumi ta' produzzjoni tal-industrija Komunitarja matul l-istess perjodu. Madankollu qed jitqies li minħabba li l-biodiżil ma jistax jinħażen għal aktar minn sitt xhur (fuq medja l-perjodu ta' ħażna huwa biss ta' madwar tliet xhur), id-dejta relatata mal-ħażniet għandha biss valur limitat fl-ewalwazzjoni tal-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja.

5.4.5. Il-profittabilità, l-investimenti, il-qliegħ fuq l-investimenti, il-likwidità u l-ħila li jżied il-kapital

Tabella 7

	2004	2005	2006	2007	PI
Qliegħ	9,3 %	18,3 %	18,0 %	5,7 %	5,7 %
Indiċi 2005=100	51	100	98	31	31
Investimenti f' EUR 000	19 497	70 885	237 115	140 014	131 358
Indiċi 2005=100	28	100	335	198	185
Ir-redditu mill-investimenti	92 %	114 %	108 %	23 %	23 %
Indiċi 2005=100	80	100	95	20	20
Likwidità f' EUR 000	24 113	131 211	213 560	167 042	180 602
Indiċi 2005=100	18	100	163	127	138

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun.

- (197) Il-qliegħ tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun ġie stabbilit billi l-qliegħ nett tal-bejgħ tal-prodott simili qabel it-taxxa fis-suq Komunitarju ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat ta' dan il-bejgħ. Matul il-perjodu analizzat il-qliegħ tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun naqas minn qliegħ ta' 18,3 % fl-2005 għal 5,7 % fil-PI. Dan jirrappreżenta nuqqas ta' 12,6 punti perċentwal matul il-perjodu analizzat.
- (198) Il-livell ta' investimenti fil-produzzjoni ta' biodiżil li saru mill-produtturi Komunitarji fil-kampjun żdied b'235 % bejn l-2005 u l-2006. Din iż-żieda kienet relatata mal-espansjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni b'anticipezzjoni ta' żieda fid-domanda fil-Komunità. F'dan ir-rigward qed tinġibed l-attenzjoni li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-investimenti huma ppjanati għal mill-inqas sentejn qabel impjant tal-biodiżil isir wieħed li jitħaddem bis-sħiħ. L-istess produtturi komplew jinvestu fl-2007 u matul il-PI iżda b'pass ħafna aktar bil-mod. Dan il-perjodu jaħbat maż-żieda ta' importazzjonijiet sussidjati fis-suq Komunitarju.
- (199) Id-dħul tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun, li jesprimi r-riżultat qabel it-taxxa bħala perċentwal tal-valur medju nett tal-kontijiet fil-ftuħ u l-għeluq tal-assi involuti fil-produzzjoni tal-biodiżil kellu xejra negattiva f'dak li għandu x'jaqsam mal-qliegħ. It-tnaqqis attwali kien madankollu aktar drammatiku waqt li naqas b'91 punt perċentwali matul il-perjodu ta' analiżi. Qed jitqies li d-deterjorazzjoni tad-dħul fuq l-investimenti hija indikazzjoni ċara tad-deterjorazzjoni tal-qagħda ekonomika fl-industrija Komunitarja.

- (200) Ix-xejra tal-likwidità, li hija l-ħila tal-industrija għall-awtofinanzjament tal-attivitajiet, uriet żieda ta' 38 % matul il-perjodu analizzat. Minkejja l-waqqgħa fil-qliegħ matul l-istess perjodu, dan l-indikatur juri xejra pożittiva prinċipalment minħabba fiż-żieda fl-ispejjeż tad-deprezzament li huma inklużi fl-istabbiliment tal-livell tal-likwidità. Raġuni oħra kienet li l-waqqgħa fil-qliegħ f'termini assoluti, matul il-perjodu meqjus ma kienx daqshekk aċċentwat daqs il-waqqgħa fil-valur totali. Bejn l-2006 u l-PI, madankollu, il-likwidità wriet żieda ta' 15 % li jfisser reċessjoni serja matul il-parti tal-aħħar tal-perjodu analizzat meta l-importazzjonijiet sussidjati kienu aktar preżenti fis-suq Komunitarju.

5.4.6. L-impjeg, il-produttività u l-pagi

Tabella 8

	2004	2005	2006	2007	PI
Impjeg – Ekwivalenti għall-full time (FTE)	61	182	278	462	506
Indiċi 2005=100	34	100	153	254	278
Produttività (tunnellati/FTE)	7 798	4 470	4 367	3 967	3 985
Indiċi 2005=100	174	100	98	89	89
Pagi EUR/FTE	62 374	59 395	54 290	55 433	55 555
Indiċi 2005=100	105	100	91	93	94

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun.

- (201) B'konformità maż-żieda fil-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ, l-impjegji fl-industrija Komunitarja żdiedu b'178 % fil-perjodu analizzat. ta' min jinnota li l-industrija tal-biodiżil hija industrija kapitali intensiva li ma tehtiegħx forza kbira tax-xogħol fil-proċess ta' produzzjoni.

sussidju u huma ferm aktar minn *de minimis*. Barra minn hekk, meta jitqiesu l-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati, l-impatt tal-marġini attwali tas-sussidju ma jistax jitqies bħala wieħed negliġibbli.

- (202) Il-pagi medji niżlu b'6 % matul il-perjodu analizzat. Dan huwa spjegat permezz tal-fatt li l-forza tax-xogħol addizzjonali mħaddma mill-industrija Komunitarja għall-espansjoni tal-produzzjoni lejn tmiem il-perjodu analizzat kienet tehtiegħ inqas kwalifiki.

5.4.8. Produtturi fil-Komunità li mhumiex inklużi fil-kampjun

- (205) L-analiżi tad-dejta li tappartjeni lis-suq Komunitarju ssuġġeriet li l-produtturi Komunitarji għajr dawk inklużi fil-kampjun u dawk imsemmija fil-premessa (162) tilfu s-sehem konsiderevoli fis-suq matul il-perjodu analizzat fuq il-bejgħ tal-biodiżil prodott minnhom stess fis-suq Komunitarju. It-telf fis-sehem tas-suq ta' dawn il-produtturi huwa stmat li huwa 'l fuq minn 20 punt perċentwali matul il-perjodu analizzat.

- (203) Bejn l-2005 u l-PI, il-produzzjoni naqqset bi 11 %.

5.4.7. Id-daqs tal-marġini attwali ta' sussidju u l-irkupru mis-sussidju ta' qabel

- (204) Il-marġini tas-sussidju għall-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti ġew speċifikati aktar 'il fuq fit-taqsimha dwar is-

- (206) Minn dan it-tagħrif ipprovdut mill-kwerelant, jidher li ħafna minn dawn il-kumpaniji jew waqfu jew naqqsu l-attività tagħhom tal-biodiżil u ma kinux kapaċi jikkoo-peraw b'mod xieraq mal-investigazzjoni.

(207) Barra minn hekk, għadd ta' kumpaniji li ressu tagħrif fil-qafas tal-eżerċizzju tal-kampjuni indikaw li kellhom inaqqsu l-produzzjoni u l-persunal minħabba fl-importazzjonijiet irħas mill-Istati Uniti. Kien hemm kummenti simili minn produtturi oħra li kienu lesti li jibdew il-produzzjoni iżda li kellhom jittardjaw id-dħul tagħhom fis-suq minħabba fiż-żieda ta' importazzjonijiet irħas mill-Istati Uniti, b'mod partikolari matul il-PI.

(208) Id-dejta ta' hawn fuq relatata mal-produtturi mhux inkluża fil-kampjun taf issaħħaħ il-konklużjonijiet rigward il-ħsara li sofrew il-produtturi Komunitarji fil-kampjun.

5.5. Il-konklużjoni dwar il-ħsara

(209) Fil-kuntest ta' domanda li qed tikber, l-investigazzjoni wriet li l-qagħda tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun marret għall-aħjar fir-rigward tal-indikaturi tal-volum bħall-produzzjoni (+ 150 %), il-kapaċità tal-produzzjoni (+ 174 %) u l-volum tal-bejgħ (+ 143 %) matul il-perjodu analizzat. Il-produtturi Komunitarji fil-Kampjun żiedu wkoll is-sehem tagħhom fis-suq minn 25,3 % fl-2005 għal 29,8 % matul il-PI, jiġifieri żieda modesta ta' 4,5 punti perċentwali. L-impjegi u l-investimenti żdiedu wkoll fid-dawl taż-żieda fid-domanda għall-biodiżil fis-suq Komunitarju matul dan il-perjodu. Madankollu, minħabba li l-volum tal-produzzjoni ma segwix ittkabbir tas-suq, l-utilità tal-kapaċità tal-produzzjoni waqgħet b'9 % u l-produttività naqqset bi 11 % matul il-perjodu analizzat.

(210) L-indikaturi ewlenin relatati mal-qagħda finanzjarja tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun marru għall-aħjar matul il-perjodu analizzat. Il-qliegħ niżel minn madwar 18 % fl-2005 u l-2006 għal inqas minn 6 % matul il-PI. Minkejja l-ħila li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess, b'mod partikolari minħabba fiż-żieda fil-likwidità, id-dħul fuq l-investimenti naqas b'mod drammatiku bi 80 % matul il-PI.

(211) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-produtturi Komunitarji fil-kampjun esperenzaw żieda qawwija fl-ispejjeż tagħhom bejn l-2005 u l-2007 (+ 36 %) u bejn l-2005 u l-PI (+ 42 %), minħabba fiż-żidiet fil-prezzijiet tas-sustanzi (prinċipalment iż-żerriegħa tal-kolza u ż-żejt tas-sojja), li jirrappreżentaw viċin it-80 % tal-ispejjeż totali tal-biodiżil. Dawn iż-żidiet fl-ispejjeż ma setgħux jingħaddew kollha lill-klijenti fis-suq Komunitarju.

(212) Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, jista' jiġi konkluż li l-industrija Komunitarja b'mod ġenerali batiet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku.

6. IL-KAWŻALITÀ

6.1. Introduzzjoni

(213) Skont l-Artikolu 8(6) u l-Artikolu 8(7) tar-Regolament bażiku, kien eżaminat jekk l-importazzjonijiet sussidjati li joriġinaw fl-Istati Uniti kkawżawx ħsara lill-industrija Komunitarja ta' tali grad li tista' tiġi kklassifikata bħala materjali. Fatturi oħra magħrufa għajr l-importazzjonijiet sussidjati, li jistgħu fl-istess waqt ikunu qed jagħmlu ħsara lil-industrija tal-Komunità, ġew eżaminati wkoll biex jiżguraw li xi ħsara possibbli kkawżata minn dawn il-fatturi l-oħra ma tiġix attribwita lill-importazzjonijiet sussidjati.

6.2. Effett tal-importazzjonijiet sussidjati

(214) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet sussidjati bi prezzijiet baxxi mill-Istati Uniti żdiedu b'mod sinifikanti fir-rigward ta' volum, jiġifieri b'100 darba, matul il-perjodu analizzat. Dan irriżulta f'żieda sinifikanti ta' 16,8 punti perċentwali fis-sehem tagħhom tas-suq, minn 0,4 % fl-2005 għal 17,2 % fil-PI. Biex wieħed jagħraf is-sinifikat tal-impatt li kellha l-waqqha tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Istati Uniti fuq il-Komunità, ta' min jinnota li nkisbet żieda fis-sehem tas-suq ta' 16,8 punti perċentwali f'perjodu ta' 15-il xahar.

(215) Fl-istess ħin, minkejja ż-żieda sinifikanti fil-konsum, l-industrija Komunitarja, fis-suq tal-qalba, irnexxielha biss tiggwadanja madwar 4,5 punti perċentwali tas-sehem fis-suq matul il-perjodu analizzat. L-investigazzjoni wriet li dan kien esklussivament għad-detriment ta' produtturi Komunitarji oħra li waqfu jipproduċu jew li naqsu l-produzzjoni fil-perjodu analizzat.

(216) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet sussidjati żdiedu b'7 % bejn l-2005 u l-PI, iżda kienu aktar baxxi sew minn dawk tal-industrija Komunitarja matul l-istess perjodu. Għalhekk, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati naqsu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija Komunitarja b' marġini medju ta' waqqha fil-prezz ta' 25 % matul il-PI.

- (217) Il-persjoni eżerċitata mill-waqgħa tal-importazzjonijiet sussidjati bi prezz fuq is-suq Komunitarju ma permissjoni lill-industrija Komunitarja li tistabbilixxi l-prezzijiet ta' bejgħ tagħha f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq u maż-żidiet fl-ispejjeż. Tabilħaqq, fil-PI l-prezzijiet medji ta' sustanzi użati mill-industrija Komunitarja biex tipproduċi l-biodiżil, kienu 25 % ogħla milli fl-2006. L-industrija Komunitarja setgħet biss tgħaddi lill-klijenti tagħha żieda fil-prezz limitata għal 4 % filwaqt li l-ispejjeż totali tagħha żdiedu b'20 % matul l-istess perjodu. ta' min jinnota li l-prezz tas-sustanza ewlenija użata mill-produtturi tal-Istati Uniti, jiġifieri ż-żejt tas-soja, żdied sew ukoll matul l-istess perjodu. Madankollu, kif jidher fil-premissa (211) hawn fuq, dawn iż-żidiet fl-ispejjeż ma kinux riflessi fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati.
- (218) Biex aktar turi r-rabta kawżali bejn il-waqgħa tal-importazzjonijiet sussidjati bi prezzijiet baxxi mill-Istati Uniti u l-ħsara mġarrba mill-industrija Komunitarja, il-qagħda fis-suq Komunitarju fil-perjodu 2005 sal-2006, meta l-importazzjonijiet sussidjati ma kinux preżenti, tqabblat mal-qagħda prevalenti fis-suq bejn l-2006 u l-PI, meta seħħet il-waqgħa tal-importazzjonijiet sussidjati bi prezzijiet baxxi.
- (219) Mill-perjodu bejn l-2005 u l-2006, meta l-importazzjonijiet sussidjati kienu nieqsa mis-suq Komunitarju, il-

konsum żdied b'madwar 1,8 miljun tunnellata. Il-produtturi kollha fil-Komunità setgħu jħejju l-pjanijiet kummerċjali tagħhom b'perspettiva ta' suq b'saħħtu u li dejjem jikber. F'dan il-perjodu l-prezzijiet żdiedu b'19 % u l-industrija Komunitarja kisbet qliegħ li kien iwassal sa 18,3 %. Fl-2007 u matul il-PI, il-qagħda tiddlet drastikament. L-importazzjonijiet sussidjati bi prezzijiet baxxi mill-Istati Uniti bdew deklin fis-suq. Għalkemm is-suq kompli jespandi b'1,6 miljun tunnellata, kienu l-importazzjonijiet sussidjati mill-Istati Uniti li wasslu għall-parti l-kbira ta' din iż-żieda tas-suq (il fuq minn miljun tunnellata). L-industrija Komunitarja għad għadjanat biss sehem tas-suq modest, l-ispejjeż tagħha ewlenin għall-produzzjoni tal-biodiżil żdiedu b'mod sinifikanti b'madwar 25 % iżda l-prezz medju tal-bejgħ żdied b'madwar 4 % biss fl-istess perjodu. Skont dan, il-qagħda tagħha ekonomija u finanzjarja ġenerali ddeterjorat matul il-PI billi l-qligħ naqas sew għal inqas minn 6 % fuq id-dħul.

- (220) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, huwa provviżorjament konkluż li l-importazzjonijiet sussidjati mill-Istati Uniti bi prezzijiet baxxi, li naqqsu b'mod sostanzjali l-prezzijiet tal-industrija Komunitarja matul il-PI u li żdiedu drastikament fil-volum, kellhom rwol determinanti fid-dannu li sofriet l-industrija Komunitarja, li huwa rifless b'mod partikolari fid-deterjorament tal-qagħda finanzjarja negattiva tagħha matul il-PI.

6.3. L-effett ta' fatturi oħrajn

6.3.1. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn

Tabella 9

Pajjiżi terzi oħra	2004	2005	2006	2007	PI
L-importazzjoni totali (tunnellati)	0	30 000	55 000	144 596	147 812
Indiċi	0	100	183	482	493
Is-sehem tas-suq	0 %	0,9 %	1,1 %	2,2 %	2,2 %
Indiċi 2005=100	0	100	122	244	244

Sors: Tagħrif provdut mill-kwerelant.

- (221) Il-volumi ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ma setgħux jiġu evalwati bi preċiżjoni fl-investigazzjoni għar-raġunijiet spjegati fil-premissa (171) hawn fuq. Għalhekk, id-dejta tat-tabella hawn fuq hija msejsa fuq estimi pprovduti mill-kwerelant.

- (222) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li mhumiex ikkonċernati minn din l-investigazzjoni żdiedu minn madwar 30 000 tunnellata fl-2005 għal 147 812-il tunnellata matul il-PI. Dan irriżulta f'żieda moderata fis-sehem tas-suq ta' 1,3 punti perċentwali matul l-istess perjodu. Ġie għalhekk provviżorjament konkluż li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ma setgħu kienu xejn aktar għajr kontribut negliġibbli għad-dannu mġarrab mill-industrija Komunitarja.

6.3.2. *L-iżvilupp tad-domanda*

- (223) Fid-dawl tat-tkabbir sinifikanti tad-domanda matul il-perjodu meqjus u l-perjodu analizzat, il-ħsara materjali mġarrba mill-industrija Komunitarja matul il-PI ma tistax tiġi attribwita lit-tnaqqis neglġibbli fid-domanda (-0,5 %) osservata fis-suq Komunitarju bejn l-2007 u l-PI.

6.3.3. *Deċiżjonijiet ta' Politika Pubblika*

- (224) Parti waħda interessata allegat li l-introduzzjoni mill-ġdid ta' taxxi fuq l-enerġija fil-Ġermanja għall-biodiżil⁽¹⁹⁾, għandha mnejn tinfluenza b'mod negattiv il-qagħda ekonomika tal-produtturi Komunitarji li jforu dak l-Istat Membru partikolari.
- (225) L-investigazzjoni żvelat li tabilħaqq il-biofuwils puri użati l-Ġermanja ilhom jibbenefikaw minn inċentiva ta' taxa mill-1999 li tnaqqset mill-1 ta' Awwissu 2006. Madankollu, fl-1 ta' Jannar 2007 ġie introdott rekwiżit mandatorju għat-taħlit⁽²⁰⁾ li stabbilixxa l-kwota ta' biodiżil għal 4,4 % kkalkolata fuq il-bażi tal-kontenut tal-enerġija tal-petrol u d-diżil kollu mqiegħed fis-suq Ġermaniż għall-għanijiet tat-trasport. L-operaturi li jonqsu milli jilhqū din il-kwota jkollhom iħallsu multa ta' EUR 0,60 għal kull litru ta' biodiżil nieqes mill-kwota. Fil-biċċa l-kbira dan ir-rekwiżit mandatorju tat-taħlit jidher li kkompensa għat-telf ta' bejgħ allegat u li kien ta' kontrollbilanċ fit-tnaqqis tal-inċentivi. Tabilħaqq, l-investigazzjoni wriet li l-volumi ta' bejgħ tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun li jforu s-suq Ġermaniż telgħu bi 68 % bejn l-2006 u l-PI.
- (226) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, qed jitqies li d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-awtoritajiet pubbliċi fil-Komunità ma jistgħux ikissru r-rabta kawwali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u l-ħsara materjali mġarrba mill-industrija Komunitarja.

6.3.4. *Kapaċità batuta ta' produzzjoni tal-produtturi Komunitarji*

- (227) Parti interessata allegat li, mħeġġa mill-miżuri ta' politika pubblika għall-promozzjoni tal-produzzjoni tal-biodiżil, ħafna kumpaniji fil-Komunità ddeċidew li jinvestu fil-kapaċitajiet espansivi ta' produzzjoni eżistenti u fimpjanti ġodda. Din il-parti allegat li l-kapaċità ta' produzzjoni għall-biodiżil fil-Komunità kienet tilħaq il-11,5 miljun tunnellata matul il-PI. Hija allegat ukoll li, billi l-iżvilupp ta' konsum ma laħaqx l-istenniji, parti sinifikanti mill-

kapaċità tal-produzzjoni baqgħet għażżiena u kellha mnejn tibqa' hekk anki mingħajr l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti. Minħabba f'dan, l-ispejjeż fissi relattivi kellhom effett negattiv fuq il-qligħ u wkoll fuq id-dħul fuq l-investimenti u fuq il-likwidità tal-produtturi Komunitarji.

- (228) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-investigazzjoni ffukat fuq il-qagħda tal-produtturi Komunitarji. Anki jekk huwa fatt li l-kapaċità ta' produzzjoni fl-industrija Komunitarja żdiedet (+189 %) relattivament aktar mid-domanda (+106 %), ta' min jinnota li l-ispejjeż ewlenin li jiddeterminaw il-produzzjoni tal-biodiżil huma l-ispejjeż varjabbli. Tabilħaqq, kif imsemmi fil-premessa (211) hawn fuq, il-materja prima għall-produzzjoni ta' biodiżil tirrappreżenta 80 % tal-ispejjeż totali. Meta reġa' ġie eżaminat dan l-ilment, is-sehem tal-ispejjeż fissi fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' biodiżil kien jirrappreżenta biss 6 % tal-ispejjeż ġenerali. Għalhekk, kwalunkwe impatt allegat ta' żieda fl-ispejjeż fissi, minħabba f'kapaċità mhux użata, ma tistax tispjega d-deterjorazzjoni sinifikanti fil-qagħda finanzjarja tal-industrija Komunitarja matul il-PI.
- (229) Flimkien ma' dan, ta' min jinnota li kif imsemmi fit-tabella 4 hawn fuq, ir-rata tal-utilità fil-kapaċità tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun kienet ta' 80 % matul il-PI. Għalhekk, ma kienx hemm evidenza tal-kapaċità żejda allegata fil-Komunità fil-każ tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun.
- (230) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, qed jitqies li kwalunkwe impatt negattiv li l-kapaċità mhux użata tal-produzzjoni seta' kellha fuq l-industrija Komunitarja ma kinetx tali li tkisser ir-rabta kawwali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u l-ħsara mġarrba mill-industrija Komunitarja.

6.3.5. *Żieda fid-domanda ta' sustanzi għall-produzzjoni u prezzijiet li dejjem jogħlew*

- (231) Parti waħda interessata stqarret li ż-żieda fid-domanda għaż-żerriegħa tal-kolza u għaż-żejt tal-kolza wasslu għal prezzijiet għolja ta' materja prima fil-Komunità. Il-fatt li l-produtturi Komunitarji jistrieħu fuq iż-żejt tal-kolza bħala l-materja prima ewlenija għandu mnejn jispjega għalfejn dawn setgħu sofrew aktar minn produtturi oħra li jużaw iż-żjut veġetali bhāž-żejt tas-sojja jew iż-żejt tal-palm biex jiproduċu l-biodiżil.
- (232) Qabel kollox ġie nnutat li l-investigazzjoni żvelat li l-produtturi Komunitarji fil-kampjun ma kinux biss qed jistrieħu fuq iż-żejt tal-kolza għall-produzzjoni tagħhom ta' biodiżil iżda wkoll fuq żjut veġetali oħra (is-sojja, il-palm, il-ġirasol) u xi drabi x-xaħam tal-animalli.

⁽¹⁹⁾ L-"Energiesteuergesetz" daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2006 bl-impożizzjoni ta' taxa ta' disa' Euroċenteżmi għal kull litru ta' B 100.

⁽²⁰⁾ "Biokraftstoffquotengesetz" BGBl. 2006, taqsimha I Nru 62 tal-21.12.2006, p. 3180, li timplimenta d-Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

- (233) Barra minn hekk, huwa tabilħaqq rikonoxxut fil-premessa (211) hawn fuq li l-industrija Komunitarja ħabbtet wiċċha ma' żieda sinifikanti fl-ispejjeż tagħha għal materja prima (sustanzi għall-produzzjoni) matul il-perjodu analizzat. Madankollu, dan l-iżvilupp għandu jidher fl-isfond ta' żieda ġenerali fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli madwar id-dinja u qed jiġi nnotat f'dan ir-rigward li ż-żieda fil-prezz taż-żejt tas-sojja (is-sustanza ewlenija użata mill-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat) kienet aktar enfasizzata matul l-istess perjodu. Għalhekk, it-tipi kollha ta' biodiżil ġew affettwati miż-żieda fil-prezz tas-sustanzi għall-produzzjoni.
- (234) F'suq irregolat minn kompetizzjoni effettiva, għandu jkun mistenni li l-produtturi jkunu jistgħu jirkupraw iż-żidiet fil-prezzijiet u jgħadduhom lis-suq. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li kienet il-pessjoni eżerċitata mill-waqgħa tal-importazzjonijiet sussidjati bi prezz baxx fuq is-suq Komunitarju li ma permettix lill-industrija Komunitarja li tistabbilixxi l-prezzijiet ta' bejgħ tagħha f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq u maż-żidiet fl-ispejjeż. Kif imsemmi wkoll is-sustanza ewlenija użata mill-produtturi tal-Istati Uniti, jiġifieri ż-żejt tas-sojja, wera żieda enfasizzata fil-prezz fil-perjodu analizzat. Madankollu, dawn iż-żidiet fl-ispejjeż fl-Istati Uniti ma ġewx riflessi fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati fis-suq Komunitarju.
- (235) F'dan l-isfond iż-żieda fil-prezz tal-materja prima ma tistax tikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u l-ħsara mġarrba mill-industrija Komunitarja.
- (238) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, dan l-argument kellu jiġi rrifjutat.
- 6.3.7. *L-importanza tal-lokalità tal-impjanti tal-biodiżil fil-Komunità*
- (239) Parti interessata waħda stqarret li l-lokalità ta' kwalunkwe produttur tal-biodiżil għandha tkun element importanti fir-rigward tal-kompetittività u użat lill-Ġermanja bħala eżempju biex turi li l-lokalitajiet imdawwrin bl-art tal-produtturi tal-biodiżil ikollhom iġarrbu spejjeż għolja tat-trasport billi l-kljenti l-kbar kollha, b'mod partikolari r-raffineriji u l-faċilitajiet ta' taħlit tagħhom jinsabu fuq il-kosta.
- (240) L-investigazzjoni wriet li kwantità żgħira biss ta' produtturi tal-industrija Komunitarja kienet tinsab fl-lokalitajiet imdawwra bl-art. Barra minn hekk, għal ċerti produtturi nstab li ċerti raffineriji kienu jinsabu wkoll fl-lokalitajiet imdawwra bl-art viċin dawn il-produtturi. Għal oħrajn l-investigazzjoni żvelat li kwalunkwe żvantaġġ għall-produtturi tal-biodiżil imdawwra bl-art fir-rigward tal-fatt li jinsabu l bogħod mill-kljenti tagħhom (daww li jħalltu, ir-raffineriji) kien ikkompensat billi dawn kienu qrib l-imitieħen tat-tagħsir u/jew qrib il-fornituri tas-sustanzi għall-produzzjoni.
- (241) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, l-ilment li l-lokalitajiet ta' impjanti mdawwra bl-art qed jikkawżaw ħsara materjali lill-industrija Komunitarja ġie rrifjutat.

6.3.6. *Żvilupp fil-prezz tad-diżil minerali*

- (236) Parti interessata waħda stqarret li minħabba f'korrelazzjoni qawwija bejn il-prezzijiet tad-diżil minerali u l-prezzijiet tal-biodiżil, iż-żieda fil-prezzijiet tal-biodiżil, li kienet aktar immarkata miż-żieda tal-prezzijiet tad-diżil minerali, speċjalment fil-Ġermanja, kellha mnejn tikkawża waqgħa fil-bejgħ għall-produtturi li jfornu s-suq ta' dan l-Istat Membru.
- (237) Qabel kolloxx ta' min jinnota li l-parti inkwistjoni ma pprovdiet l-ebda taġġir biex tissostanzja t-talba tagħha. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li ġie ssuġġerit minn din il-parti, l-investigazzjoni wriet li l-industrija Komunitarja kienet żiedet il-bejgħ u s-sehem tagħha tas-suq matul il-perjodu analizzat. Flimkien ma' dan, billi l-prezzijiet taż-żejt mhux raffinat huma kkwotati fuq bażi dinjija, il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat kellu jkun affettwat bl-istess mod bħall-bejgħ tal-biodiżil prodott fil-Ġermanja.
- 6.3.8. *Produtturi relatati mal-esportaturi tal-Istati Uniti*
- (242) Ta' min jinnota li l-impatt tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tat-tliet kumpaniji msemmija fil-premessa (162) tqies fl-analiżi tal-effett tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Istati Uniti li saret fil-premessa (214) sa (220) hawn fuq. Safejn huwa kkonċernat il-bejgħ tagħhom ta' biodiżil prodott minnhom stess, l-investigazzjoni ma wrietx prezzijiet jew imġiba differenti minn dik tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun, b'mod partikolari matul il-PI.
- 6.4. **Konklużjoni dwar kawżalità**
- (243) L-analiżi ta' hawn fuq wriet li kien hemm żieda sostanzjali fil-volum u fis-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet sussidjati bi prezzijiet baxxi li joriġinaw fl-Istati Uniti bejn l-2005 u l-PI. FL-istess ħin, instab li dawn l-importazzjonijiet kienu qed ibaxxu l-prezz tal-industrija Komunitarja b'mod sinifikanti matul il-PI.

- (244) Is-sejbiet varji tal-investigazzjoni u l-analiżi li ttwettqu, għall-perjodu 2005 u 2006 meta mqabbla mal-perjodu 2007 tal-PI, wrew li kien hemm koinċidenza ċara fiż-żmien bejn il-waqgħa ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi mill-Istati Uniti u d-deterjorazzjoni tal-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja, b'mod partikolari matul il-PI.
- (245) Skont l-analiżi ta' hawn fuq, li għamlet distinzjoni b'mod xieraq u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin dwar il-qagħda tal-industrija Komunitarja mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet sussidjati, ġie konkluż b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet sussidjati mill-Istati Uniti kkawżaw ħsara materjali lill-industrija Komunitarja skont it-tifsira tal-Artikolu 8(6) tar-Regolament bażiku.

7. L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ

7.1. Kumment preliminari

- (246) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni dwar is-sussidju dannuż, kienx hemm raġunijiet konvinċenti biex ikun konkluż li mhux fl-interess Komunitarju li jiġu adottati miżuri f'dan il-każ partikolari. Id-determinazzjoni tal-interess Komunitarju kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inkluż dawk tal-industrija Komunitarja, l-importaturi, il-fornituri ta' materja prima, u l-utenti tal-prodott ikkonċernat.

7.2. Interess tal-industrija Komunitarja

7.2.1. L-effetti tal-impożizzjoni jew tan-nuqqas ta' impożizzjoni tal-miżuri fuq l-industrija Komunitarja

- (247) Kif issemma aktar 'il fuq, l-industrija Komunitarja batiet minn dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet sussidjati li joriġinaw fl-Istati Uniti. In-nuqqas ta' miżuri x'aktarx iwassal għal kontinwazzjoni tax-xejra negattiva tal-qagħda finanzjarja tal-industrija Komunitarja l-qagħda tal-industrija Komunitarja kienet b'mod partikolari mmarkata b'nuqqas ta' qliegħ ta' 12,6 punti perċentwali bejn l-2005 u l-PI minħabba f'żidiet mhux suffiċjenti fil-prezz. Tabilħaqq, fid-dawl tax-xejra 'l isfel fil-qliegħ, huwa probabbli ħafna li l-qagħda finanzjarja tal-industrija Komunitarja se tiddeterjora aktar fin-nuqqas ta' kwalunkwe miżura. Dan fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal qtugħ fil-produzzjoni u għal aktar għeluq tal-postijiet tal-produzzjoni, li għalhekk jheddu l-impjiegi u l-investimenti fil-Komunità.
- (248) Qed jitqies li l-impożizzjoni tal-miżuri għandha mnejn trodd il-kompetizzjoni ġusta fis-suq. Għandu jitqies li x-xejra 'l isfel fil-qliegħ tal-industrija Komunitarja hija r-

riżultat tad-diffikultà li għandha biex tikkompeti mal-importazzjonijiet sussidjati, bi prezzijiet baxxi li joriġinaw fl-Istati Uniti. L-impożizzjoni tal-miżuri kontra s-sussidju x'aktarx li jpoġġu l-industrija Komunitarja fil-pożizzjoni li żżomm il-qliegħ flivelli meqjusa bħala meħtieġa għal din l-industrija b'kapital intensiv.

- (249) Fl-aħħar nett, huwa mistenni li l-miżuri jkunu effettivi biex jagħtu lill-industrija Komunitarja l-opportunità li tirkupra mis-sussidju dannuż li nstab matul l-investigazzjoni.

7.3. L-interess ta' importaturi/negożjanti indipendenti fil-Komunità

- (250) Madwar 25 importatur/negożjant indipendenti fil-Komunità ġew ikkuntattjati mat-tnedija. Madankollu, l-ebda kooperazzjoni ma waslet minn dawn il-partijiet.

- (251) F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma kienx possibbli provviżorjament li jiġi aċċessat bi preċizzjoni l-impatt possibbli tal-miżuri fuq l-importaturi.

7.4. Interess tal-utenti

- (252) Il-kumpaniji magħrufa kollha tal-utenti involuti fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tad-diżil minerali, u involuti wkoll fit-taħlit obbligatorju tad-diżil minerali mal-biodiżil ġew ikkuntattjati u ntbagħtulhom kwestjonarji mat-tnedija.

- (253) Kumpanija waħda biss li tużah uriet kooperazzjoni. Dan l-utent ressaq rispons għall-kwestjonarju li fih stqarr li huwa favur it-tmiem tal-flussi ta' importazzjonijiet irħas mill-Istati Uniti, minħabba li joħlqu tgħawwiġ fil-kompetizzjoni Komunitarja li jikkawża ħsara lill-kumpaniji responsabbli għall-manifattura u għall-bejgħ tad-diżil, billi ċerti kompetituri li ma jżommux lura milli jixtru dan il-prodott irħis għandhom vantaġġ kompetittiv inġust meta mqabbla ma' dawk li jastjenu milli jixtru. Qed jingħad ukoll li l-miżuri għandhom mnejn jippermettu t-tnedija mill-ġdid tal-fabbrika ta' produzzjoni tal-esteri (b'mod partikolari l-Ġermanja) u/jew għandhom jippermettu l-kontinwazzjoni tal-proġetti ta' ħolqien ta' fabbriki ġodda għall-esterifikazzjoni fil-Komunità. Billi l-esteru Ewropew huwa tradizzjonalment magħmul miż-żerriegħa tal-kolza (materja prima ta' kwalità superjuri għall-palm jew għas-sojja użati fil-produzzjoni tal-B99), iż-żieda fl-għadd ta' produtturi fl-Ewropa tkun għalhekk tisser aktar prodotti ta' kwalità aħjar li għandu mnejn jirriżulta f'waqgħa fil-prezzijiet tal-esteru, għall-benefiċċju finali tal-konsulatur.

- (254) Assoċjazzjoni waħda tal-utenti, li tirrappreżenta l-interessi tal-Baħħara fi Stat Membru wieheh stqarret li l-impożizzjoni ta' miżuri għandu mnejn ikollha effetti mhux mixtieqa fuq l-attività tal-membri tagħha. Hija allegat li d-diżil huwa responsabbli għal 20 sa 25 % tal-ispejjeż tas-settur tat-trasport u li meta jitqies il-qliegħ baxx tas-settur (0-5 %), il-prezz tad-diżil huwa determinant għas-sopravivenza ta' eluf ta' kumpaniji. Madankollu, dawn l-allegazzjonijiet ma setgħux jiġu vverifikati billi ma waslu l-ebda tveġibiet għall-kwestjonarju tal-utenti mill-membri individwali tal-assoċjazzjoni inkwistjoni.
- (255) F'dawn iċ-ċirkostanzi, ġie konkluż provviżorjament li, fuq il-bażi tat-tagħrif provdut, l-effett tal-miżuri kompensatorji għandu mnejn jidher imħallat u għalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda konklużjoni ċara rigward l-eżistenza ta' raġunijiet konvinċenti, fl-interess tal-utenti, biexdawn ma jadottawx miżuri f'dan il-każ partikolari.

7.5. L-interess tal-fornituri tal-materja prima

- (256) Sitt fornituri wieġbu għall-kwestjonarju. Erbgħa appoġġjaw l-impożizzjoni ta' miżuri kontra s-sussidju billi stqarrew li, jekk ma għandhomx jiġu imposti miżuri kontra s-sussidju, il-preżenza fit-tul ta' żmien tal-industrija Komunitarja tkun qiegħda f'riskju. Jekk jiġri hekk, jaf ikun hemm impatt negattiv ċar fuq is-sitwazzjoni tagħhom.
- (257) Tnejn oħra li kienu relatati mal-produtturi esportaturi tal-biodiżil fl-Istati Uniti, stqarrew li miżuri possibbli ma jkunux ta' impatt sinifikanti billi għandhom mnejn jirriżultaw f'bidla fil-flussi tal-kummerċ (bidla mill-importazzjonijiet minn pajjiżi mhux koperti mill-miżuri).
- (258) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal, jista' jiġi konkluż li l-impożizzjoni tal-miżuri għandu mnejn ikollha effett ġeneralment pożittiv fuq il-qagħda tal-fornituri tal-materja prima.

7.6. Il-kompetizzjoni u l-effetti li jfixklu l-kummerċ

- (259) Parti waħda interessata allegat inkoerenza tal-proċediment preżenti mad-deċiżjonijiet ta' politika internazzjonali u Komunitarji għall-promozzjoni tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-biofjuwils relatati mal-ħarsien tal-ambjent u mat-tnaqqis tad-dipendenza minn fjuwils minerali.
- (260) F'dan ir-rigward ta' min jinnotta li l-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku jitlob li għandha tingħata konsiderazzjoni speċjali lill-ħtieġa li jinqerdu l-effetti ta' sussidju dannu li jfixklu l-kummerċ, u li tintradd il-kompetizzjoni effettiva. F'dan l-isfond, ma jistgħux jitqiesu konsiderazzjonijiet ġenerali dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-provvista ta'

diżil minerali fl-analiżi u fl-istess ħin ma tistax tkun iġġustifikata l-prassi kummerċjali iġusta.

- (261) Rigward is-suq Komunitarju, wara l-impożizzjoni ta' miżuri kontra s-sussidju, il-produtturi esportaturi kkonċernati tal-Istati Uniti, sforz tal-pożizzjonijiet ta' saħħa li għandhom fis-suq, x'aktarx li jkomplu jbiegħu l-prodotti tagħhom, għalkemm bi prezzijiet mhux sussidjati. X'aktarx ukoll li jkun għad hemm numru biżżejjed ta' kompetituri ewlenin fis-suq Komunitarju, jiġifieri l-produtturi Komunitarji li waqqfu l-produzzjoni temporanjament u oħrajn li ma kinux kapaċi jniedu l-attivitajiet ta' produzzjoni tagħhom minħabba fl-importazzjonijiet sussidjati. ta' min jinnotta f'dan ir-rigward li, fil-bidu tal-perjodu analizzat, il-bejgħ mill-produtturi Komunitarji mhux rappreżentati f'din l-investigazzjoni kien jgħodd għal mill-inqas 30 % tas-suq Komunitarju u dan is-sehem naqas sew minħabba fl-importazzjoni sussidjata mill-Istati Uniti. Għalhekk huwa probabbli li l-utenti se jibqgħu jkollhom l-għażla ta' fornituri differenti tal-biodiżil. Jekk, madankollu, ma tkun imposta l-ebda miżura, il-ġejjieni tal-industrija Komunitarja tkun fil-periklu. L-għibien tagħha jnaqqas bil-kbir il-kompetizzjoni fis-suq Komunitarju.

7.7. Konklużjoni dwar l-interess Komunitarju

- (262) L-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' biodiżil li joriġina fl-Istati Uniti għandha tkun b'mod ċar fl-interess tal-industrija Komunitarja. Għandha tippermetti lill-industrija Komunitarja tikber u tirkupra mill-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet sussidjati. Jekk, madankollu, l-ebda miżura ma tittieħed, x'aktarx li l-qagħda ekonomika tal-industrija Komunitarja tkompli tinqered u aktar operatori għandhom mnejn joħorġu min-negozju. Barra minn hekk, filwaqt li ma setgħet tintlaħaq l-ebda konklużjoni ċara fir-rigward tal-utenti u l-importaturi, l-impożizzjoni ta' miżuri kienet ukoll mistennija li tkun fl-interessi tal-fornituri tal-materja prima.
- (263) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, qed jiġi provviżorjament konkluż li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti ta' interess Komunitarju kontra l-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji.

8. PROPOSTA GĦAL MIŻURI PROVVIŻORJI KONTRA S-SUSSIDJU

8.1. Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu

- (264) Minħabba l-konklużjonijiet li ntlaħqu rigward is-sussidju, id-dannu, il-kawżalità u l-interess Komunitarju, għandhom jiġu imposti miżuri provviżorji kontra s-sussidju biex ma jitħallix li jkun ikkawżat aktar dannu lill-industrija Komunitarja mill-importazzjonijiet sussidjati.

- (265) Il-livell ta' kwalunkwe miżura kumpensatorja għandu jkun biżżejjed biex jelimina l-ħsara lill-industrija Komunitarja kkawżata mill-importazzjonijiet sussidjati, minghajn ma jinqabżu l-marġni ta' sussidju misjuba. Meta jiġi kkalkulat l-ammont ta' dazju meħtieġ biex jitneħħew l-effetti dannu tas-sussidju, tqies li kwalunkwe miżura għandha tħalli lill-industrija Komunitarja tagħmel il-qliegħ qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġjonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet sussidjati.
- (266) Għal dan l-għan, marġini ta' qliegħ ta' 15 % fuq id-dħul jista' jitqies bħala livell xieraq mistenni mill-industrija Komunitarja li jista' jinkiseb fin-nuqqas ta' sussidju ta' dannu msejjes fuq il-prestazzjoni tal-industrija Komunitarja fuq l-ewwel parti tal-perjodu kkunsidrat (2004, 2005 u 2006) u jista' jitqies ukoll raġjonevoli għall-garanzija tal-investiment ta' produzzjoni fit-tul għal din l-industrija stabbilita għida.
- (267) Iż-żieda neċessarja fil-prezz kienet imbagħad determinata fuq il-bażi ta' tqabbil bejn il-prezz medju tal-importazzjonijiet b'piż differenzjat, kif stabbilit għall-kalkoli tatrahhis sostanzjali fil-prezz, u l-prezz ta' minghajn ħsara tal-prodott simili mibjugħ mill-industrija Komunitarja fisuq Komunitarju. Il-prezz ta' minghajn ħsara nkiseb bl-aġġustament tal-prezz tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji fil-kampjun bil-qliegħ/telf attwali magħmul matul il-PI u biż-żieda tal-marġini ta' qliegħ imsemmi hawn fuq. Kull differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet imbagħad espressa bħala perċentwali tal-valur CIF totali tal-importazzjoni.
- (272) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju kumpensatorju ġew stabbiliti permezz ta' qbil bejn il-marġini ta' eliminazzjoni ta' dannu u l-marġini ta' sussidju. Għaldaqstant, id-dazju kumpensatorju propost huwa kif ġej:

- (268) Il-kumpanija li kellha l-eżami individwali msemmi fil-premessa (9) hawn fuq naqqset milli ttipprovdi tagħrif xieraq fir-rigward tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet tagħha lill-Komunità u l-bejgħ mill-ġdid tal-importatur relatat tagħha fil-Komunità. Il-kumpanija ntalbet ttipprovdi ċertu tagħrif biex tirrettifika n-nuqqasijiet fit-tagħrif imressaq mill-kumpanija fir-rispons tal-kwestjonarju tagħha. Il-Kummissjoni għarrfet ukoll lill-kumpanija li, jekk it-tagħrif mitlub ma jingħatax, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku t-tagħrif nieqes provdut fir-rispons tal-kwestjonarju tagħha jista' ma jitqiesx billi dan kien qed jikkawża diffikultajiet bla bżonn għall-wasla ta' sejbiet preċiżi għal din il-kumpanija.
- (269) Il-kumpanija għarrfet dwar il-konsegwenzi tal-kooperazzjoni parzjali tagħha u nġhatat l-opportunità li tikkummenta. Madankollu, ma waslet l-ebda tweġiba fiż-żmien limitat stipulat għal dan l-għan.
- (270) Għaldaqstant, il-livell ta' eliminazzjoni ta' dannu għal din il-kumpanija ġie stipulat b'mod provviżorju fil-livell tal-ogħla marġini ta' dannu li nstab għall-kumpaniji fil-kampjun.

8.2. Miżuri provviżorji

- (271) Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, qed jitqies li, skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri kumpensatorji provviżorji għandhom jiġu imposti fil-livell tal-marġini tas-sussidju misjub, iżda ma għandhomx ikunu ogħla mill-marġini ta' dannu kkalkolat skont ir-regola ta' inqas dazju.

Kumpanija	Marġini ta' ħsara	Marġini ta' sussidju	Rata tad-dazju kumpensatorju
Archer Daniels Midland Company	54,6 %	35,1 %	35,1 %
Cargill Inc.	58,9 %	34,5 %	34,5 %
Green Earth Fuels of Houston LLC	39,8 %	39,0 %	39,0 %
Imperium Renewables Inc.	41,6 %	29,1 %	29,1 %
Peter Cremer North America LP	69,9 %	41,0 %	41,0 %
Vinmar Overseas Limited	69,9 %	41,1 %	41,1 %
World Energy Alternatives LLC	41,7 %	37,6 %	37,6 %
Kumpaniji li kooperaw li ma ddaħħlux fil-kampjuni	51,4 %	36,0 %	36,0 %

- (273) Fid-dawl tal-fatt li d-dazju kumpensatorju għandu japplika għal taħlitiet li fihom bil-piż aktar minn 20 % ta' biodiżil, fi proporzjon mal-kontenut tagħhom ta' biodiżil, qed jitqies meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li jiddeterminaw id-dazji bħala ammonti fissi fuq il-bażi tal-kontenut tal-biodiżil.
- (274) Ir-rati tad-dazju kumpensatorju ta' kumpanija individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, jirriflettu l-qagħda misjuba matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju madwar il-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha") huma għalhekk applikabbli esklusivament għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturati mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati mmanifatturati minn xi kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz, inklużi l-entitajiet relatati ma' daww imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

9. ŻVELAR

- (275) Is-sejbiet provviżorji ta' hawn fuq se jkunu żvelati lill-partijiet interessati kollha li se jkunu mistiedna juru fehmiethom bil-miktub u jitolbu smigħ. Il-kummenti tagħhom se jkunu analizzati u se jitqiesu fejn ikun iġġustifikat qabel ma ssir kwalunke determinazzjoni definittiva. Is-sejbiet provviżorji għandhom mnejn ikollhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid għall-finijiet ta' kwalunkwe sejbiet definittivi.

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'dan qed jiġi impost dazju kumpensatorju fuq l-importazzjoniet ta' esteri monoalkilitiċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' orijini mhux mill-fossili, magħrufa b'mod komuni bħala "biodiżil", f'forma pura jew f'taħlita li jkun fih bil-piż aktar minn 20 % ta' esteri monoalkilitiċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' orijini mhux mill-fossili, li jaqqa' fi ħdan il-kodiċi NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 20), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 20), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 20), ex 2710 19 41 (kodiċi TARIC 2710 19 41 20), 3824 90 91, ex 3824 90 97 (kodiċi TARIC 3824 90 97 87), li joriġina fl-Istati Uniti tal-Amerika.

2. Ir-rata ta' dazju kumpensatorju provviżorju applikabbli lill-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u mmanifatturati mill-kumpaniji mniżżla hawn isfel, għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Rata kumpensatorja tad-dazju Euro għal kull tonnallata metrika netta	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
Archer Daniels Midland Company, Decatur	237,0	A933
Cargill Inc., Wayzata	213,8	A934
Green Earth Fuels of Houston LLC, Houston	213,4	A935
Imperium Renewables Inc., Seattle	216,8	A936
Peter Cremer North America LP, Cincinnati	211,2	A937
Vinmar Overseas Limited, Houston	211,2	A938
World Energy Alternatives LLC, Boston	211,2	A939
Il-kumpaniji mniżżla fl-Anness	219,4	ara l-Anness
Il-kumpaniji l-oħra kollha	237,0	A999

Id-dazju kumpensatorju fuq it-taħlitiet għandu jkun applikabbli bħala proporzjon fit-taħlita, bil-piż, tal-kontenut totali ta' esterj monoalkilitiċi aċidi xaħmija u nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili (il-kontenut ta' biodiżil).

3. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fil-Komunità tal-prodott li jissema fil-paragrafu 1 għandu jkun suġġett għall-provvista ta' sigurtà, ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji doganali li huma fis-seħħ.

Artikolu 2

1. Bla ħsara għall-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 2026/97, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba għall-iżvelar tal-fatti u tal-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, iressqu fehmiethom bil-miktub u japplikaw biex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni, fi żmien 16-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Skont l-Artikolu 31(4) tar-Regolament (KE) Nru 2026/97, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkumentaw dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 3

L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu japplika għal perjodu ta' erba' xhur.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni
Catherine ASHTON
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Produtturi esportaturi tal-Istati Uniti li kkooperaw u li mhumiex fil-kampjun

Isem tal-kumpanija	Belt	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
AC & S Inc.	Nitro	A941
Alabama Clean Fuels Coalition Inc.	Birmingham	A940
Amereco	Phoenix	A941
BioPur Inc.	Bethlehem	A941
Central Iowa Energy LLC	Newton	A940
Chesapeake Custom Chemical Corp.	Ridgeway	A940
Delta BioFuels Inc.	Natchez	A940
East Fork Biodiesel LLC	Algona	A940
Ecogy Biofuels LLC	Tulsa	A940
ED&F Man Biofuels Inc.	New Orleans	A940
Freedom Biofuels Inc.	Madison	A940
Freedom Fuels LLC	Mason City	A941
Fuel Bio	Elizabeth	A940
FUMPA Bio Fuels	Redwood Falls	A940
Galveston Bay Biodiesel LP (BioSelect Fuels)	Houston	A940
GeoGreen Fuels LLC	Houston	A940
Griffin Industries Inc.	Cold Spring	A940
Huish Detergents Inc.	Salt Lake City	A940
Incobrasa Industries Ltd.	Gilman	A940
Independence Renewable Energy Corp.	Perdue Hill	A940
Innovation Fuels Inc.	Newark	A940
Integrity Biofuels	Morristown	A941
Iowa Renewable Energy LLC	Washington	A940
Johann Haltermann Ltd.	Houston	A940
Lake Erie Biofuels LLC	Erie	A940
Louis Dreyfus Agricultural Industries LLC	Wilton	A940
Middletown Biofuels LLC	Blairsville	A940
Musket Corporation	Oklahoma City	A940
Natural Biodiesel Plant LLC	Hayti	A941
Nova Biofuels Clinton County LLC	Clinton	A940
Organic Fuels Ltd.	Houston	A940

Isem tal-kumpanija	Belt	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
Owensboro Grain Company LLC	Owensboro	A940
Pacific Biodiesel Inc.	Kahului	A941
Peach State Labs Inc.	Rome	A940
Philadelphia Fry-O-Diesel Inc.	Philadelphia	A940
Piedmont Biofuels Industrial LLC	Pittsboro	A941
Prairie Pride	Deerfield	A941
RBF Port Neches LLC	Houston	A940
REG Ralston LLC	Ralston	A940
Riksch BioFuels LLC	Crawfordsville	A940
Sanimax Energy Inc.	DeForest	A940
Southeast BioDiesel LLC	Charlotte	A941
Soy Solutions	Milford	A940
SoyMor Biodiesel LLC	Albert Lea	A940
Stepan Company	Northfield	A941
Trafigura AG	Stamford	A940
U.S. Biofuels Inc.	Rome	A940
United Oil Company	Pittsburgh	A940
Vitol Inc.	Houston	A940
Western Dubque Biodiesel LLC	Farley	A940
Western Iowa Energy LLC	Wall Lake	A940
Western Petroleum Company	Eden Prairie	A940
Yokaya Biofuels Inc.	Ukiah	A941

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Marzu 2009

dwar il-pubblikazzjoni b'restrizzjoni tar-referenza tal-istandard EN 12312-9:2005 "Tagħmir ta' appoġġ fl-art għall-inġenji tal-ajru – Rekwiżiti speċjali – Parti 9: Lowders tal-kontejners u l-palits" f'konformità mad-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 1551)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/180/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/37/KE⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-makkinarju u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Komitat Permanenti mwaqqaf mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi u tar-regoli tas-Servizzi tas-Soċjeta tal-Informatika

Billi:

- (1) Fejn standard nazzjonali li jittrasponi l-istandard armonizzat, li r-riferenza għalih tkun ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikopri wieħed jew iktar mir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/37/KE, il-makkinarju mibni skont dak l-istandard ikun meqjus li jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti.
- (2) Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 98/37/KE, Franza ressqet oġġezzjoni formali fir-rigward tal-istandard

EN-12312-9:2005, "Tagħmir ta' appoġġ fl-art għall-inġenji tal-ajru – Rekwiżiti speċjali – Parti 9: Lowders tal-kontejners u l-palits", adottat mill-Komitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) fil-21 ta' Marzu 2005, li r-referenza tiegħu ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea⁽³⁾.

- (3) Wieħed mir-riskji ewlenin marbutin mal-lowders tal-kontejners u l-palits fl-ajruportu huwa r-riskju li jaqgħu mill-pożizzjoni elevata tat-tħaddim u minn pożizzjonijiet oħra li l-operaturi jkollhom aċċess għalihom, huma u jħaddmu l-bibien tat-tagħbija u huma u jgħorru t-tagħbijiet. Il-mezzi tal-protezzjoni minn dan ir-riskju għandhom ikunu effettivi filwaqt li jakkomodaw il-forma tal-inġenju tal-ajru u jevitawha l-ħsara.
- (4) Wara li eżaminat l-istandard EN 12312-9:2005, il-Kummissjoni stabbilixxiet li ma jissodisfax ir-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza 1.5.15 tal-Anness I tad-Direttiva 98/37/KE dwar ir-riskju ta' żliq, ta' tfixkil jew li wieħed jista' jaqa', flimkien mar-rekwiżit essenzjali tas-sikurezza 1.1.2(b) ta' dak l-Anness dwar il-prinċipji tal-intergrazzjoni tas-sikurezza. Partikolarmanet, il-klawżola 5.6 tal-istandard "Tgħaffiġ, qatgħat u waqgħat", ma tagħtix speċifikazzjonijiet għall-għażla, id-disinn, il-post u l-kostruzzjoni tal-mezzi li għandhom jintużaw għall-protezzjoni minn waqgħat mil-lowders tal-kontejners u l-palits iżda tirreferi biss għall-ispeċifikazzjonijiet ġenerali ta' EN 1915-1:2001, "Tagħmir ta' appoġġ fl-art għall-inġenji tal-ajru – Rekwiżiti ġenerali – Parti 1: Rekwiżiti bażiċi tas-sikurezza" li jiddeskrivu t-tipi varji ta' protezzjoni li jistgħu jintużaw.

⁽¹⁾ ĠU L 207, 23.7.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

⁽³⁾ ĠU C 336, 31.12.2005, p. 12.

- (5) Fl-interess tas-sikurezza u ċ-ċertezza legali, il-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tar-referenza tal-istandard EN 12312-9:2005 għandha għalhekk tkun akkumpanjata bi twissija xierqa.
- (6) L-Istati Membri għandhom iżidu twissija identika fil-pubblikazzjoni tagħhom tar-referenza tal-istandards nazzjonali li jittrasponu l-istandard EN 12312-9:2005,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tar-referenza tal-istandard EN 12312-9:2005: "Tagħmir ta' appoġġ fl-art għall-inġenji tal-ajru – Rekwiżiti speċjali – Parti 9: Lowders tal-kontejners u l-palits" għandha tkun kif stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 98/37/KE, meta l-Istati Membri jipubblikaw ir-referenza ta' standard nazzjonali li jittrasponi l-istandard armonizzat EN 12312-9:2005, mal-pubblikazzjoni għandhom iżidu twissija identika għal dik stipulata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 11 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Vċi-President

ANNEX

Pubblikazzjoni ta' titoli u referenzi tal-istandards armonizzati Ewropej skont id-Direttiva 98/37/KE

ESO ⁽¹⁾	Referenza u titlu tal-istandard armonizzat (u d-dokument tar-referenza)	L-ewwel publikazzjoni fil-ĠU	Referenza tal-istandard mibdul	Id-data tat-tmiem tal-preżunzjoni tal-konformità tal-istandard mibdul (Nota 1)
CEN	EN 12312-9:2005 Tagħmir ta' appoġġ fl-art għall-inġenji tal-ajru – Rekwiżiti speċjali – Parti 9: Lowders tal-Kontejners u l-Palits	31.12.2005	—	

Twissija: Din il-pubblikazzjoni ma tikkonċernax il-klawżola 5.6 tal-istandard li l-applikazzjoni tiegħu ma timplikax preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza 1.5.15 tal-Anness I tad-Direttiva 98/37/KE, flimkien mar-rekwiżit 1.1.2(b) ta' dak l-Anness.

⁽¹⁾ ESO: European Standards Organisation (Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandards):

— CEN: rue de Stassart/de Stassartstraat 36, 1050 Bruxelles/Brussel, Belgique/België, tél./tel. +32 25500811; fax +32 25500819 (<http://www.cen.eu>).

Nota 1 Ġeneralment, id-data tat-tmiem tal-preżunzjoni tal-konformità tkun id-data tal-irtirar ("dow" – date of withdrawal), iffissata mill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandardizzazzjoni, imma għandha tingħied l-attenzjoni tal-utenti ta' dawn l-istandards lejn il-fatt li f'ċerti każijiet eċċezzjonali din tista' tkun mod ieħor.

Nota:

— Kull informazzjoni li tikkonċerna d-disponibilità tal-istandards tista' tinkiseb mill-Organizzazzjonijiet tal-Istandardizzazzjoni Ewropej jew mill-korpi tal-istandardizzazzjoni nazzjonali li l-lista tagħhom hija annessa mad-Direttiva 98/34/KE.

— Il-pubblikazzjoni tar-referenzi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ma timplikax li l-istandards huma disponibbli fl-ilsna kollha tal-Komunità.

Hemm aktar tagħrif dwar l-istandards armonizzati fuq l-Internet fil-websajt:

<http://europa.eu.int/comm/enterprise/newapproach/standardization/harmstds/>

III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2009/181/PESK

tal-11 ta' Marzu 2009

li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2007/427/PESK ⁽¹⁾ li taħtar lis-Sur Miroslav LAJČÁK bħala Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Bosnja u Herzegovina.
- (2) Fit-18 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/130/PESK ⁽²⁾ li estendiet il-mandat tar-RSUE sat-28 ta' Frar 2009.
- (3) Abbażi ta' reviżjoni tal-Azzjoni Konġunta 2008/130/PESK, il-mandat tar-RSUE għandu jiġi estiż b'perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar.
- (4) B'ittra datata s-26 ta' Jannar, is-Sur LAJČÁK ippreżenta r-riżenja tiegħu. Għalhekk għandu jinħatar RSUE ġdid għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2009 sat-28 ta' Frar 2010.
- (5) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli (SĠ/RGħ) irrakkomanda li s-Sur Valentin INZKO jinħatar bħala r-RSUE ġdid fil-Bosnja u Herzegovina.

- (6) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi implimentat f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni sabiex tkun żgurata l-konsistenza ma' attivitajiet rilevanti oħra li jaqgħu fil-kompetenza Komunitarja.

- (7) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tagħmel ħsara lill-oġġettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni stab-biliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Is-Sur Valentin INZKO huwa b'dan maħtur bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Bosnja u Herzegovina (BiH) għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2009 sat-28 ta' Frar 2010.

Artikolu 2

Oġġettivi ta' politika

Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni Ewropea (UE) fil-BiH. Dawn jiċċentraw fuq progress kontinwu fl-implementazzjoni tal-Ftehim Kwadru Ġenerali għall-Paċi (GFAP) fil-BiH, f'konformità mal-Pjan ta' Implementazzjoni tal-Missjoni tal-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli, kif ukoll fuq progress kontinwat fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, bil-għan ta' BiH stabbli, vijabbli, paċifika u multietnika, li tikkopera paċifikament mal-ġirien tagħha u li timxi irreversibbilment fit-triq lejn sħubija fl-UE.

⁽¹⁾ ĠU L 159, 20.6.2007, p. 63.

⁽²⁾ ĠU L 43, 19.2.2008, p. 22.

Artikolu 3

Mandat

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika tal-UE fil-BiH, il-mandat tar-RSUE għandu jkun li:

- (a) joffri l-konsulenza tal-UE u jiffaċilita l-proċess politiku;
- (b) jippromwovi koordinazzjoni politika ġenerali tal-UE u jikkontribwixxi għar-rinfurzar tal-koordinazzjoni u l-koerenza interni tal-UE fil-BiH, inkluż permezz ta' laqgħat informattivi mal-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE u permezz ta' parteċipazzjoni, jew rappreżentanza, fil-laqgħat regolari tagħhom, billi jippresjedi grupp ta' koordinazzjoni magħmul mill-atturi kollha tal-UE preżenti fil-kamp bil-ħsieb li jiġu kkoordinati l-aspetti implimentattivi tal-azzjoni tal-UE, u billi jagħtihom gwida dwar relazzjonijiet mal-awtoritajiet tal-BiH;
- (c) jippromwovi koordinazzjoni ġenerali tal-isforzi tal-UE, u jagħtihom direzzjoni politika lokali, fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, mingħajr preġudizzju għar-rwol ta' tmexxija tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-koordinazzjoni tal-aspetti ta' dawn l-isforzi li jirrigwardaw il-pulizija u għal-linja ta' kmand militari tal-ALTHEA (EUFOR);
- (d) mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand militari, joffri lill-Kmandant tal-Forza tal-UE gwida politika dwar kwistjonijiet militari b'dimensjoni politika lokali, b'mod partikolari rigward operazzjonijiet sensitivi, relazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u mal-media lokali;
- (e) jikkonsulta mal-Kmandant tal-Forza tal-UE qabel ma jieħu azzjoni politika li jista' jkollha impatt fuq is-sitwazzjoni tas-sigurtà;
- (f) jiżgura l-konsistenza u l-koerenza tal-azzjoni tal-UE lejn il-pubbliku; il-kelliem tar-RSUE għandu jkun il-punt ta' kuntatt prinċipali tal-UE għall-medja fil-BiH dwar kwistjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni/Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża (PESK/PESD);
- (g) iżomm ħarsa ġenerali fuq il-firxa kollha tal-attivitajiet fil-qasam tal-istat tad-dritt u, f'dan il-kuntest, jipprovdni konsulenza, kif meħtieġ, lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli (SĠ/RGħ) u lill-Kummissjoni;
- (h) jipprovdni lill-Kap tal-Missjoni tal-EUPM bi gwida politika lokali; ir-RSUE u l-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ;
- (i) bħala parti mill-approċċ usa' fir-rigward tal-istat tad-dritt adottat mill-komunità internazzjonali u mill-awtoritajiet tal-BiH u, billi juża l-kompetenza u l-assistenza teknika tal-pulizija pprovduti mill-EUPM f'dan ir-rigward, jappoġġja t-tnejjija u l-implimentazzjoni tar-ristrutturazzjoni tal-pulizija;
- (j) jipprovdni appoġġ sabiex tiġi rinfurzata u ssir aktar effettiva l-interfaċċa bejn il-pulizija u s-sistema tal-ġustizzja kriminali tal-BiH, f'kollegament mill-qrib ma' l-EUPM;
- (k) jikkonsulta mal-Kap tal-EUPM qabel ma jieħu azzjoni politika li jista' jkollha impatt fuq il-pulizija u s-sitwazzjoni tas-sigurtà;
- (l) safejn ikunu kkonċernati l-attivitajiet taħt it-Titolu VI tat-Trattat, inkluż l-Europol, u attivitajiet Komunitarji relatati, jipprovdni konsulenza lis-SĠ/RGħ u lill-Kummissjoni kif meħtieġ, u jieħu sehem fil-koordinazzjoni lokali meħtieġa;
- (m) bil-ħsieb ta' koerenza u ta' sinerġiji possibbli, ikompli jipprovdni konsulenza dwar prijoritajiet għall-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni;
- (n) jappoġġja ppjanar għall-uffiċċju tar-RSUE msaħħaħ fil-kuntest tal-għeluq tal-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli (OHR), kif ukoll jipprovdni konsulenza dwar aspetti ta' informazzjoni pubblika tat-transizzjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni;
- (o) jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-BiH, bi qbil mal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Linji Gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

- (p) jinvolvi ruħu mal-awtoritajiet rilevanti tal-BiH dwar il-kooperazzjoni sħiħa tagħhom mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY);
- (q) jipprovdi konsulenza u faċilitazzjoni politika fil-proċess tar-riforma kostituzzjonali;
- (r) mingħajr preġudizzju għal linja ta' kmand applikabbli, jagħti għajna biex jiġi żgurat li l-istrumenti kollha tal-UE fil-kamp jiġu applikati b'mod koerenti biex jinkisbu l-oġġettivi ta' politika tal-UE.

Artikolu 4

Implimentazzjoni tal-mandat

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat waqt li jaġixxi taħt l-awtorità u d-direzzjoni operattiva tas-SĠ/RGħ.
2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jżomm rabta privileġġata mar-RSUE u għandu jkun il-punt ta' kuntatt primarju mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovdi lir-RSUE gwida strateġika u direzzjoni politika fil-qafas tal-mandat.

Artikolu 5

Rappreżentant Għoli

Ir-rwol tar-RSUE ma għandu bl-ebda mod jippreġudika l-mandat tar-Rappreżentant Għoli fil-BiH, inkluż ir-rwol tiegħu ta' koordinazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet kollha tal-organizzazzjonijiet ċivili u l-aġenziji kollha kif previst fil-Ftehim Qafas Ġenerali għall-Paċi (GFAP) u l-konklużjonijiet u d-dikjarazzjonijiet sussegwenti tal-Kunsill għall-Implementazzjoni tal-Paċi (PIC).

Artikolu 6

Finanzjament

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub biex ikopri nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perjodu mill-1 ta' Marzu 2009 sat-28 ta' Frar 2010 għandu jkun ta' EUR 3 200 000.
2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun eliġibbli sa mill-1 ta' Marzu 2009. In-nefqa għandha tiġi amministrata skond il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej bl-eċċezzjoni li kwalunkwe pre-finanzjament m'għandux jibqa' l-proprietà tal-Komunità.

3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jagħti rendikont ta' kull infiq lill-Kummissjoni.

Artikolu 7

Formazzjoni u kompożizzjoni tat-tim

1. Fil-limiti tal-mandat tiegħu u l-mezzi finanzjarji korrispondenti disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbli mill-formazzjoni tat-tim tiegħu f'konsultazzjoni mal-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, u f'assoċjazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni. It-tim għandu jinkludi l-kompetenzi dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika kif meħtieġ mill-mandat. Ir-RSUE għandu jżomm lis-SĠ/RGħ, lill-Presidenza u lill-Kummissjoni informati dwar il-kompożizzjoni tat-tim tiegħu.
2. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jipponu l-issekondar tal-persunal biex jaħdem mar-RSUE. Is-salarju ta' persunal li jiġi ssekondat minn Stat Membru jew minn istituzzjoni tal-UE lir-RSUE għandu jkun kopert mill-Istat Membru jew l-istituzzjoni tal-UE kkonċernata rispettivament. Esperti ssekondati mill-Istati Membri lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistgħu jiġu stazzjonati wkoll mar-RSUE. Il-persunal internazzjonali kkontrattat għandu jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE.
3. Il-persunal issekondat kollu għandu jibqa' taħt l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru jew l-istituzzjoni tal-UE mandanti u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.

Artikolu 8

Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u l-persunal tiegħu

Il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji oħra meħtieġa għat-tlestija u l-funzjonament bla tfixkil tal-missjoni tar-RSUE u l-membri tal-persunal tiegħu għandhom jiġu miftiehma mal-parti(jiet) ospitanti kif meħtieġ. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dan l-għan.

Artikolu 9

Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata tal-UE

Ir-RSUE u l-membri tat-tim tiegħu għandhom jirrispettaw il-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti tal-Kunsill rigward is-sigurtà⁽¹⁾, b'mod partikolari fil-ġestjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE.

(¹) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1.

*Artikolu 10***Aċċess għal informazzjoni u sostenn loġistiku**

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li jingħata aċċess lir-RSUE għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

2. Il-Presidenza, il-Kummissjoni, u/jew l-Istati Membri, kif meħtieġ, għandhom jipprovdu sostenn loġistiku fir-reġjun.

*Artikolu 11***Sigurtà**

Konformement mal-politika tal-UE dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-UE f'kapaċità operazzjonali taħt it-Titolu V tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli, f'konformità mal-mandat tiegħu u s-sitwazzjoni tas-sigurtà fiż-żona ġeografika taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tiegħu, notevolment billi:

- (a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku għall-missjoni bbażat fuq il-gwida tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, li jinkludi miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi għall-missjoni, l-immaniġġar tal-moviment sigur tal-persunal lejn, u ġewwa, iż-żona tal-missjoni, kif ukoll l-immaniġġar ta' inċidenti ta' sigurtà u li jinkludi pjan ta' kontinġenza u evakwazzjoni tal-missjoni;
- (b) jiżgura li l-persunal kollu skjerat barra mill-UE jkun kopert b'assigurazzjoni ta' riskju għoli kif meħtieġ mill-kondizzjonijiet fiż-żona tal-missjoni;
- (c) jiżgura li l-membri kollha tat-tim tiegħu li jridu jiġu skjerati barra l-UE, inkluż persunal ikkuntrattat lokalment, ikunu ħadu taħriġ ta' sigurtà xieraq qabel u mal-wasla fiż-żona tal-missjoni, ibbażat fuq il-klassifikazzjoni ta' riskju mogħtija liż-żona tal-missjoni mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill;

- (d) jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet kollha miftiehma, magħmula wara valutazzjonijiet ta' sigurtà regolari jiġu implimentati u jipprovdi lis-SĠ/RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'rapporti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħra ta' sigurtà fil-qafas tar-rapporti ta' nofs it-term u tal-implimentazzjoni tal-mandat.

*Artikolu 12***Rappurtar**

Ir-RSUE għandu jipprovdi regolarment lis-SĠ/RGħ u lill-KPS b'rapporti bil-fomm u bil-kitba. Ir-RSUE għandu jirrapporta wkoll kif meħtieġ lill-gruppi ta' ħidma. Rapporti regolari bil-miktub għandhom jiġu ċċirkolati permezz tan-network COREU. Fuq ir-rakkomandazzjoni tas-SĠ/RGħ jew tal-KPS, ir-RSUE jista' jipprovdi rapporti lill-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni.

*Artikolu 13***Koordinazzjoni**

1. L-attivitajiet tar-RSUE għandhom jiġu kkoordinati kif meħtieġ ma' dawk tal-Presidenza u tal-Kummissjoni, kif ukoll dawk ta' RSUE oħrajn attivi fir-reġjun. Ir-RSUE għandu jipprovdi lill-missjonijiet tal-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni b'aġġornamenti regolari ta' informazzjoni.

Fuq il-post, għandu jinżamm kollegament mill-qrib mal-Presidenza, mal-Kummissjoni u mal-Kapijiet tal-Missjoni tal-Istati Membri. Huma għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jgħinu lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE għandu wkoll jikkollabora ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħra fil-qasam.

2. B'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar tal-kriżijiet, ir-RSUE, flimkien ma' atturi tal-UE oħra preżenti fil-kamp, għandu jtejjeb it-tixrid u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni minn dawk l-atturi tal-UE bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' għarfien komuni u ta' valutazzjoni komuni dwar is-sitwazzjoni.

*Artikolu 14***Reviżjoni**

L-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħra mill-UE lir-reġjun għandhom jinżammu taħt reviżjoni regolari. Ir-RSUE għandu jippreżenta lis-SĠ/RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'rapport ta' progress qabel l-aħħar ta' Ġunju 2009 u rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sa nofs Novembru 2009. Dawn ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għal valutazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta fil-gruppi ta' ħidma rilevanti u mill-KPS. Fil-kuntest tal-prijoritajiet ġenerali għall-iskjerament, is-SĠ/RGħ għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-KPS rigward id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid, l-emendament jew it-terminazzjoni tal-mandat.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 16***Pubblikazzjoni**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 11 ta' Marzu 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
K. SCHWARZENBERG

IV

(Atti oħrajn)

SPAŻJU EKONOMIKU EWROPEW

IL-KUMITAT PERMANENTI TAL-ISTATI EFTA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT PERMANENTI TAL-ISTATI TAL-EFTA

Nru 5/2008/KP

tal-4 ta' Diċembru 2008

li jemenda d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Permanenti Nru 5/2004/KP u Nru 1/2007/KP li jistabbilixxu prinċipju tal-qsim tal-ispejjeż għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE

IL-KUMITAT PERMANENTI TAL-ISTATI TAL-EFTA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ġiet mibdula mill-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 38a dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE mdaħħal fil-Ftehim taż-ŻEE bil-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja fiż-Żona Ekonomika Ewropea, u emendat mill-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 5/2004/KP tat-23 ta' Settembru 2004 li tistabbilixxi prinċipju tal-qsim tal-ispejjeż għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-fatt li l-Liechtestein issa qiegħda f'pożizzjoni li tipproduċi d-dejta uffiċjali tagħha dwar il-Prodott Gross Domestiku (PGD), madankollu b'dewmien li normalment hu ta' sentejn,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kapi tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tal-24 ta' April 2008,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-test tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 1/2007/KP li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 5/2004/KP li tistabbilixxi prinċipju tal-qsim tal-ispejjeż għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE, għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-paragrafu 6 u 7 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 5/2004/KP li jistabbilixxi prinċipju tal-qsim tal-ispejjeż għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għandu jinbidel b'dan li ġej:

'6. Id-dejta tal-PGD li dwarha għandhom ikunu bbażati l-kontribuzzjonijiet għal sena speċifika t, għandha tintbagħat sal-1 ta' Frar tal-istess sena u għandha tkun relatata mas-sena t-2. Meta d-dejta tal-PGD għas-sena t-2 mhix disponibbli, għal-Liechtenstein għandha tintuża prokura bbażata fuq l-aħħar dejta tal-PGD disponibbli (t-4) aġġustata bir-rata ta' tkabbir tal-PGD Svizzeru għal t-3 u t-2. Dan il-metodu huwa suġġett għal revizzjoni fi żmien tliet snin.'

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ immedjatament u tapplika għall-ħames/l-aħħar porzjon (2008/2009).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kumitat Permanenti**Il-President*

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

Is-Segretarju Ġenerali

Kåre BRYN

CORRIGENDUM

Rettifika għad-Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-testijiet dwar jekk il-vetturi u l-karrijiet tagħhom humiex tajba għat-triq

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej L 46, 17 ta' Frar 1997, Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 7 Volum 002)

FPaġna 524, Anness II, Tabella, Punt 2:

minflok:

"2. It-tmexxija u l-isteering	2. It-tmexxija
2.1. Il-kondizzjoni mekkanika	2.1. Il-kondizzjoni mekkanika
2.2. L-isteering	2.2. It-tmexxija tal-isteering
2.3. It-tmexxija tal-isteering	2.3. L-attachment tas-sistema ta' tmexxija";
2.4. Il-bearings tal-isteering	

aqra:

"2. It-tmexxija u l-isteering	2. It-tmexxija
2.1. Il-kondizzjoni mekkanika	2.1. Il-kondizzjoni mekkanika
2.2. L-isteering	2.2. It-tmexxija tal-isteering
2.3. It-tmexxija tal-isteering	2.3. L-attachment tas-sistema ta' tmexxija
	2.4. Il-bearings tal-isteering".

FPaġna 526, Anness II, Tabella, Punt 7.5:

minflok:

"7.5. Il-kit tal-ewwel għajnuna	7.5. Iċ-ċinturini ta' sigurtà
7.5.1. Is-sigurtà tal-immuntar	
7.5.3. L-Operazzjoni	7.5.2. Il-Kondizzjoni taċ-ċinturini";

aqra:

"7.5. Il-kit tal-ewwel għajnuna	7.5. Iċ-ċinturini ta' sigurtà
	7.5.1. Is-sigurtà tal-immuntar
	7.5.2. Il-Kondizzjoni taċ-ċinturini
	7.5.3. L-Operazzjoni".